

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** DIRETTIVA 2007/46/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Settembru 2007

li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi

(“Direttiva Kwadru”)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1060/2008 tas-7 ta' Ottubru 2008	L 292	1	31.10.2008
► <u>M2</u>	Regolament (KE) Nru 78/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009	L 35	1	4.2.2009
► <u>M3</u>	Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009	L 35	32	4.2.2009
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 385/2009 tas-7 ta' Mejju 2009	L 118	13	13.5.2009
► <u>M5</u>	Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009	L 200	1	31.7.2009
► <u>M6</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/19/UE tad-9 ta' Marzu 2010	L 72	17	20.3.2010
► <u>M7</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 371/2010 tas-16 ta' April 2010	L 110	1	1.5.2010

Kkoreġuta minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 128, 27.5.2009, p. 61 (385/2009)



**DIRETTIVA 2007/46/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL**

tal-5 ta' Settembru 2007

**li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u
l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi
separati maħsuba għal tali vetturi**

(“Direttiva Kwadru”)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u
b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali
Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-
Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽³⁾, ġiet emendata b'mod sostanzjali diversi drabi. Billi jridu jsiru emendi ulterjuri, hija għandha tinkiteb mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.
- (2) Għall-finijiet ta' l-istabbiliment u t-tħaddim tas-suq intern tal-Komunità, huwa xieraq li s-sistemi ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri jiġu sostitwiti bi proċedura ta' approvazzjoni Komunitarja msejsa fuq il-prinċipju ta' armonizzazzjoni totali.
- (3) Il-ħtiġijiet tekniċi applikabbli għas-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati u l-vetturi għandhom ikunu armonizzati u speċifikati f'atti regolatorji. Dawk l-atti regolatorji għandhom primarjament ifittxu li jiżguraw livell għoli ta' sikurezza stradali, protezzjoni tas-saħħa, protezzjoni ambjentali, effiċjenza fl-enerġija u protezzjoni kontra l-użu mhux awtorizzat.

⁽¹⁾ ĠU C 108, 30.4.2004, p. 29.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2004 (ĠU C 97 E, 22.4.2004, p. 370), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2006 (ĠU C 64 E, 20.3.2007, p. 1) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Mejju 2007 (għadhom ma ġewx ippubblikati fil-ĠU). Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2007.

⁽³⁾ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) 715/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

▼B

- (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/53/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 li temenda d-Direttiva 70/156/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom⁽¹⁾ illimitat l-applikazzjoni tal-proċedura Komunitarja għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi sħaħ għall-vetturi tal-kategorija M₁. Madankollu sabiex is-suq intern jiġi komplut u jkun żgurat li jiffunzjona tajjeb, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva preżenti għandu jkopri l-kategoriji kollha tal-vetturi, li jippermetti lill-manifatturi li jgawdu mill-vantaġġi tas-suq intern permezz ta' l-approvazzjoni tat-tip Komunitarja.
- (5) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jadattaw għall-proċeduri armonizzati ġodda, għandu jingħata żmien biżżejjed qabel ma l-approvazzjoni tat-tip Komunitarja għall-vetturi issir obligatorja għall-vetturi fil-kategoriji mhux M₁ li jinbnew fi stadju wieħed. Tali żmien jeħtieġ ikun itwal għall-vetturi tal-kategoriji mhux M₁ li jeħtieġu approvazzjoni f'diversi stadji, billi dik il-proċedura ser tinvolvi l-kostrutturi (body-builders), li jridu jiksibu biżżejjed esperjenza f'dak il-qasam sabiex il-proċeduri meħtieġa jkunu jistgħu jiġu implimentati kif suppost. Madankollu, minħabba l-importanza tas-sikurezza għall-vetturi ta' kategorija M₂ u M₃, waqt il-perijodu transitorju fejn l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali tkun għadha valida sabiex tippermetti l-manifatturi jiksibu l-esperjenza fl-approvazzjoni tat-tip ta' vettura KE, huwa meħtieġ li daww il-vetturi jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi tad-direttivi armonizzati.
- (6) Sa issa, il-manifatturi li jipproduċu vetturi f'serje żgħira kienu qed jiġu esklużi parzjalment mill-benefiċċji tas-suq intern. L-esperjenza wriet li s-sikurezza stradali u l-ħarsien ta' l-ambjent jistgħu jitjiebu sostanzjalment jekk vetturi ta' serje żgħira jiġu integrati għal kollox fis-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, bil-kategorija M₁ bħala l-ewwel waħda.
- (7) Sabiex jiġi evitat l-abbuż, kwalunkwe proċedura simplifikata għal vetturi ta' serje żgħira għandha tiġi ristretta għal każi ta' produzzjoni limitata ħafna; jinħtieġ għalhekk li jiġi definit b'mod aktar preċiż il-kunċett ta' serje żgħira f'termini tan-numru ta' vetturi prodotti.
- (8) Hu importanti li jiġu stabbiliti miżuri li bihom il-vetturi jkunu jistgħu jiġu approvati fuq bażi individwali, sabiex titħalla biżżejjed flessibbiltà fis-sistema ta' approvazzjoni b'diversi stadji; madankollu, sakemm jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi armonizzati, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jitħallew jagħtu approvazzjonijiet individwali skond ir-regoli nazzjonali tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 225, 10.8.1992, p. 1.

▼B

- (9) Sakemm jiġu applikati l-proċeduri Komunitarji ta' approvazzjoni tat-tip għall-vetturi għall-kategoriji ta' vetturi li mhumiex M₁, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikomplu jagħtu approvazzjonijiet tat-tip għall-vetturi fuq bażi nazzjonali, u għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet transitorji għaldaqstant.
- (10) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għat-tħaddim tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽¹⁾.
- (11) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE ⁽²⁾, il-Komunità aderixxiet għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jintramaw u/jew jiġu użati fuq vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' l-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim ta' l-1958 Rivedut").

B'konsegwenza, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) li għalihom taderixxi l-Komunità fl-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, u l-emendi għar-Regolamenti ta' l-UNECE li għalihom il-Komunità diġà aderixxiet għandhom ikunu inkorporati fil-proċedura Komunitarja ta' l-approvazzjoni tat-tip bħala ħtiġijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-vetturi jew bħala alternattivi għal-liġi Komunitarja eżistenti. B'mod partikolari, meta l-Komunità tiddeċiedi, permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill, li Regolament ta' l-UNECE għandu jsir parti mill-proċedura tal-KE għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi u jissostitwixxi l-liġi Komunitarja eżistenti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tagħmel l-adattamenti meħtieġa għal din id-Direttiva. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jew sabiex iżidu ma' din id-Direttiva biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom ikunu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

- (12) Għal finijiet ta' regolamentazzjoni aħjar u simplifikazzjoni u sabiex ma jkunx jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar kwistjonijiet ta' speċifikazzjonijiet tekniċi tiġi aġġornata b'mod kostanti, għandu jkun possibbli għal din id-Direttiva jew għad-direttivi u regolamenti separati li jagħmlu referenzi għal standards u regolamenti internazzjonali eżistenti, mingħajr ma jitniżżlu fil-qafas legali Komunitarju.
- (13) Sabiex jiġi żgurat li l-proċedura għall-monitoraġġ tal-konformità tal-produzzjoni, li hi wieħed mis-sisien ewlenin tas-sistema Komunitarja ta' l-approvazzjoni tat-tip, tkun għet implimentata b'mod korrett u tiffunzjona tajjeb, għandhom issiru kontrolli regolari fuq il-manifatturi mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kwalifikat kif xieraq maħtur għal dak l-iskop.

⁽¹⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

⁽²⁾ ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

▼B

- (14) L-objettiv ewlieni tal-leġislazzjoni rigward l-approvazzjoni dwar il-vetturi hu li jiġi żgurat li vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda li jitqiegħdu fis-suq jipprovdu livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni ambjentali. Dan l-għan m'għandux jiġi mxekkel bl-immuntar ta' ċerti partijiet jew tagħmir wara li l-vetturi jkunu tqiegħdu fis-suq jew daħlu fis-servizz. Għalhekk, għandhom jittieghdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat li partijiet jew tagħmir li jistgħu jintramaw fuq il-vetturi u jistgħu jxekklu b'mod sostanzjali t-tħaddim ta' sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali, ikunu soġġetti għal kontroll minn qabel minn awtorità ta' l-approvazzjoni qabel ma dawn jiġu offruti għall-bejgħ. Dawn il-miżuri għandhom jikkonsistu minn dispożizzjonijiet tekniċi li jikkonċernaw il-ħtiġijiet li dawk il-partijiet jew tagħmir iridu jikkonformaw magħhom.
- (15) Dawn il-miżuri għandhom japplikaw biss għal numru limitat ta' partijiet jew tagħmir. Il-lista tal-partijiet jew tat-tagħmir u tal-ħtiġijiet sussegwenti għandhom jiġu stabbiliti wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Filwaqt li tfassal il-lista, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet interessati fuq il-bażi ta' rapport u tagħmel minn kollox biex ikun hemm bilanċ ġust bejn ir-rekwiżiti għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq u l-ħarsien ambjentali, kif ukoll ta' l-interessi tal-konsumaturi, tal-manifatturi u tad-distributuri fil-preservazzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq sekondarju (aftermarket).
- (16) Il-lista tal-partijiet u t-tagħmir, is-sistemi essenzjali konċernati kif ukoll il-miżuri ta' ttestjar u implimentazzjoni għandhom jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fid-Deċiżjoni 1999/468/KE. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jew sabiex iżidu ma' din id-Direttiva bl-addizzjoni ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom ikunu adottati b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a ta' dik id-Deċiżjoni.
- (17) Din id-Direttiva tikkostitwixxi ġabra ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' sikurezza fis-sens ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti⁽¹⁾, u tistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. Għalhekk, hu importanti li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jiżguraw li, fil-każ li vettura tippreżenta riskju serju għall-konsumaturi b'riżultat ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, il-manifattur ikun ħa miżuri protettivi effettivi, inkluż il-għbir lura tal-vetturi. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom għalhekk ikunu jistgħu jivvalutaw jekk il-miżuri proposti humiex biżżejjed jew le.
- (18) Huwa importanti li l-manifatturi jipprovdu lis-sidien tal-vetturi l-informazzjoni rilevanti sabiex ma jsirx użu ħażin mill-apparat tas-sikurezza. Huwa xieraq li jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar dan f'din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

▼B

- (19) Huwa wkoll importanti li l-manifatturi tat-tagħmir ikollhom aċċess għal ċerta informazzjoni li tkun disponibbli biss għand il-manifattur tal-vettura, jigiifieri, l-informazzjoni teknika, inklużi d-disinj, meħtieġa għall-iżvilupp ta' partijiet għas-suq sekondarju.
- (20) Huwa daqstant importanti li l-manifatturi jagħmlu l-informazzjoni faċilment disponibbli għal operaturi indipendenti biex ikunu żgurati t-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi f'suq kompetittiv għal kollox. Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni s'issa kienu inkorporati fil-leġiżlazzjoni Komunitarja u b'mod partikulari fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet minn vetturi ħafifa tal-passiġieri u kummerċjali (Euro 5 u 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi ⁽¹⁾, u fuq il-bażi li l-Kummissjoni ser tippreżenta rapport, mhux aktar tard minn 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament, dwar it-tħaddim tas-sistema ta' aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u ser tqis jekk ikunx xieraq li tikkonsolida d-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw l-aċċess għal din l-informazzjoni fi ħdan direttiva kwadru riveduta dwar l-approvazzjoni tat-tip.
- (21) Bl-għan tas-simplifikazzjoni u t-tħaffif tal-proċedura, miżuri li jimplimentaw id-direttivi jew ir-regolamenti separati kif ukoll miżuri għall-adattament ta' l-Annessi ta' din id-Direttiva u d-direttivi jew ir-regolamenti separati, b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' l-għarfien xjentifiku u tekniku għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva jew tad-direttivi jew regolamenti separati, jew sabiex jissupplimentawha biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom ikunu adottati b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a ta' dik id-Deċiżjoni. L-istess proċedura għandha tapplika għal adattamenti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi maħsuba għal persuni b'diżabilità.
- (22) L-esperjenza turi li jista' jkollhom jittieħdu mingħajr dewmien miżuri xierqa bil-ħsieb li tiġi żgurata protezzjoni aħjar għal dawk li jużaw it-toroq, fejn ġew identifikati nuqqasijiet fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Għal tali każijiet urġenti, l-emendi meħtieġa għad-direttivi jew ir-regolamenti separati għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-direttivi jew tar-regolamenti separati jew sabiex jissupplimentawhom biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom ikunu adottati b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a ta' dik id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.

▼B

- (23) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kisba tas-suq intern permezz ta' l-introduzzjoni ta' sistema obbligatorja ta' approvazzjoni tat-tip Komunitarja għall-kategoriji kollha tal-vetturi, ma' jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba l-iskala ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar f'livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.
- (24) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttivi ta' qabel. L-obbligu ta' traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumix mibdula jgħodgħ mid-Direttivi ta' qabel.
- (25) Bi qbil mal-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ⁽¹⁾, l-Istati Membri huma mhegħa biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.
- (26) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B ta' l-Anness XX.
- (27) Ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva huma skond il-prinċipji stabbiliti fil-Pjan ta' azzjoni "Simplifikazzjoni u titjib ta' l-ambjent regolatorju".
- (28) Huwa ta' importanza partikulari li miżuri futuri proposti fuq il-bażi ta' din id-Direttiva jew proċeduri li se jkunu implimentati għall-applikazzjoni tagħha għandhom ikunu konformi ma' dawn il-prinċipji, li reġgħu ġew stabbiliti mill-ġdid mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar Qafas Regolatorju Kompetittiv għall-Karrozzi għas-Seklu 21,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u l-ħtiġijiet tekniċi ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi ġodda kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tas-sistema, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawk il-vetturi, bil-ħsieb li jiġu faċilitati r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz tagħhom fil-Komunità.

⁽¹⁾ ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

▼B

Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll id-dispożizzjonijiet għall-bejgħ u d-dħul fis-servizz tal-partijiet u t-tagħmir maħsuba għall-vetturi approvati skond din id-Direttiva.

Ħtiġijiet tekniċi speċifiċi dwar il-konstruzzjoni u l-funzjonament tal-vetturi għandhom jiġu stabbiliti fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva f'atti regolatorji li l-lista eżawrjenti tagħhom hi stabbilita fl-Anness IV.

*Artikolu 2***Kamp ta' Applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi mfassla u mibnija f' stadju wieħed jew aktar għall-użu fit-triq, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati mfassla u mibnija għal tali vetturi.

Hija tapplika wkoll għall-approvazzjoni individwali ta' tali vetturi.

Din id-Direttiva tapplika wkoll għall-partijiet u t-tagħmir maħsuba għall-vetturi koperti b'din id-Direttiva.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-approvazzjoni tat-tip jew l-approvazzjoni individwali tal-vetturi li ġejjin:

(a) trasters agrikoli jew tal-forestrija, kif definiti fid-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jinġibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ⁽¹⁾, u karrijiet imfassla u mibnija speċifikament biex jiġu rmunkati minnhom;

(b) kwadriċikli kif definiti fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta ⁽²⁾;

(ċ) vetturi bil-katina.

3. L-approvazzjoni tat-tip jew l-approvazzjoni individwali taħt din id-Direttiva hija fakultattiva għall-vetturi li ġejjin:

(a) vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu prinċipalment f'siti ta' konstruzzjoni jew f'barrieri, u faċilitajiet ta' portijiet jew ajruporti;

(b) vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu mill-forzi armati, mid-difiża ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar u mill-forzi responsabbli għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku; u

(ċ) makkinarju mobbli,

⁽¹⁾ ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81).

⁽²⁾ ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96.

▼B

b'mod li dawn il-vetturi jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawn l-approvazzjonijiet fakultattivi ser ikunu bla ħsara għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju ⁽¹⁾.

4. Approvazzjoni individwali taħt din id-Direttiva mhix obligatorja għall-vetturi li ġejjin:

- (a) vetturi maħsuba esklużivament għat-tlielaq fit-toroq;
- (b) prototipi ta' vetturi użati fit-triq taħt ir-responsabbiltà ta' manifattur biex jitwettaq programm ta' test speċifiku bil-kondizzjoni li huma ġew imfassla u mibnija speċifikament għal dan l-iskop.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, ħlief jekk ipprovdut mod ieħor hemmhekk:

- 1) “att regolatorju” tfisser direttiva jew regolament separati jew Regolament UNECE anness mal-Ftehim ta' l-1958 Rivedut;
- 2) “direttiva jew regolament separati” tfisser direttiva jew regolament elenkati fl-Anness IV, Parti I. Dan it-terminu jinkludi wkoll l-atti ta' implimentazzjoni tagħhom;
- 3) “approvazzjoni tat-tip” tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u l-ħtiġijiet tekniċi rilevanti;
- 4) “approvazzjoni tat-tip nazzjonali” tfisser proċedura ta' approvazzjoni tat-tip stabbilita mil-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, bil-validità ta' tali approvazzjoni tkun limitata għat-territorju ta' dak l-Istat Membru;
- 5) “approvazzjoni tat-tip tal-KE” tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u l-ħtiġijiet tekniċi rilevanti ta' din id-Direttiva u ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew XI;
- 6) “approvazzjoni individwali” tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li vettura partikolari, kemm jekk unika jew le, tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u l-ħtiġijiet tekniċi rilevanti;
- 7) “approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji” tfisser il-proċedura li biha Stat Membru wieħed jew aktar jiċċertifika li, skond kemm tkun kompluta, tip ta' vettura mhux kompluta jew ikkompletata tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u l-ħtiġijiet tekniċi rilevanti ta' din id-Direttiva;
- 8) “approvazzjoni tat-tip pass pass” tfisser proċedura ta' approvazzjoni ta' vettura li tikkonsisti fil-ġbir f' stadji ta' sett sħiħ ta' ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati relatati mal-vettura, u li twassal, fl-aħħar stadju, għall-approvazzjoni tal-vettura sħiħa;

⁽¹⁾ ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

▼B

- 9) “approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed” tfisser proċedura li tikkonsisti fl-approvazzjoni ta’ vettura sħiħa permezz ta’ operazzjoni waħda;
- 10) “proċedura ta’ approvazzjoni tat-tip mħallta” tfisser proċedura ta’ approvazzjoni pass pass li għaliha sistema waħda jew aktar ta’ approvazzjonijiet jinkisbu waqt l-aħħar stadju ta’ l-approvazzjoni tal-vettura sħiħa, mingħajr ma jkun meħtieġ il-ħruġ ta’ ċertifikati ta’ approvazzjoni tat-tip tal-KE għal dawk is-sistemi;
- 11) “vettura bil-mutur” tfisser kwalunkwe vettura mħaddma bl-enerġija b’mezz ta’ propulsjoni tagħha stess, li għandha mill-inqas erba’ roti, li tkun kompluta, ikkompletata jew mhux kompluta, b’veloċità massima proġettata ta’ iktar minn 25 km/h;
- 12) “karru” tfisser kwalunkwe vettura bir-roti li m’għandhiex propulsjoni tagħha stess imfassla u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-mutur;
- 13) “vettura” tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur jew il-karru tagħha kif definiti fil-punti (11) u (12);
- 14) “vettura bil-mutur ibrida” tfisser vettura b’mill-inqas żewġ konvertituri differenti ta’ l-enerġija u żewġ sistemi differenti ta’ ħażna ta’ l-enerġija (fuq il-vettura) għall-finijiet tal-propulsjoni tal-vettura;
- 15) “vettura ta’ l-elettriku ibrida” tfisser vettura ibrida li, għall-iskop tal-propulsjoni mekkanika, tiegħi l-enerġija miż-żewġ sorsi li ġejjin ta’ enerġija/qawwa maħżuna fuq il-vettura:
 - karburant li jiġi kkunsmat;
 - apparat għall-ħażna ta’ l-enerġija elettrika/qawwa (eż. batterija, capacitor, flywheel/ġeneratur eċċ);
- 16) “makkinarju mobbli” tfisser kwalunkwe vettura bil-propulsjoni tagħha stess imfassla u mibnija speċifikament biex tagħmel xogħol li, minħabba l-karatteristiċi ta’ kif inhi mibnija, m’hix adatta għall-ġarr ta’ passiġġieri jew għat-trasport tal-merkanzija. Makkinarju mmuntat fuq chassis ta’ vettura bil-mutur m’għandux jitqies bħala makkinarju mobbli;
- 17) “tip ta’ vettura” tfisser vetturi ta’ kategorija partikolari li ma jvarjawx għall-inqas fl-aspetti essenzjali speċifikati fit-Taqsima B ta’ l-Anness II. Tip ta’ vettura jista’ jkollha varjanti u verżjonijiet kif definiti fit-Taqsima B ta’ l-Anness II;
- 18) “vettura bażi” tfisser kwalunkwe vettura użata fl-istadju tal-bidu ta’ proċess ta’ approvazzjoni tat-tip f’diversi stadji;
- 19) “vettura mhux kompluta” tfisser kwalunkwe vettura li jonqosha mill-inqas stadju ieħor biex tkun kompluta u tissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi rilevanti ta’ din id-Direttiva;

▼B

- 20) “vettura kkompletata” tfisser vettura, li tirriżulta mill-proċess ta’ approvazzjoni tat-tip f’diversi stadji, li tissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi rilevanti ta’ din id-Direttiva;
- 21) “vettura kompluta” tfisser kwalunkwe vettura li m’għandhiex bżonn tiġi kkompletata biex tilħaq il-ħtiġijiet tekniċi rilevanti ta’ din id-Direttiva;
- 22) “vettura ta’ tmiem is-serje” tfisser kwalunkwe vettura li hi parti minn stokk li ma jistax jiġi reġistrat jew mibjugħ jew imdaħħal fis-servizz minħabba d-dħul fis-seħħ ta’ ħtiġijiet tekniċi ġodda li għalihom ma ġiex approvat;
- 23) “sistema” tfisser assemblaġġ ta’ apparat ikkombinat biex iwettaq funzjoni speċifika waħda jew aktar f’vettura u li huwa soġġett għall-ħtiġijiet fi kwalunkwe mill-atti regolatorji;
- 24) “komponent” tfisser apparat soġġett għall-ħtiġijiet ta’ att regolatorju, maħsub biex ikun parti minn vettura, li t-tip tiegħu jista’ jiġi approvat indipendentement mill-vettura fejn l-att regolatorju jagħmel dispożizzjonijiet espressament għal dan;
- 25) “unità teknika separata” tfisser apparat soġġett għall-ħtiġijiet ta’ att regolatorju, maħsub biex ikun parti minn vettura, li t-tip tiegħu jista’ jiġi approvat separatament iżda biss fir-rigward ta’ tip speċifikat wieħed jew aktar ta’ vettura fejn l-att regolatorju jagħmel dispożizzjonijiet espressament għal dan;
- 26) “partijiet jew tagħmir oriġinali” tfisser partijiet jew tagħmir manifatturati skond l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards ta’ produzzjoni pprovduti mill-manifattur tal-vettura għall-produzzjoni ta’ partijiet jew tagħmir għall-assemblaġġ tal-vettura in kwistjoni. Dan jinkludi partijiet jew tagħmir manifatturati fl-istess linja ta’ produzzjoni bħal dawn il-partijiet jew tagħmir. Huwa preżunt sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li partijiet ikunu partijiet oriġinali jekk il-manifattur tal-partijiet jiċċertifika li l-partijiet huma ta’ kwalità pariġġ għall-komponenti użati fl-assemblaġġ tal-vettura in kwistjoni u ġew manifatturati skond l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards ta’ produzzjoni tal-manifattur tal-vettura.
- 27) “manifattur” tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli għall-awtorità ta’ l-approvazzjoni għall-aspetti kollha ta’ l-approvazzjoni tat-tip jew għall-proċess ta’ awtorizzazzjoni biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni. Mhux essenzjali li l-persuna jew il-korp tkun involuta direttament fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni tal-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata li hi s-suġġett tal-proċess ta’ approvazzjoni;
- 28) “rappreżentant tal-manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità debitament maħtura mill-manifattur biex tirrappreżentah quddiem l-awtorità ta’ l-approvazzjoni u biex tagħixxi f’ismu fi kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva, u ssir referenza għat-terminu “manifattur”, għandu jiġi mifhum li jindika l-manifattur jew ir-rappreżentant tiegħu;

▼B

- 29) “awtorità ta’ l-approvazzjoni” tfisser l-awtorità ta’ Stat Membru b’kompetenza għall-aspetti kollha ta’ l-approvazzjoni tat-tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jew ta’ l-approvazzjoni individwali ta’ vettura, għall-proċess ta’ awtorizzazzjoni, għall-ħruġ u, jekk meħtieġ, l-irtirar ta’ ċertifikati ta’ approvazzjoni biex taġixxi bħala punt ta’ kuntatt għall-awtoritajiet ta’ approvazzjoni ta’ Stati Membri oħra, biex tistabbilixxi servizzi tekniċi u biex tiżgura li l-manifattur jissodisfa l-obbligi tiegħu rigward il-konformità tal-produzzjoni;
- 30) “awtorità kompetenti” fl-Artikolu 42 tfisser jew l-awtorità ta’ l-approvazzjoni jew awtorità maħtura, jew korp ta’ akkreditazzjoni li jaġixxi f’isimha;
- 31) “servizz tekniku” tfisser organizzazzjoni jew korp magħżul mill-awtorità ta’ l-approvazzjoni ta’ Stat Membru bħala laboratorju ta’ l-ittestjar biex iwettqu testijiet, jew bħala korp għall-valutazzjoni tal-konformità biex iwettaq il-valutazzjoni tal-bidu u testijiet jew spezzjonijiet oħra, f’isem l-awtorità ta’ l-approvazzjoni, waqt li jkun possibbli li l-awtorità ta’ l-approvazzjoni stess twettaq dawh il-funzjonijiet;
- 32) “metodu ta’ ttestjar virtwali” tfisser simulazzjonijiet bil-kompjuter li jinkludu kalkoli li juru li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi ta’ att regolatorju. Għall-finijiet ta’ l-ittestjar, metodu virtwali ma jeħtieġx l-użu ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata fiżika;
- 33) “ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip” tfisser id-dokument li bih l-awtorità ta’ l-approvazzjoni uffiċjalment tiċċertifika li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata hi approvata;
- 34) “ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip tal-KE” tfisser iċ-ċertifikat stabbilit fl-Anness VI jew fl-anness korrispondenti ta’ direttiva jew regolament separat, il-formola ta’ komunikazzjoni stabbilita fl-Anness rilevanti ta’ wiehied mir-Regolamenti ta’ l-UNECE elenkati fl-Anness IV, Parti I jew Parti II, ta’ din id-Direttiva li hi meqjusa bħala ekwivalenti għalih;
- 35) “ċertifikat ta’ approvazzjoni individwali” tfisser id-dokument li bih l-awtorità ta’ l-approvazzjoni uffiċjalment tiċċertifika li vettura partikolari hi approvata;
- 36) “ċertifikat ta’ konformità” tfisser id-dokument stabbilit fl-Anness IX, maħruġ mill-manifattur u li jiċċertifika li vettura li tappartjeni għas-serje tat-tip approvat skond din id-Direttiva tikkonforma ma’ l-atti regolatorji kollha fil-mument tal-produzzjoni tagħha;
- 37) “dokument ta’ informazzjoni” tfisser id-dokument stabbilit fl-Anness I jew l-Anness III, jew fl-Anness korrispondenti għal Direttiva, jew Regolament, separat, li jippreskrivi l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn applikant, waqt li hu permissibbli li d-dokument ta’ informazzjoni jiġi pprovdut fil-forma ta’ fajl elettroniku;
- 38) “folder ta’ informazzjoni” tfisser il-folder sħiħ, inkluż id-dokument ta’ informazzjoni, il-fajl, id-data, id-disinji, ir-ritratti, eċċetra, ipprovduti mill-applikant, waqt li hu possibbli li l-folder ta’ informazzjoni jiġi pprovdut fil-forma ta’ fajl elettroniku;

▼B

- 39) “pakkett ta’ informazzjoni” tfisser il-folder ta’ informazzjoni flimkien mar-rapporti tat-testijiet u d-dokumenti l-oħra kollha miżjuda mal-folder ta’ informazzjoni mis-servizz tekniku jew mill-awtorità ta’ l-approvazzjoni waqt it-tweqqif tal-funzjonijiet tagħhom, waqt li hu possibbli li l-pakkett ta’ informazzjoni jkun ipprovdut fil-forma ta’ fajl elettroniku;
- 40) “indiċi għall-pakkett ta’ informazzjoni” tfisser id-dokument li jelenka l-kontenut tal-pakkett ta’ informazzjoni, innumerat jew immarkat b’mod li jidentifika b’mod ċar il-paġni kollha, waqt li l-format tad-dokument ikun b’mod tali li jippreżenta rekord ta’ l-istadji suċċessivi fil-ġestjoni ta’ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, b’mod partikolari d-dati tar-reviżjonijiet u l-aġġornamenti.

KAPITOLU II

OBBLIGI ĠENERALI*Artikolu 4***Obbligi ta’ l-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi li japplikaw għall-approvazzjoni jikkonformaw ma’ l-obbligi tagħhom skond din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom japprovaw biss dawk il-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta’ din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw jew jippermettu biss il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta’ dawk il-vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta’ din id-Direttiva.

Huma m’għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew fiċ-ċirkulazzjoni fit-toroq ta’ vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, għal raġunijiet marbuta ma’ aspetti tal-kostruzzjoni u l-funzjonament tagħhom koperti minn din id-Direttiva, jekk jissodisfaw il-ħtiġijiet ta’ din ta’ l-aħħar.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jaħtru l-awtoritajiet kompetenti f’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-approvazzjoni, u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tali stabbiliment jew ħaġra skond l-Artikolu 43.

L-att ta’ notifika ta’ l-awtoritajiet ta’ approvazzjoni għandu jinkludi l-isem, l-indirizz inkluż l-indirizz elettroniku u l-qasam ta’ responsabbiltà tagħhom.

*Artikolu 5***Obbligi tal-manifatturi**

1. Il-manifattur hu responsabbli lejn l-awtorità ta’ l-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess ta’ approvazzjoni u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni, kemm jekk il-manifattur hu involut direttament fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kif ukoll jekk le.

▼B

2. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, kull manifattur hu responsabbli għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni tas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati miżjuda fl-istadju tal-kompletament tal-vettura mmaniġġata minnu.

Il-manifattur li jimmodifika komponenti jew sistemi diġà approvati fl-istadji ta' qabel għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni ta' dawk il-komponenti u s-sistemi.

3. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, manifattur stabbilit barra l-Komunità għandu jaħtar rappreżentant stabbilit fil-Komunità biex jirrappreżentah quddiem l-awtorità ta' l-approvazzjoni.

KAPITOLU III

PROĊEDURI TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE*Artikolu 6***Proċeduri li jridu jiġu segwiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-vetturi**

1. Il-manifattur jista' jagħżel waħda mill-proċeduri li ġejjin:

(a) approvazzjoni tat-tip pass pass;

(b) approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed;

(c) approvazzjoni tat-tip mħallta.

2. Applikazzjoni għal approvazzjoni pass pass għandha tikkonsisti fil-folder ta' l-informazzjoni li fih l-informazzjoni meħtieġa skond l-Anness III u għandu jkollha magħha s-sett sħiħ ta' ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip meħtieġa skond kull wieħed mill-atti regolatorji applikabbli elenkati fl-Anness IV jew l-Anness XI. Fil-każ ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' sistema jew unità teknika separata, skond l-atti regolatorji applikabbli, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandu jkollha aċċess għall-pakkett ta' informazzjoni relatat magħha sa tali żmien li l-approvazzjoni tinħareġ jew tiġi miċħuda.

3. Applikazzjoni għal approvazzjoni fi stadju wieħed għandha tikkonsisti fil-folder ta' informazzjoni li fih l-informazzjoni rilevanti meħtieġa skond l-Anness I, fir-rigward ta' l-atti regolatorji speċifikati fl-Anness IV jew l-Anness XI u, fejn japplika, il-Parti II ta' l-Anness III.

4. Fil-każ ta' proċedura ta' approvazzjoni tat-tip imħallta, l-awtorità ta' l-approvazzjoni tista' teżenta lill-manifattur mill-obbligu li jipproduċi ċertifikat wieħed jew aktar ta' approvazzjoni tat-tip tas-sistema tal-KE, bil-kondizzjoni li l-folder ta' informazzjoni jkun supplimentat bid-dettalji, speċifikati fl-Anness I, meħtieġa għall-approvazzjoni ta' dawk is-sistemi waqt il-fażi ta' l-approvazzjoni tal-vettura, f'liema każ kull wieħed miċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE hekk eżentati għandu jiġi sostitwit b'rapport dwar it-testijiet.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2, 3 u 4, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji:

(a) fl-ewwel stadju, dawk il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE meħtieġa għal vettura kompluta li huma rilevanti għall-istat tal-kompletar tal-vettura bażi,

▼B

- (b) fit-tieni stadju u dawk sussegwenti, dawk il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE li huma rilevanti għall-istadju attwali ta' kostruzzjoni, flimkien ma' kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għall-vettura maħruġa fl-istadju preċedenti ta' kostruzzjoni; barra minn dan, il-manifattur għandu jipprovdi d-dettalji sħaħ ta' kwalunkwe bidliet jew addizzjonijiet li jkun wettaq fuq il-vettura.

L-informazzjoni fil-punti (a) u (b) tista' tiġi pprovduta skond il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip imħallta deskritta fil-paragrafu 4.

6. Il-manifattur għandu jissottometti l-applikazzjoni lill-awtorità ta' l-approvazzjoni. Tista' ssir biss applikazzjoni waħda fir-rigward ta' tip partikolari ta' vettura u dan jista' jsir fi Stat Membru wieħed biss.

Għandha ssir applikazzjoni separata għal kull tip li jrid jiġi approvat.

7. L-awtorità ta' l-approvazzjoni tista', b'talba motivata, titlob lill-manifattur jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar liema testijiet ikunu meħtieġa jew biex tħaffef it-twettiq ta' dawk it-testijiet.

8. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli għall-awtorità ta' l-approvazzjoni kemm vetturi huma meħtieġa biex il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip tkun tista' titwettaq b'mod sodisfaċenti.

Artikolu 7

Proċedura li trid tiġi segwita għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Il-manifattur għandu jissottometti l-applikazzjoni lill-awtorità ta' l-approvazzjoni. Tista' ssir biss applikazzjoni waħda fir-rigward ta' tip partikolari ta' sistema, komponent jew unità teknika separata u dan jista' jsir fi Stat Membru wieħed biss. Għandha ssir applikazzjoni separata għal kull tip li jrid jiġi approvat.

2. L-applikazzjoni għandu jkollha magħha l-folder ta' informazzjoni, li l-kontenut tiegħu hu speċifikat fid-direttivi jew ir-regolamenti separati.

3. L-awtorità ta' l-approvazzjoni tista', b'talba motivata, titlob lill-manifattur jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar liema testijiet ikunu meħtieġa jew biex tħaffef it-twettiq ta' dawk it-testijiet.

4. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli għall-awtorità ta' l-approvazzjoni l-ammont kollu ta' vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati skond kif meħtieġ mid-direttivi jew ir-regolamenti separati rilevanti għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.

KAPITOLU IV

TWETTIQ TAL-PROĊEDURI TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-Istati Membri ma jistgħu jagħtu ebda approvazzjoni tat-tip tal-KE mingħajr ma l-ewwel jiżguraw li l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12 ikunu ġew implimentati b'mod xieraq u sodisfaċenti.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjonijiet tat-tip tal-KE skond l-Artikoli 9 u 10.

3. Jekk Stat Membru jiskopri li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, għalkemm konformi mad-dispożizzjonijiet meħtieġa, jippreżenta riskju serju għas-sikurezza stradali jew huwa ta' dannu gravi għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika, huwa jista' jiċċad l-approvazzjoni tat-tip tal-KE. F'dan il-każ, huwa għandu minnufih jibgħat lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fajl dettaljat li jispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u jagħti l-evidenza tal-fatti misjuba.

4. Ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għandhom ikunu nnumerati skond il-metodu deskritt fl-Anness VII.

5. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha, fi żmien 20 jum ta' xogħol, tibgħat lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura, flimkien ma' l-annessi, għal kull tip ta' vettura li tkun approvat. Il-kopja fuq il-karta tista' tiġi sostitwita b'fajl elettroniku.

6. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra dwar iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' kwalunkwe approvazzjoni ta' vettura, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

7. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha f'intervalli ta' tliet xhur tibgħat lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra lista ta' l-approvazzjonijiet tat-tip tal-KE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li tkun tat, emendat, ċaħdet jew irtirat matul il-perijodu preċedenti. Dik il-lista għandu jkun fiha d-dettalji speċifikati fl-Anness XIV.

8. Jekk jintalab hekk minn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li jkun ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu, fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta jirċievi dik it-talba, jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE in kwistjoni, flimkien ma' l-annessi. Il-kopja fuq il-karta tista' tiġi sostitwita b' fajl elettroniku.

*Artikolu 9***Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-vetturi**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tal-KE fir-rigward ta':

- (a) tip ta' vettura li jikkonforma mad-dettalji tal-folder ta' informazzjoni u li jissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi speċifikati mill-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV;
- (b) tip ta' vettura bi skop speċjali li jikkonforma mad-dettalji tal-folder ta' informazzjoni u li jissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi speċifikati mill-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness XI.

Il-proċeduri stabbiliti fl-Anness V għandhom japplikaw.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji fir-rigward ta' tip ta' vettura mhux kompluta jew ikkompletata li jikkonforma mad-dettalji fil-folder ta' informazzjoni u li jissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi speċifikati mill-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV jew l-Anness XI, wara li jikkunsidraw l-istat ta' kompiment tal-vettura.

L-approvazzjoni tat-tip f'numru ta' stadji għandha tapplika wkoll għal vetturi kompluti li huma rranġati jew modifikati minn manifattur ieħor.

Il-proċeduri deskritti fl-Anness XVII għandhom japplikaw.

3. Fir-rigward ta' kull tip ta' vettura, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha:

(a) timla t-taqsimiet kollha rilevanti taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE, inklużi r-riżultati tat-testijiet meħmuża miegħu, skond il-mudell stabbilit fl-Anness VIII;

(b) tikkompila jew tivverifika l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni;

(ċ) toħroġ iċ-ċertifikat ikkompletat, flimkien ma' l-annessi tiegħu, lill-applikant mingħajr dewmien mhux ġustifikat.

4. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE li fir-rigward tagħha, skond l-Artikolu 20, l-Artikolu 22 jew l-Anness XI, ġew imposti restrizzjonijiet dwar il-validità tagħha, jew ġew eżentati ċerti dispożizzjonijiet ta' l-atti regolatorji, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu jispeċifika dawk ir-restrizzjonijiet jew eżenzjonijiet.

5. Fejn id-dettalji fil-folder ta' informazzjoni jispeċifikaw dispożizzjonijiet għal vetturi bi skop speċjali kif indikat fl-Anness XI, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu jispeċifika dawk id-dispożizzjonijiet.

6. Meta l-manifattur jagħżel il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip imħallta, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha timla, fil-Parti III tad-dokument ta' informazzjoni, il-mudell li għalih jinsab fl-Anness III, ir-referenzi għar-rapporti dwar it-testijiet, stabbiliti mill-atti regolatorji, li għalihom ma hemmx disponibbli ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE.

7. Meta l-manifattur jagħżel il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tistabbilixxi l-lista ta' atti regolatorji applikabbli, li l-mudell tagħha qiegħed muri fl-Appendiċi għall-Anness VI, u tehmeż dik il-lista maċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward ta' sistema li tikkonforma mad-dettalji fil-folder ta' informazzjoni u li tissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi stipulati fid-Direttiva, jew ir-Regolament, separat rilevanti, kif hemm preskritt fl-Anness IV jew l-Anness XI.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE lil komponent jew unità teknika separata fir-rigward ta' komponent jew unità teknika separata li tikkonforma mad-dettalji fil-folder ta' informazzjoni u li tissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi stipulati fid-Direttiva, jew ir-Regolament, separat rilevanti, kif hemm preskritt fl-Anness IV.

▼B

3. Meta komponenti jew unitajiet tekniċi separati, kemm jekk maħsuba għal tiswija, servis jew manutenzjoni kif ukoll jekk le, ikunu wkoll koperti b'approvazzjoni tat-tip ta' sistema fir-rigward ta' vettura, ma tkun meħtieġa ebda approvazzjoni oħra tal-komponent jew l-unità teknika separata ħliet jekk ikun previst hekk fl-att regolatorju rilevanti.

4. Meta komponent jew unità teknika separata twettaq il-funzjoni tagħha jew toffri karatteristika speċifika biss flimkien ma' partijiet oħra tal-vettura, li jagħmel il-verifika tal-konformità mal-ħtiġijiet possibbli biss meta l-komponent jew l-unità teknika separata tkun qed taħdem flimkien ma' daww il-partijiet l-oħra tal-vettura, il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-komponent jew l-unità teknika separata jrid jiġi ristrett għaldaqstant. F'dawn il-każijiet, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu jispeċifika kwalunkwe restrizzjoni fuq l-użu tagħhom u għandu jindika l-kondizzjonijiet speċjali għall-assemblaġġ tagħhom. Meta tali komponent jew unità teknika separata jiġi mmuntat mill-manifattur tal-vettura, il-konformità ma' kwalunkwe restrizzjoni applikabbli dwar l-użu jew il-kondizzjonijiet għall-assemblaġġ għandha tkun verifikata fil-mument meta l-vettura tiġi approvata.

*Artikolu 11***Testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE**

1. Il-konformità mal-preskrizzjonijiet tekniċi stipulati f'din id-Direttiva u fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV għandha tiġi murija permezz ta' testijiet adatti mwettqa minn servizzi tekniċi magħżula.

Il-proċeduri tat-testijiet, it-tagħmir speċifiku u l-ġhodda meħtieġa biex jitwettqu daww it-testijiet għandhom jiġu deskritti f'kull wieħed mill-atti regolatorji.

2. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li huma rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat.

Madankollu, il-manifattur jista' jagħżel, bi qbil ma' l-awtorità ta' l-approvazzjoni, vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li, waqt li mhix rappreżentattiva tat-tip li jrid jiġi approvat, jgħaqqdu flimkien numru tal-karatteristiċi l-anqas favorevoli rigward il-livell ta' prestazzjonijiet meħtieġa. Metodi ta' ttestjar virtwali jistgħu jintużaw biex jgħinu fit-teħid ta' deċizzjoni waqt il-proċess ta' l-għażla.

3. Bħala alternattivi għall-proċeduri tat-testijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u bil-qbil ta' l-awtorità ta' l-approvazzjoni, metodi ta' ttestjar virtwali jistgħu jintużaw fuq talba tal-manifattur fir-rigward ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness XVI.

4. Il-kondizzjonijiet ġenerali li l-metodi ta' ttestjar virtwali jridu jissodisfaw huma stabbiliti fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness XVI.

Għal kull wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness XVI, il-kondizzjonijiet ta' l-ittestjar speċifiċi u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati tagħhom għandhom jiġu stipulati fl-Appendiċi 2 ta' dak l-Anness.

▼B

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-lista ta' atti regolatorji li għalihom huma permessi metodi ta' ttestjar virtwali, il-kondizzjonijiet speċifiċi u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom. Dawn il-miżuri, mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha, għandhom jiġu stabbiliti u aġġornati mal-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 40(2).

*Artikolu 12***Konformità ta' arranġamenti ta' produzzjoni**

1. L-Istat Membru li joħroġ approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu jieħu l-miżuri meħtieġa skond l-Anness X biex jivverifika, f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra jekk ikun meħtieġ, li saru arranġamenti adegwati biex jiġi żgurat li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati tal-produzzjoni, skond kif ikun il-każ, jikkonformaw mat-tip approvat.

2. L-Istat Membru li joħroġ approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu jieħu l-miżuri meħtieġa skond l-Anness X fir-rigward ta' dik l-approvazzjoni biex jivverifika, f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra jekk ikun meħtieġ, li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 jibqgħu jkunu adegwati u li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati tal-produzzjoni, skond kif ikun il-każ, jibqgħu jikkonformaw mat-tip approvat.

Il-verifika biex jiġi żgurat li l-prodotti jikkonformaw mat-tip approvat għandha tkun limitata għall-proċeduri stabbiliti fl-Anness X u f'dawk l-atti regolatorji li fihom ħtiġijiet speċifiċi. Għal dak il-għan, l-awtorità ta' l-approvazzjoni ta' l-Istat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jista' jwettaq kwalunkwe wieħed mill-kontrolli jew it-testijiet preskritti f'kwalunkwe wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew l-Anness XI fuq kampjuni meħuda fil-proprjetà tal-manifattur, inklużi l-faċilitajiet ta' produzzjoni.

3. Meta Stat Membru li ħareġ approvazzjoni tat-tip tal-KE jistabbilixxi li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 mhumex applikati, jitbiegħed sostanzjalment mill-arranġamenti u l-pjanijiet ta' kontroll miftiehma, jew ma baqgħux jiġu applikati, għalkemm il-produzzjoni ma twaqfux, dak l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip, biex jiżgura li l-konformità tal-proċedura ta' produzzjoni tiġi segwita kif suppost.

KAPITOLU V

EMENDI GĦAL APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAL-KE*Artikolu 13***Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Il-manifattur għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-Istat Membru li ħareġ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE b'kull bidla fid-dettalji mniżżla fil-pakkett ta' informazzjoni. Dak l-Istat Membru għandu jiddeċiedi, skond ir-regoli stabbiliti f'dan il-Kapitolu, liema proċedura trid tiġi segwita. Fejn ikun meħtieġ, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi, f'konsultazzjoni mal-manifattur, li għandha tinħareġ approvazzjoni tat-tip tal-KE ġdida.

▼B

2. Applikazzjoni għall-emenda ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għandha tintbagħat esklużivament lill-Istat Membru li ħareġ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE oriġinali.

3. Jekk l-Istat Membru jsib li, għall-finijiet li ssir emenda, ikunu meħtieġa spezzjonijiet jew testijiet mill-ġdid, dan għandu jinforma lill-manifattur għaldaqstant. Il-proċeduri msemija fl-Artikoli 14 u 15 għandhom japplikaw biss wara li l-ispezzjonijiet jew it-testijiet il-ġodda meħtieġa jkunu twettqu b'suċċess.

*Artikolu 14***Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-vetturi**

1. Jekk id-dettalji mniżżlin fil-pakkett ta' informazzjoni jkunu nbidlu, l-emenda għandha tissema "reviżjoni".

F'dawn il-każijiet, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha toħroġ il-paġna riveduta tal-pakkett ta' informazzjoni kif meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-bidla u d-data tal-ħruġ mill-ġdid. Verżjoni konsolidata aġġornata tal-pakkett ta' informazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet, għandha tiqies li tissodisfa din il-ħtieġa.

2. Ir-reviżjoni għandha tissema "estensjoni" jekk, minbarra d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1:

- (a) jinħtieġu aktar spezzjonijiet jew testijiet ġodda;
- (b) kwalunkwe informazzjoni fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE, ħlief għall-annessi tagħha, inbidlet;
- (c) jidħlu fis-seħħ ħtiġijiet ġodda skond kwalunkwe mill-atti regolatorji applikabbli għat-tip ta' vettura approvata.

F'dawn il-każijiet, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE rivedut denotat b'numru ta' estensjoni, inkrementat skond in-numru ta' estensjonijiet suċċessivi diġà mogħtija.

Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu juri b'mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni u d-data tal-ħruġ mill-ġdid.

3. Kull meta jinħarġu paġni emendati jew verżjoni aġġornata konsolidata, l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni meħmuż maċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jiġi emendat għaldaqstant biex juri d-data ta' l-aktar estensjoni jew reviżjoni reċenti, jew id-data ta' l-aktar konsolidazzjoni reċenti tal-verżjoni aġġornata.

4. M'għandha tkun meħtieġa ebda emenda għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura jekk il-ħtiġijiet il-ġodda msemija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 jkunu irrilevanti, mill-aspett tekniku, għal dak it-tip ta' vettura jew jikkonċernaw kategoriji ta' vettura li mhumix il-kategorija li jappartjeni għaliha.



Artikolu 15

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Jekk id-dettalji reġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni jkunu nbidlu, l-emenda għandha tissewma "reviżjoni".

F'dawn il-każijiet, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha toħroġ il-paġni riveduti tal-pakkett ta' informazzjoni kif meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-bidla u d-data tal-ħruġ mill-ġdid. Verżjoni konsolidata aġġornata tal-pakkett ta' informazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet, għandha titqies li tissodisfa din il-meħtieġa.

2. Ir-reviżjoni għandha tissewma "estensjoni" jekk, minbarra d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1:

- (a) jinħtieġu aktar spezzjonijiet jew testijiet ġodda;
- (b) kwalunkwe informazzjoni fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE, ħlief għall-annessi tagħha, inbidlet;
- (ċ) jidħlu fis-seħħ ħtiġijiet ġodda skond kwalunkwe mill-atti regolatorji applikabbli għas-sistema, komponent jew unità teknika separata approvata.

F'każijiet bħal dawn, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE rivedut, denotat b'numru ta' estensjoni, inkrementat skond in-numru ta' estensjonijiet suċċessivi diġà mogħtija. F'każijiet fejn l-emenda tkun meħtieġa għall-applikazzjoni tal-punt (ċ) tal-paragrafu 2, it-tielet taqsima tan-numru ta' approvazzjoni għandha tiġi aġġornata.

Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu juri b'mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni u d-data tal-ħruġ mill-ġdid.

3. Kull meta jinħarġu paġni emendati jew verżjoni aġġornata konsolidata, l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni meħmuż ma-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jiġi emendat għaldaqstant biex juri d-data ta' l-aktar estensjoni jew reviżjoni reċenti jew id-data ta' l-aktar konsolidazzjoni reċenti tal-verżjoni aġġornata.

Artikolu 16

Ħruġ u notifika ta' emendi

1. Fil-każ ta' estensjoni, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha taġġorna t-taqsimiet kollha rilevanti taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE, l-annessi għalih, u l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni. Iċ-ċertifikat aġġornat u l-annessi tiegħu għandhom jinħarġu lill-applikant mingħajr dewmien li ma jkunx ġustifikat.

2. Fil-każ ta' reviżjoni, id-dokumenti riveduti jew il-verżjoni aġġornata konsolidata, skond il-każ, inkluż l-indiċi rivedut għall-pakkett ta' informazzjoni, għandhom jinħarġu mill-awtorità ta' l-approvazzjoni lill-applikant mingħajr dewmien li ma jkunx ġustifikat.

3. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tinnotifika kwalunkwe emenda magħmula lill-approvazzjonijiet tat-tip tal-KE lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 8.



KAPITOLU VI

VALIDITÀ TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' VETTURI

*Artikolu 17***Tmiem tal-validità**

1. Approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi m'għandhiex tibqa' valida fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) ħtiġijiet ġodda f'att regolatorju applikabbli għall-vettura approvata jsiru mandatorji għar-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda, u mhux possibbli li l-approvazzjoni tiġi aġġornata għaldaqstant;
- (b) il-produzzjoni tal-vettura approvata ġiet mwaqqfa b'mod volontarju u definittiv;
- (ċ) il-validità ta' l-approvazzjoni tiskadi bis-saħħa ta' restrizzjoni speċjali.

2. Meta varjant wieħed biss fi ħdan ta' tip jew verżjoni waħda fi ħdan ta' varjant ma tibqax valida, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi għandha tiflew il-validità biss sa fejn hu konċernat il-varjant jew il-verżjoni partikolari.

3. Meta l-produzzjoni ta' tip partikolari ta' vettura tiġi sospiża b'mod definittiv, il-manifattur għandu jinnotifika lill-awtorità ta' l-approvazzjoni li ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal dik il-vettura. Malli tirċievi tali notifika, dik l-awtorità għandha tgħarraf lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra għaldaqstant fi żmien 20 jum ta' xogħol.

L-Artikolu 27 għandu japplika biss għas-sospensjoni fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, fil-każijiet meta approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi tkun waslet biex ma tibqax valida, il-manifattur għandu jinnotifika lill-awtorità ta' l-approvazzjoni li ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha mingħajr dewmien mhux ġustifikat tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra sabiex ikun jista' jiġi applikat, fejn xieraq, l-Artikolu 27. Dik il-komunikazzjoni għandha tispeċifika, b'mod partikolari, id-data tal-produzzjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura ta' l-aħħar vettura li ġiet prodotta.

KAPITOLU VII

ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ U MARKI

*Artikolu 18***Ċertifikat ta' konformità**

1. Il-manifattur, fil-kapaċità tiegħu bħala d-detentur ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura, għandu jipprovdi ċertifikat ta' konformità flimkien ma' kull vettura, kemm jekk kompluta, mhux kompluta jew ikkompletata, li tiġi manifatturata f'konformità mat-tip ta' vettura approvat.

▼B

Fil-każ ta' vettura mhux kompluta jew ikkompletata, il-manifattur għandu jimla biss dawk il-punti fit-tieni naħa taċ-ċertifikat ta' konformità li ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju attwali ta' approvazzjoni u, jekk ikun applikabbli, għandu jehmeż maċ-ċertifikat iċ-ċertifikati ta' konformità kollha pprovduti fl-istadju preċedenti.

2. Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jitfassal f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità. Kull Stat Membru jista' jitlob biex iċ-ċertifikat ta' konformità jiġi tradott fil-lingwa jew lingwi tiegħu.

3. Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jitfassal b'mod li ma jippermettix falsifikazzjoni. Għal dak il-għan, il-karta użata għandha tkun protetta bi grafika kulurita jew b'marka ta' l-ilma fis-sura tal-marka ta' identifikazzjoni tal-manifattur.

4. Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jimtela kollu kemm hu u m'għandux ikun fih restrizzjonijiet rigward l-użu tal-vettura ħlief għal dawk previsti fl-att regolatorju.

5. Iċ-ċertifikat ta' konformità kif stabbilit fl-Anness IX, Parti I, għall-vetturi approvati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20(2) għandu juri fit-titlu tiegħu l-frażi “Għal vetturi kompluti/ikkompletati, approvat skond it-tip b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 20 (approvazzjoni proviżorja).”.

6. Iċ-ċertifikat ta' konformità, kif deskritt fl-Anness IX, Parti I, għal vetturi bl-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 22 għandu juri fit-titlu tiegħu l-frażi “Għal vetturi kompluti/ikkompletati b'approvazzjoni tat-tip f'serje żgħira”, u fil-qrib tagħha s-sena tal-produzzjoni segwita b'numru sekwenzjali, bejn 1 u l-limitu indikat fit-tabella li hemm fl-Anness XII, li jagħti, fir-rigward ta' kull sena ta' produzzjoni, il-pożizzjoni ta' dik il-vettura fi ħdan il-produzzjoni allokata għal dik is-sena.

7. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-manifattur jista' jibgħat data jew informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikat ta' konformità b'mezzi elettroniċi lill-awtorità tar-reġistrazzjoni ta' l-Istat Membru.

8. Duplikat taċ-ċertifikat ta' konformità jista' jinħareġ mill-manifattur biss. Il-kelma “duplikat” trid tkun tidher b'mod ċar fuq il-wiċċ ta' kwalunkwe ċertifikat duplikat.

*Artikolu 19***Marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE**

1. Il-manifattur ta' komponent jew unità teknika separata, kemm jekk hi parti minn sistema kif ukoll jekk le, għandu jwaħħal ma' kull komponent jew unità manifatturata f'konformità mat-tip approvat il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE meħtieġa mid-Direttiva jew ir-Regolament separat rilevanti.

2. Meta ma tkunx meħtieġa marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE, il-manifattur għandu jwaħħal ta' l-inqas: l-isem jew il-marka kummerċjali, u n-numru tat-tip u/jew numru ta' identifikazzjoni tiegħu.

▼B

3. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għandha tkun skond l-Appendiċi ta' l-Anness VII.

KAPITOLU VIII

**TEKNOLOĠIJI JEW KUNĊETTI ĠODDA LI MHUMIEX
KOMPATIBBLI MA' DIRETTIVI SEPARATI**

*Artikolu 20***Eżenzjonijiet għal teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda**

1. L-Istati Membri jistgħu, wara applikazzjoni mill-manifattur, jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward ta' tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata li tinkorpora teknoloġiji jew kunċetti li mhumiex kompatibbli ma' att regolatorju wieħed jew aktar elenkati fl-Anness IV Parti I, soġġett għall-għoti ta' awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(3).

2. Sakemm tittieħed deċizzjoni dwar jekk tingħatax awtorizzazzjoni jew le, l-Istat Membru jista' jagħti approvazzjoni proviżorja, valida biss fit-territorju tiegħu, fir-rigward ta' tip ta' vettura koperta mill-eżenzjoni mitluba, bil-kondizzjoni li jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dan mingħajr dewmien permezz ta' fajl li jkun fih l-elementi li ġejjin:

- (a) ir-raġunijiet għaliex it-teknoloġiji jew il-kunċetti in kwistjoni jrendu s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata bħala mhux kompatibbli mal-ħtiġijiet;
- (b) deskrizzjoni tal-konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u ambjentali konċernati u l-miżuri meħuda;
- (ċ) deskrizzjoni tat-testijiet, inklużi r-risultati tagħhom, li juru li, imqabbel mal-ħtiġijiet li minnhom qed tintalab eżenzjoni, huwa żgurat livell mill-inqas ekwivalenti ta' sikurezza u protezzjoni ambjentali.

3. Stati Membri oħra jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw l-approvazzjoni proviżorja, imsemmija fil-paragrafu 2, fit-territorju tagħhom.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(3), jekk tippermettix lill-Istat Membru jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward ta' dak it-tip ta' vettura jew le.

Fejn xieraq, id-deċizzjoni għandha wkoll tispeċifika jekk il-validità tagħha hix soġġetta għal kwalunkwe restrizzjonijiet, bħal limiti ta' żmien. Fil-każijiet kollha, il-validità ta' l-approvazzjoni m'għandhiex tkun inqas minn 36 xahar.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tiċħad awtorizzazzjoni, l-Istat Membru għandu minnufih jinnotifika lid-detentur ta' l-approvazzjoni tat-tip proviżorja msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li l-approvazzjoni proviżorja ser tiġi revokata sitt xhur wara d-data tad-deċizzjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, vetturi manifatturati f'konformità ma' l-approvazzjoni proviżorja qabel ma din ġiet revokata għandhom jithallaw jiġu reġistrati, mibjugħa jew jidħlu fis-servizz fi kwalunkwe Stat Membru li aċċetta l-approvazzjoni proviżorja.

▼B

5. Dan l-Artikolu ma japplikax meta sistema, komponent jew unità teknika separata tikkonforma ma' Regolament ta' l-UNECE li għalih aderixxiet il-Komunità.

*Artikolu 21***Azzjoni meħtieġa**

1. Meta l-Kummissjoni ssib li hemm raġunijiet sodi għall-ġhoti ta' eżenzjoni skond l-Artikolu 20, għandha tieħu l-passi meħtieġa minnufih biex tadatta d-Direttivi jew ir-Regolamenti separati konċernati għall-iżviluppi teknoloġiċi. Dawn il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-direttivi u r-regolamenti separati fil-lista ta' l-Anness IV, Parti I se jkunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 40(2).

Meta l-eżenzjoni skond l-Artikolu 20 tirrigwarda Regolament ta' l-UNECE, il-Kummissjoni għandha tipproponi emenda lir-Regolament rilevanti ta' l-UNECE skond il-proċedura applikabbli taħt il-Ftehim ta' l-1958 Rivedut.

2. Hekk kif l-atti regolatorji rilevanti jkunu ġew emendati, kwalunkwe restrizzjoni marbuta ma' l-eżenzjoni għandha titneħħa minnufih.

Jekk il-passi meħtieġa biex jiġu adattati l-atti regolatorji ma jkunux ittieħdu, il-validità ta' eżenzjoni tista' tiġi estiża, fuq talba ta' l-Istat Membru li ħareġ l-approvazzjoni, b'deċiżjoni oħra adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(3).

KAPITOLU IX

VETTURI PRODOTTI F'SERJE ŻĠĦAR*Artikolu 22***Approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' serje żgħar**

1. Fuq talba tal-manifattur u fil-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XII, Parti A, Taqsima 1, l-Istati Membri għandhom jagħtu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(4), approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward ta' tip ta' vettura li tissodisfa ta' l-inqas il-ħtiġijiet elenkati fl-Anness IV, Parti I, Appendiċi 1.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal vetturi bi skopijiet speċjali.

3. Ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għandhom ikunu nnumerati skond l-Anness VII.

*Artikolu 23***Approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żgħar**

1. Fil-każ ta' vetturi prodotti fil-limiti kwantitattivi speċifikati fl-Anness XII, Parti A, Taqsima 2, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' wieħed jew aktar mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew l-Anness XI, bil-kondizzjoni li jistipulaw ħtiġijiet alternattivi rilevanti.

▼B

Bi “ħtiġijiet alternattivi”, huwa m’fisser dispożizzjonijiet amministrattivi u ħtiġijiet tekniċi li għandhom l-għan li jiżguraw livell ta’ sikurezza stradali u protezzjoni ambjentali, li hu ekwivalenti l-massimu prattikabbli għal-livell previst mid-dispożizzjonijiet ta’ l-Anness IV jew l-Anness XI, skond kif xieraq.

2. L-Istati Membri jistgħu, fil-każ tal-vetturi msemija fil-paragrafu 1, jirrinunzjaw waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva.

3. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu rinunzjati biss meta Stat Membru jkollu raġunijiet motivati biex jagħmel hekk.

4. Għall-finijiet ta’ l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi f’dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li għandhom approvazzjoni tat-tip skond l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV.

5. L-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip għandu jispeċifika n-natura tar-rinunċja mogħtija skond il-paragrafi 1 u 2.

L-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip, li l-mudell tiegħu huwa stabbilit fl-Anness VI, m’għandux ikollu l-intestatura “Ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip tal-KE ta’ vetturi”. Madankollu, ċertifikati ta’ approvazzjoni tat-tip għandhom ikunu nnumerati skond l-Anness VII.

6. Il-validità ta’ l-approvazzjoni tat-tip għandha tkun ristretta għat-territorju ta’ l-Istat Membru li ħareġ l-approvazzjoni. Madankollu, jekk il-manifattur jitlob dan, l-awtorità ta’ l-approvazzjoni għandha tibgħat b’posta reġistrata jew b’posta elettronika kopja ta’-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu lill-awtoritajiet ta’ l-approvazzjoni ta’ l-Istati Membri magħżula mill-manifattur.

Fi żmien 60 jum minn meta jirċeviha, tali Stat Membru għandu jiddeċiedi jekk jaċċettax jew le l-approvazzjoni tat-tip. Huwa għandu formalment jikkomunika dik id-deċiżjoni lill-awtorità ta’ l-approvazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu.

Stat Membru m’għandux jiċħad l-approvazzjoni tat-tip jekk ma jkollux raġunijiet motivati biex jemmen li d-dispożizzjonijiet tekniċi li għalihom ġiet approvata l-vettura mhumieq ekwivalenti għal dawk tiegħu.

7. Fuq talba ta’ applikant li jixtieq ibiegħ, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz vettura fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li ħareġ l-approvazzjoni għandu jipprovi lill-applikant kopja ta’-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip inkluż il-pakkett ta’ informazzjoni.

Stat Membru m’għandux jippermetti l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta’ din il-vettura jekk ma jkollux raġunijiet motivati biex jemmen li d-dispożizzjonijiet tekniċi li għalihom ġiet approvata l-vettura mhumieq ekwivalenti għal dawk tiegħu.



KAPITOLU X

APPROVAZZJONIJIET INDIVIDWALI

*Artikolu 24***Approvazzjonijiet individwali**

1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, milli tkun konformi ma' waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew ma' wieħed jew aktar mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew l-Anness XI, bil-kondizzjoni li jimponu ħtiġijiet alternattivi.

Id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu 1 għandhom jiġu rinunzjati biss meta Stat Membru jkollu raġunijiet motivati biex jagħmel hekk.

Bi "ħtiġijiet alternattivi", huwa mfisser dispożizzjonijiet amministrattivi u ħtiġijiet tekniċi li għandhom l-għan li jiżguraw livell ta' sikurezza stradali u protezzjoni ambjentali, li hu ekwivalenti l-massimu prattikabbli għal-livell previst mid-dispożizzjonijiet ta' l-Anness IV jew l-Anness XI skond il-każ.

2. L-Istati Membri m'għandhomx iwettqu testijiet distruttivi. Huma għandhom jużaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti pprovduta mill-applikant li tistabbilixxi l-konformità mal-ħtiġijiet alternattivi.

3. L-Istati Membri għandhom jaċċettaw kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' sistema, komponent jew unità teknika separata minflok il-ħtiġijiet alternattivi.

4. Applikazzjoni għal approvazzjoni individwali għandha tintbagħat mill-manifattur jew mis-sid tal-vettura jew minn persuna li taġixxi f'ismu, bil-kondizzjoni li dan ta' l-aħħar ikun stabbilit fil-Komunità.

5. Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni individwali jekk il-vettura tikkonforma mad-deskrizzjoni meħmuża ma' l-applikazzjoni u tissodisfa l-ħtiġijiet tekniċi applikabbli u għandu mingħajr dewmien mhux ġustifikat joħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni individwali.

Il-format taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni individwali għandu jkun ibbażat fuq il-mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilit fl-Anness VI u għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa biex timtela l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti għar-reġistrazzjoni ta' vetturi ⁽¹⁾. Ċertifikati ta' approvazzjoni individwali m'għandux ikollhom l-intestatura "Approvazzjoni tal-KE ta' vetturi".

Ċertifikat ta' approvazzjoni individwali għandu jkollu jidher in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura konċernata.

6. Il-validità ta' approvazzjoni individwali għandha tkun ristretta għat-territorju ta' l-Istat Membru li ħareġ l-approvazzjoni.

Meta applikant jixtieq ibiegħ, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz fi Stat Membru ieħor vettura li nġhatat approvazzjoni individwali, l-Istat Membru li ħareġ l-approvazzjoni għandu, fuq talba, jipprovdi lill-applikant b'dikjarazzjoni tad-dispożizzjonijiet tekniċi li bihom il-vettura kienet approvata.

⁽¹⁾ ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/103/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 344).

▼B

Fir-rigward ta' vettura li ngħatat approvazzjoni individwali minn Stat Membru skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, Stat Membru ieħor għandu jippermetti li l-vettura tinbiegħ, tiġi reġistrata jew tidħol fis-servizz sakemm m'għandux raġunijiet motivati biex jemmen li d-dispożizzjonijiet tekniċi li għalihom il-vettura kienet approvata mhumiex ekwivalenti għal dawk tiegħu.

7. Fuq talba tal-manifattur jew tas-sid tal-vettura, l-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni individwali lil vettura li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u ma' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew l-Anness XI, kif xieraq.

F'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-approvazzjoni individwali u għandhom jippermettu l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz tal-vettura.

8. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu applikati għal vetturi li għandhom approvazzjoni tat-tip skond din id-Direttiva u li ġew modifikati qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom jew qabel dahlul fis-servizz.

*Artikolu 25***Dispożizzjonijiet speċifiċi**

1. Il-proċedura prevista fl-Artikolu 24 tista' tapplika għal vettura partikolari matul l-istadji suċċessivi tal-kompiment tagħha skond il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji.

2. Il-proċedura prevista fl-Artikolu 24 ma tistax tissostitwixxi stadju intermedju fi ħdan is-sekwenza normali ta' proċedura ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji u ma tistax tapplika għall-finijiet tal-kisba ta' l-approvazzjoni ta' l-ewwel stadju ta' vettura.

KAPITOLU XI

REĠISTRAZZJONI, BEJGĦ U DĦUL FIS-SERVIZZ*Artikolu 26***Reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 29 u 30, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jippermettu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi fil-każ biss li jkollhom magħhom ċertifikat ta' konformità validu maħruġ skond l-Artikolu 18.

Fil-każ ta' vetturi mhux kompluti l-Istati Membri għandhom jippermettu l-bejgħ ta' tali vetturi iżda jistgħu jiċħdu r-reġistrazzjoni permanenti tagħhom u d-dħul fis-servizz għal dak iż-żmien li l-vetturi jibqgħu mhux kompluti.

2. Vetturi eżentati mill-ħtieġa rigward ċertifikat ta' konformità jistgħu jiġu reġistrati, mibjugħa jew imdaħħla fis-servizz biss jekk jissodisfaw il-ħtiġijiet tekniċi rilevanti ta' din id-Direttiva.

▼B

3. Fir-rigward ta' vetturi ta' serje żgħira, in-numru ta' vetturi reġistrati, mibjugħa jew imdaħħla fis-servizz matul sena waħda m'għadux jaqbeż in-numru ta' unitajiet muri fl-Anness XII, Parti A.

*Artikolu 27***Reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ta' tmiem is-serje**

1. Soġġett għal-limiti speċifikati fl-Anness XII, Taqsima B, u fir-rigward biss ta' perijodu limitat ta' żmien, l-Istati Membri jistgħu jirreġistraw u jippermettu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi li jikkonformaw għal tip ta' vettura li l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tagħha m'għadux aktar validu.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal vetturi fit-territorju tal-Komunità li kienu koperti b'approvazzjoni tat-tip tal-KE valida fil-mument tal-produzzjoni tagħhom, iżda li ma kinux ġew reġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel ma dik l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tilfet il-validità tagħha.

2. L-għażla skond il-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli, fil-każ ta' vetturi kompluti, għal perijodu ta' tnax-il xahar mid-data li fiha skadiet il-validità ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE u, fil-każ ta' vetturi kkompletati, għal perijodu ta' tmintax-il xahar minn dik id-data.

3. Manifattur li jixtieq igawdi mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandu jibgħat talba lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru konċernat mid-dħul fis-servizz tal-vetturi in kwistjoni. It-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi li minħabba fihom dawk il-vetturi mhumieq konformi mal-ħtiġijiet tekniċi l-ġodda.

L-Istati Membri konċernati għandhom jiddeċiedu, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu talba bħal din, jekk jippermettux ir-reġistrazzjoni ta' dawk il-vetturi fit-territorju tagħhom, u f'liema kwantità.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-vetturi li kienu koperti b'approvazzjoni tat-tip nazzjonali iżda li ma kinux ġew reġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel ma spiċċat il-validità ta' dik l-approvazzjoni, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 45, minħabba l-infurzar obbligatorju tal-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE.

5. L-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri adatti biex jiżguraw li l-kwantità ta' vetturi li jiġu reġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz fil-qafas tal-proċedura skond dan l-Artikolu tkun kontrollata b'mod effettiv.

*Artikolu 28***Bejgħ u dħul fis-servizz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati**

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati fil-każ biss li jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' l-atti regolatorji rilevanti u li huma mmarkati kif suppost skond l-Artikolu 19.

▼B

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huma speċifikament mibnija jew imfassla għal vetturi ġodda li mhumiex koperti b'din id-Direttiva.

3. B'deroga mill-Paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati li ġew eżentati minn waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' att regolatorju b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 20 jew huma maħsuba għall-immuntar fuq vetturi koperti bl-approvazzjonijiet mogħtija skond l-Artikoli 22, 23 jew 24 li jikkonċernaw il-komponent jew l-unità teknika separata in kwistjoni.

4. B'deroga mill-Paragrafu 1, u sakemm mhux previst mod ieħor f'att regolatorju, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huma maħsuba għall-immuntar fuq vetturi li, fil-mument tad-dħul tagħhom fis-servizz, ma kinux meħtieġa, b'din id-Direttiva jew bid-Direttiva 70/156/KEE. sabiex ikollhom l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

KAPITOLU XII

KLAWSOLI TA' SALVAGWARDJA

*Artikolu 29***Vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separat, konformi ma' din id-Direttiva**

1. Jekk Stat Membru jsib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ġodda, għalkemm konformi mal-ħtiġijiet applikabbli jew immarkati kif suppost, jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza stradali, jew huma ta' dannu gravi għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika, dak l-Istat Membru jista', għal perijodu massimu ta' sitt xhur, jiċċad ir-reġistrazzjoni ta' tali vetturi jew il-permess għall-bejgħ jew id-dħul fis-servizz fit-territorju tiegħu ta' tali vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati.

F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru konċernat għandu minnufih jinnotifika lill-manifattur, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni għaldaqstant, u jiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tiegħu u, b'mod partikolari, jekk hix ir-riżultat ta':

— nuqqasijiet fl-atti regolatorji rilevanti, jew

— l-applikazzjoni mhux korretta tal-ħtiġijiet rilevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet konċernati mill-aktar fis possibbli u, b'mod partikolari, lill-awtorità ta' l-approvazzjoni li ħarġet l-approvazzjoni tat-tip sabiex tħejji d-deċiżjoni.

3. Meta l-miżuri msemmija fil-Paragrafu 1 huma attribwiti għal nuqqasijiet fl-atti regolatorji rilevanti, għandhom jittieħdu l-miżuri adatti kif ġej:

— fejn huma konċernati direttivi jew regolamenti separati elenkati fl-Anness IV, Parti I il-Kummissjoni għandha temendahom skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 40(2);

▼B

— fejn huma konċernati Regolamenti ta' l-UNECE, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-abbozz ta' l-emendi meħtieġa għar-Regolamenti rilevanti ta' l-UNECE skond il-proċedura applikabbli skond il-Ftehim ta' l-1958 Rivedut.

4. Meta l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 huma attribwiti għall-applikazzjoni mhux korretta tal-ħtiġijiet rilevanti, il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri adatti biex tiżgura l-konformità ma' dawn il-ħtiġijiet.

*Artikolu 30***Vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi mat-tip approvat**

1. Jekk Stat Membru li ħareġ approvazzjoni tat-tip tal-KE jsib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ġodda akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li għandhom fuqhom marka ta' approvazzjoni ma jikkonformawx mat-tip li jkun approva, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż, meta meħtieġ, l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip, biex jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tal-produzzjoni, skond il-każ, jinġiebu f'konformità mat-tip approvat. L-awtorità ta' l-approvazzjoni ta' dak l-Istat Membru għandha tavża lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri meħuda.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, devjazzjonijiet mid-dettalji fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew fil-pakkett ta' informazzjoni għandhom jitqiesu li huma nuqqas ta' konformità mit-tip approvat.

Vettura m'għandhiex titqies li tiddevja mit-tip approvat jekk l-atti regolatorji rilevanti jippermettu t-tolleranzi u dawk it-tolleranzi huma rispettati.

3. Jekk Stat Membru juri li vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ġodda akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li għandhom marka ta' approvazzjoni mhumieks konformi mat-tip approvat, dan jista' jitlob lill-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KE biex jivverifika li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni jibqgħu jikkonformaw mat-tip approvat. Mal-wasla ta' tali talba, l-Istat Membru konċernat għandu jieħu l-azzjoni mitluba malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien sitt xhur mid-data tat-talba.

4. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha titlob lill-Istat Membru li ta lis-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata jew il-vettura mhux kompluta approvazzjoni tat-tip biex jieħu l-azzjoni meħtieġa biex jiżgura li vetturi fi produzzjoni jinġabu mill-ġdid f'konformità mat-tip approvat fil-każijiet li ġejjin:

- (a) Vettura approvata tat-tip tal-KE, fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura hi attribwibbli esklużivament għan-nuqqas ta' konformità ta' sistema, komponent jew unità teknika separata;
- (b) approvazzjoni tat-tip ta' diversi stadji, fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura kkompletata hi attribwibbli esklużivament għan-nuqqas konformità ta' sistema, komponent jew unità teknika separata li tkun parti mill-vettura mhux kompluta, jew mill-vettura mhux kompluta fiha nfisha.

▼B

Mal-wasla ta' tali talba, l-Istat Membru konċernat għandu jiehfu l-azzjoni meħtieġa, jekk hemm bżonn flimkien ma' l-Istat Membru li jagħmel it-talba, malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien sitt xhur mid-data tat-talba. Fejn jiġi stabbilit nuqqas biex tikkonforma, l-awtorità ta' l-approvazzjoni ta' l-Istat Membru li ta s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata approvazzjoni tat-tip tal-KE jew l-approvazzjoni ta' vettura mhux kompluta għandha tiegħu l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1.

5. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin fi żmien 20 għurnata ta' xogħol bi kwalunkwe rtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE u bir-raġunijiet għal dan.

6. Jekk l-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KE joġġezzjona għan-nuqqas ta' konformità nnotifikat lilu, l-Istati Membri konċernati għandhom jaħdmu biex isolvu l-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata u, fejn meħtieġ, għandha żżomm konsultazzjonijiet xierqa bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

Artikolu 31

Il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' partijiet jew tagħmir li jistgħu jippreżentaw riskju sinifikanti għall-funzjonament korrett ta' sistemi essenzjali

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu l-bejgħ, l-offerta għall-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' partijiet jew tagħmir, li jistgħu jippreżentaw riskju sinifikanti għall-funzjonament korrett ta' sistemi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha, biss jekk dawk il-partijiet jew tagħmir ġew awtorizzati minn awtorità ta' l-approvazzjoni skond il-paragrafi 5 sa 10.

2. Partijiet jew tagħmir suġġett għall-awtorizzazzjoni skond paragrafu 1 għandhom jiddaħħlu fil-lista li trid tiġi stabbilita fl-Anness XIII. Deċizzjoni bħal din għandha tkun preċeduta minn evalwazzjoni li jwassal għal rapport u tagħmel minn kollox biex ikun hemm bilanċ ġust bejn l-elementi li ġejjin:

- (a) l-eżistenza ta' riskju serju għas-sikurezza jew għall-prestazzjoni ambjentali ta' vetturi mġhamra bil-partijiet jew bit-tagħmir taħt konsiderazzjoni; u
- (b) l-effett fuq konsumaturi u manifatturi fis-suq sekondarju ta' l-impożizzjoni taħt dan l-Artikolu ta' rekwiżit għal awtorizzazzjoni possibbli fuq il-partijiet jew tagħmir li qed jitqiesu.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal partijiet jew tagħmir oriġinali li huma koperti b'sistema ta' approvazzjoni tat-tip fir-rigward ta' vettura u ta' partijiet jew tagħmir li għandhom l-approvazzjoni tat-tip skond id-dispożizzjonijiet ta' wieheċ mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, ħlief fejn dawk l-approvazzjonijiet jikkonċernaw aspetti oħra barra dawk koperti fil-paragrafu 1. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-partijiet jew tagħmir prodott esklużivament għall-vetturi tat-tlielaq mhux intenzjonati għall-użu fit-toroq pubbliċi. Jekk partijiet jew tagħmir inklużi fl-Anness XIII ikollhom użu doppju għat-tlielaq u għal fuq it-triq, dawn il-partijiet jew dan it-tagħmir ma jistax jinbiegħ jew jiġi offrut għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali għall-użu fit-vetturi ta' fuq it-triq sakemm ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

▼B

Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet biex jiġu identifikati il-partijiet jew it-tagħmir msemmi f'dan il-paragrafu.

4. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-partijiet interessati, tistabbilixxi l-proċedura u l-ħtiġijiet tal-proċess ta' awtorizzazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, u tadotta d-dispożizzjonijiet għall-aġġornament sussegwenti tal-lista stabbilita fl-Anness XIII. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jinkludu preskrizzjonijiet għas-sikurezza, għall-ħarsien ambjentali, u, fejn meħtieġ, għall-istandards ta' ttestjar. Huma jistgħu jkunu bbażati fuq l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew jistgħu jkunu żviluppati skond l-istat rilevanti tas-sikurezza, tat-teknoloġija ambjentali u ta' l-ittestjar, jew, jekk dan hu mod xieraq kif jintlaħaq livell ta' sikurezza neċessarja jew ta' objettivi ambjentali, jistgħu jikkonsistu fi tqabbil tal-parti jew tagħmir mal-prestazzjoni ambjentali jew ta' sikurezza tal-vettura oriġinali, jew kwalunkwe parti tagħha, kif xieraq.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-manifattur ta' partijiet jew tagħmir għandu jissottometti lill-awtorità ta' l-approvazzjoni rapport test abbozzat minn servizz tekniku magħżul li jiċċertifika li l-partijiet jew it-tagħmir li għalihom qed tintalab l-awtorizzazzjoni huma konformi mal-ħtiġijiet imsemmija fil-paragrafu 4. Il-manifattur jista' jintroduċi biss applikazzjoni waħda għal kull tip għal kull parti ma' awtorità ta' l-approvazzjoni waħda biss.

L-applikazzjoni għandha tinkludi dettalji li jikkonċernaw il-manifattur tal-partijiet jew tat-tagħmir, it-tip, in-numri ta' identifikazzjoni u tal-partijiet jew tat-tagħmir li għalihom qed tintalab l-awtorizzazzjoni, kif ukoll l-isem tal-manifattur tal-vettura, it-tip ta' vettura u, jekk xieraq, is-snin ta' kostruzzjoni jew kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti l-identifikazzjoni tal-vettura li għaliha l-immuntar ta' tali partijiet jew tagħmir hi intiża.

Meta l-awtorità ta' l-approvazzjoni hi sodisfatta, b'kont meħud tar-rapport ta' test u xhieda oħra, li l-partijiet jew it-tagħmir in kwistjoni jikkonforma mal-ħtiġijiet imsemmija fil-paragrafu 4, hi għandha toħroġ ċertifikat lill-manifattur mingħajr dewmien li mhux ġustifikat. Dan iċ-ċertifikat għandu jawtorizza l-partijiet jew it-tagħmir li jrid jinbiegħ, offrut għal bejgħ jew immuntat f'vetturi fil-Komunità soġġett għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 9.

6. Kull parti jew biċċa tagħmir awtorizzata fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tkun immarkata kif xieraq.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-immarkar u għall-imballaġġ, kif ukoll il-mudell u s-sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikat imsemmi fil-Paragrafu 5.

7. Il-miżuri msemmija fil-Paragrafi 2 sa 6 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 40(2) billi huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha.

8. Il-manifattur għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtorità ta' l-approvazzjoni li tkun ħarġet iċ-ċertifikat bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-kondizzjonijiet li taħtom ikun inħareġ. Dik l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tiddeċiedi jekk iċ-ċertifikat għandux jiġi rivedut jew maħruġ mill-ġdid u jekk hemmx bżonn isiru testijiet ġodda.

Il-manifattur għandu jkun responsabbli biex jiżgura li l-partijiet u t-tagħmir huma prodotti u jibqgħu jiġu prodotti taħt il-kondizzjonijiet li taħtom ġie maħruġ iċ-ċertifikat.

▼B

9. Qabel tagħti kwalunkwe awtorizzazzjoni, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti u proċeduri sodisfaċenti biex jiġi żgurat kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni.

Fejn l-awtorità ta' l-approvazzjoni ssib li l-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni mhumiex iżjed milħuqa, hi għandha titlob lill-manifattur jiehli l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-partijiet jew it-tagħmir jinġab lura f'konformità. Jekk meħtieġ għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

10. Kwalunkwe nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' ċertifikati msemmija fil-paragrafu 5 għandu jinġab għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Hi għandha tieħu l-miżuri xierqa, inkluż, fejn meħtieġ, titlob l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni, wara li tkun ikkonsultat ma' l-Istati Membri.

11. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal parti jew tagħmir qabel ma tiġi elenkata fl-Anness XIII. Għal kwalunkwe annotazzjoni jew grupp ta' annotazzjonijiet fl-Anness XIII għandu jiġi stabbilit perijodu transitorju raġonevoli li jippermetti lill-manifattur tal-parti jew tat-tagħmir japplika għal u jikseb awtorizzazzjoni. Fl-istess waqt għandha, fejn xieraq, tiġi stabbilita data biex teskludi l-partijiet u t-tagħmir iddisinjat għal vetturi li għandhom approvazzjoni tat-tip qabel dik id-data mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

12. Sakemm deċiżjoni dwar jekk parti jew tagħmir għandhiex tiġi inkluża fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 għadha ma ttehdix, l-Istati Membri jistgħu jżommu dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet jew mat-tagħmir li jistgħu jkunu ta' riskju sinifikanti għall-funzjonament korrett ta' sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha.

La darba tkun ittiegħet deċiżjoni bħal din, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet jew mat-tagħmir in kwistjoni m'għandhomx jibqgħu validi.

13. Sa mid-29 ta' Ottubru 2007, l-Istati Membri m'għandhomx jadottaw dispożizzjonijiet ġodda dwar partijiet u tagħmir li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament korrett ta' sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għar-rendiment ambjentali tagħha.

*Artikolu 32***Ġabra lura tal-vetturi**

1. Fejn manifattur li jkun ingħata approvazzjoni tat-tip tal-KE għal vettura jkun obligat li jopera, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' att regolatorju jew tad-Direttiva 2001/95/KE, għal lura ta' vetturi diġà mibjugħa, reġistrati jew impoġġija fis-servizz għaliex sistema, komponent jew unità teknika separata waħda jew aktar immuntata fil-vettura, kemm jekk huma approvati skond din id-Direttiva u anke jekk le, tippreżenta riskju serju għas-sikurezza stradali, saħħa pubblika jew protezzjoni ambjentali, hu għandu jinforma minnufih lill-awtorità ta' l-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni lill-vettura.

▼B

2. Il-manifattur għandu jipproponi lill-awtorità ta' l-approvazzjoni sett ta' rimedji xierqa biex ir-riskju msemmi fil-paragrafu 1 jiġi newtralizzat. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tikkomunika l-miżuri proposti lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-miżuri huma implimentati b'mod effettiv fit-territorji rispettivi tagħhom.

3. Jekk il-miżuri huma kkunsidrati bħala insuffiċjenti mill-awtoritajiet konċernati jew ma ġewx implimentati malajr biżżejjed, huma għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-awtorità ta' l-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal vettura.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha imbagħad tinforma lill-manifattur. Jekk l-awtorità ta' l-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE hija hi stess mhux sodisfatta bil-miżuri tal-manifattur, hi għandha tiegħu l-miżuri protettivi kollha meħtieġa, inkluż l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-vettura meta l-manifattur ma jipproponix u ma jimplimentax il-miżuri korrettivi effettivi. F'każ ta' rtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-vettura, l-awtorità ta' l-approvazzjoni konċernata għandha tinnotifika lill-manifattur, l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni b'ittra reġistrata jew b'mezz elettroniku ekwivalenti fi żmien 20 ġurnata ta' xogħol.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal partijiet li mhumix soġġetti għal kwalunkwe ħtieġa taħt att regolatorju.

*Artikolu 33***Notifika ta' deċiżjonijiet u rimedji disponibbli**

Id-deċiżjonijiet kollha meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u d-deċiżjonijiet kollha li jirrifjutaw jew jirtiraw l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, jew li jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni jew jipprojbixxu l-bejgħ, għandhom jiddikjaraw fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati.

Kwalunkwe tali deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-parti konċernata li għandha, fl-istess waqt, tiġi infurmata bir-rimedji disponibbli għaliha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat u tal-limiti ta' żmien permissibbli għall-eżerċizzju ta' tali rimedji.

KAPITOLU XIII

REGOLAMENTI INTERNAZZJONALI*Artikolu 34***Regolamenti UNECE meħtieġa għal approvazzjoni tat-tip tal-KE**

1. Regolamenti UNECE li għalihom aderixxiet il-Komunità u li huma elenkati fl-Anness IV, Parti I u fl-Anness XI huma parti mill-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal vettura taħt l-istess termini bħad-direttivi jew regolamenti separati. Huma għandhom japplikaw għall-kategoriji ta' vetturi elenkati fil-kolonna rilevanti fit-tabella ta' l-Anness IV, Parti I u l-Anness XI.

▼B

2. Meta l-Komunità tkun iddeċidiet li tapplika fuq bażi obligatorja Regolament UNECE għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE għal vettura skond l-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni 97/836/KE, l-Annessi għal din id-Direttiva għandhom jiġu emendati kif xieraq skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 40(2) ta' din id-Direttiva. L-att li jemenda l-annessi għal din id-Direttiva għandu jispeċifika wkoll id-dati ta' l-applikazzjoni obligatorja tar-Regolament UNECE jew ta' l-emendi tiegħu. L-Istati Membri għandhom iħassru jew jadattaw kwalunkwe leġislazzjoni nazzjonali li hi inkompatibbli mar-Regolament UNECE in kwistjoni.

Fejn tali Regolament UNECE jissostitwixxi Direttiva jew Regolament eżistenti separat, l-annotazzjoni konċernata fl-Anness IV, Parti I u fl-Anness XI għandha tiġi sostitwita bin-numru tar-Regolament UNECE u l-annotazzjoni korrispondenti fl-Anness IV, Parti II għandha tiġi mħassra skond l-istess proċedura.

3. Fil-każ imsemmi fit-tieni Subparagrafu ta' Paragrafu 2, id-Direttiva jew ir-Regolament separat sostitwit bir-Regolament UNECE għandu jitħassar skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 40(2).

Fejn titħassar Direttiva separata, l-Istati Membri għandhom iħassru kwalunkwe leġislazzjoni nazzjonali li ġiet adottata għat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva.

4. Jistgħu jsiru referenzi diretti f'din id-Direttiva jew fid-direttivi jew fir-regolamenti separati għal standards u regolamenti internazzjonali mingħajr ma jitniżżlu fil-qafas legali Komunitarju.

*Artikolu 35***Ekwivalenza ta' Regolamenti UNECE ma' direttivi jew regolamenti**

1. Ir-Regolamenti UNECE elenkati fil-parti II ta' l-Anness IV huma rikonoxxuti bħala li huma ekwivalenti għad-Direttivi jew ir-Regolamenti separati korrispondenti bl-istess mod kif huma jikkondividu l-istess kamp ta' applikazzjoni u suġġett.

L-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni ta' l-Istati Membri għandhom jaċċettaw approvazzjonijiet mogħtija skond dawk ir-Regolamenti UNECE u, fejn applikabbli, il-marki ta' approvazzjoni li jappartjenu, minflok l-approvazzjonijiet korrispondenti u marki ta' approvazzjoni mogħtija skond id-direttiva jew regolament separat ekwivalenti.

2. Fejn il-Komunità tkun iddeċidiet li tapplika, għall-finijiet tal-paragrafu 1, Regolament UNECE ġdid jew Regolament UNECE kif emendat, l-Anness IV, Parti II għandha tiġi emendata kif xieraq. Dawn il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 40(2).

▼B

*Artikolu 36***Ekwivalenza ma' regolamenti oħra**

Il-Kunsill jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jirrikonoxxi l-ekwivalenza bejn il-kondizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet għal approvazzjoni tat-tip tal-KE għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati stabbiliti b'din id-Direttiva u l-proċeduri stabbiliti b'regolamenti internazzjonali jew regolamenti ta' pajjiżi terzi, fil-qafas ta' ftehim multilaterali jew bilaterali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.

KAPITOLU XIV

FORNIMENT TA' INFORMAZZJONI TEKNIKA*Artikolu 37***Informazzjoni intiża għall-utenti**

1. Il-manifattur ma jistax jforni kwalunkwe informazzjoni teknika relatata mad-dettalji previsti f'din id-Direttiva jew fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV li tiżvija mid-dettalji approvati mill-awtorità ta' l-approvazzjoni.

2. Fejn att regolatorju jagħmel dispożizzjonijiet speċifiċi biex isir dan, il-manifattur għandu jagħmel disponibbli għall-utenti l-informazzjoni rilevanti kollha u struzzjonijiet meħtieġa li jiddeskrivu kwalunkwe kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċjali marbuta ma' l-użu ta' vettura, komponent jew unità teknika speċjali.

Dik l-informazzjoni għandha tiġi fornita fil-lingwi uffċjali tal-Komunità. Għandha tiġi fornita, bi ftehim ma' l-awtorità ta' l-approvazzjoni, f'dokument ta' appoġġ xieraq, bħall-manwal tas-sid jew il-ktieb dwar iż-żamma (maintenance book).

*Artikolu 38***Informazzjoni intiża għal manifatturi ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati**

1. Il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel disponibbli lill-manifatturi ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati dawk id-dettalji kollha, inkluż, kif jista' jkun il-każ, tpinġijiet speċifikament elenkati fl-anness jew l-appendiċi għal att regolatorju li huma meħtieġa għal approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, jew meħtieġa biex tinkiseb awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 31.

Il-manifattur tal-vettura jista' jimponi ftehim li jorbot fuq il-manifatturi ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati biex jipproteġi l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li mhix fl-isfera pubblika, inkluż dak li hu relatat mad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali.

2. Il-manifattur tal-komponenti jew ta' unitajiet tekniċi separati, fil-kapaċità tiegħu bħala detentur ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE li, skond l-Artikolu 10(4), jinkludi restrizzjonijiet fuq l-użu jew kondizzjonijiet speċjali ta' mmuntar jew it-tnejn, għandu jipprovdi l-informazzjoni dettaljata kollha dwar dan lill-manifattur tal-vettura.

▼B

Fejn att regolatorju jagħmel dispożizzjoni biex isir dan, il-manifattur tal-komponenti jew ta' unitajiet tekniċi separati għandu jipprovdi, flimkien mal-komponenti jew unitajiet tekniċi separati prodotti, struzzjonijiet rigward restrizzjonijiet fuq l-użu jew kondizzjonijiet speċjali ta' mmuntar jew it-tnejn.

KAPITOLU XV

MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI U EMENDI*Artikolu 39***Miżuri ta' implimentazzjoni u emendi għal din id-Direttiva u d-direttivi u r-regolamenti separati**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' kull direttiva jew regolament separat f'konformità mar-regoli stabbiliti f'kull direttiva jew regolament konċernat.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta emendi għall-Annessi għal din id-Direttiva jew għad-dispożizzjonijiet tad-direttivi jew ir-regolamenti separati elenkati fl-Anness IV, Parti I, li huma meħtieġa biex tadattahom għall-iżvilupp ta' għarfien xjentifiku u tekniku jew għall-ħtiġijiet speċifiċi tan-nies b'diżabilità.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta emendi għal din id-Direttiva li huma meħtieġa biex jiġu stabbiliti ħtiġijiet tekniċi għal vetturi ta' serje żgħira, vetturi approvati taħt proċedura ta' approvazzjoni individwali u vetturi bi skopijiet speċjali.
4. Meta l-Kummissjoni ssir konxja ta' riskji serji għall-utenti tat-triq jew għall-ambjent, li jitolbu miżuri urġenti, tista temenda d-dispożizzjonijiet tad-direttivi jew regolamenti separati elenkati fl-Anness IV Parti I.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta emendi li huma meħtieġa fl-interess ta' l-amministrazzjoni tajba u b'mod partikolari dawk li hemm bżonnhom biex tiġi żgurata il-koerenza tad-direttivi jew regolamenti separati elenkati fl-Anness IV, Parti I jew bejniethom jew flimkien ma' biċċiet oħra tal-liġi Komunitarja.
6. Meta, fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 97/836/KE, Regolamenti UNECE ġodda jew emendi għal Regolamenti UNECE eżistenti li għalihom aderixxiet il-Komunità huma adottati, il-Kummissjoni għandha temenda l-Annessi għal din id-Direttiva kif xieraq.
7. Kull Direttiva jew regolament ġdid separat għandu jintroduċi l-emendi xierqa għall-Annessi għal din id-Direttiva.
8. L-annessi għal din id-Direttiva jistgħu jiġu emendati permezz ta' regolamenti.
9. Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 40(2) billi huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva jew tad-direttivi u r-regolamenti separati, inter alia billi jissupplimentawha.

▼B*Artikolu 40***Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat imsemmi bħala “il-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur” (TCMV).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

KAPITOLU XVI

GĦAŻLA U NOTIFIKA TA' SERVIZZI TEKNIĊI*Artikolu 41***Għażla ta' servizzi tekniċi**

1. Meta Stat Membru jagħżel servizz tekniku dan ta' l-aħħar għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Is-servizzi tekniċi għandhom iwettqu jew jagħmlu superviżjoni tat-testijiet meħtieġa għal approvazzjoni jew spezzjonijiet speċifikati f'din id-Direttiva jew f'att regolatorju elenkat fl-Anness IV, ħlief fejn proċeduri alternattivi huma speċifikament permessi. Huma ma jistgħux iwettqu testijiet jew spezzjonijiet li għalihom ma ġewx magħżula b'mod debitu.

3. Is-servizzi tekniċi għandhom jaqgħu f'wieħed jew aktar mill-erba' kategoriji ta' attivitajiet, skond il-qasam ta' kompetenza tagħhom:

- (a) kategorija A, servizzi tekniċi li jwettqu fil-faċilitajiet tagħhom stess it-testijiet imsemmija f'din id-Direttiva u fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;
- (b) kategorija B, servizzi tekniċi li jagħmlu superviżjoni għat-testijiet imsemmija f'din id-Direttiva u fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, imwettqa fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza;
- (c) kategorija Ċ, servizzi tekniċi li jivvalutaw u jissorveljaw fuq bażi regolari l-proċeduri tal-manifattur biex tiġi kontrollata l-konformità tal-produzzjoni;
- (d) kategorija D, servizzi tekniċi li jagħmlu superviżjoni jew iwettqu testijiet jew spezzjonijiet fil-qafas tas-sorveljanza tal-konformità tal-produzzjoni.

4. Servizzi tekniċi għandhom juru ħliet xierqa, għarfien tekniku speċifiku u xhieda ta' esperjenza fl-oqsma speċifiċi koperti b'din id-Direttiva u l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV.

▼B

Minbarra dan, is-servizzi tekniċi għandhom jikkonformaw ma' l-istandards elenkati fl-Appendiċi 1 għall-Anness V, li huma rilevanti għall-attivitajiet li huma jwettqu. Madankollu, din il-ħtieġa ma tapplikax għall-finijiet ta' l-aħħar stadju ta' proċedura ta' approvazzjoni tat-tip ta' diversi stadji kif imsemmija fl-Artikolu 25(1).

5. Awtorità ta' l-approvazzjoni tista' tagħxi bħala servizz tekniku għal waħda jew iżjed mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 3.

6. Manifattur jew parti subkontraenti li tagħxi f'ismu tista' tiġi magħżula bħala servizz tekniku għal attivitajiet ta' kategorija A fir-rigward ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness XV.

Il-Kummissjoni għandha temenda il-lista ta' dawn l-atti regolatorji fejn meħtieġ skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 40(2).

7. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafi 5 u 6 għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

8. Servizzi tekniċi, ħlief dawk magħżula skond il-paragrafu 6, ta' pajjiż terz jistgħu jiġu notifikati għall-finijiet ta' l-Artikolu 43 biss fil-qafas ta' ftehim bilaterali bejn il-Komunità u l-pajjiż terz in kwistjoni.

*Artikolu 42***Valutazzjoni tal-ħiliet tas-servizzi tekniċi**

1. Il-ħiliet imsemmija fl-Artikolu 41 għandhom jintwerew b'rapport ta' valutazzjoni stabbilit minn awtorità kompetenti. Dan jista' jinkludi ċertifikat ta' akkreditazzjoni maħruġ minn korp ta' akkreditazzjoni.

2. Il-valutazzjoni li fuqha r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 huwa bbażat, għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Appendiċi 2 għall-Anness V.

Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jiġi rivedut wara perijodu massimu ta' tliet snin.

3. Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jiġi komunikat lill-Kummissjoni fuq talba.

4. L-awtorità ta' l-approvazzjoni li tagħxi bħala servizz tekniku għandha turi konformità permezz ta' evidenza f'dokumenti.

Din għandha tinkludi valutazzjoni li għandha titwettaq minn awdituri indipendenti ta' l-attività li tkun qed tiġi valutata. Tali awdituri jistgħu jkunu mill-istess organizzazzjoni sakemm huma ġestiti b'mod awtonomu mill-persunal li jwettaq l-attività valutata.

5. Manifattur jew parti subkontraenti li tagħxi f'ismu, magħżul bħala servizz tekniku, għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Artikolu.



Artikolu 43

Proċeduri għal notifika

1. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-isem, l-indirizz, inkluż l-indirizz elettroniku, il-persuni responsabbli u l-kategorija ta' attivitajiet fir-rigward ta' kull servizz tekniku magħżul. Huma għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe modifikazzjonijiet sussegwenti għalihom.

L-att ta' notifika għandu jiddikjara għal liema atti regolatorji s-servizzi tekniċi ġew magħżula.

2. Servizz tekniku jista' jwettaq l-attivitajiet deskritti fl-Artikolu 41 għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip jekk ikun ġie notifikat minn qabel lill-Kummissjoni.

3. L-istess servizz tekniku jista' jiġi magħżul u notifikat minn bosta Stati Membri irrispettivament mill-kategorija ta' attivitajiet li jwettaq.

4. Meta fl-applikazzjoni ta' att regolatorju, organizzazzjoni speċifika jew korp kompetenti, li l-attività tagħhom mhix inkluża ma' daww koperti fl-Artikolu 41, jeħtieġ tiġi magħżula fl-applikazzjoni ta' dak l-att regolatorju, in-notifika għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista u d-dettalji dwar l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi fuq is-sit elettroniku tagħha.

KAPITOLU XVII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 44

Dispożizzjonijiet Transitorji

1. Sakemm isiru l-emendi meħtieġa għal din id-Direttiva sabiex jiġu inklużi l-vetturi li għadhom mhumex koperti b'din id-Direttiva jew biex jiġu finalizzati d-dispożizzjonijiet amministrattivi u tekniċi fir-rigward ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi oħra ħlief M₁, prodotti f'serje żgħira, u biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet amministrattivi u tekniċi armonizzati dwar il-proċedura ta' approvazzjoni individwali u sakemm jiskadu l-perijodi tranżitorji previsti fl-Artikolu 45, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jagħtu approvazzjonijiet nazzjonali għal daww il-vetturi, sakemm tali approvazzjonijiet huma bbażati fuq il-ħtiġijiet tekniċi armonizzati stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. Ma' l-applikazzjoni mill-manifattur jew, fil-każ ta' approvazzjoni individwali, mis-sid tal-vettura u mas-sottomissjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa, l-Istat Membru konċernat għandu jiffinalizza u joħroġ iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip jew iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni individwali kif xieraq. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ lill-applikant.

Fir-rigward ta' vetturi ta' l-istess tip, Stati Membri oħra għandhom jaċċettaw kopja ċertifikata bħala prova li t-testijiet meħtieġa twettqu.

▼B

3. Fejn vettura partikolari koperta b'approvazzjoni individwali għandha tkun reġistrata fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru jista' jitleb, mill-awtorità ta' l-approvazzjoni li tkun haġġet l-approvazzjoni individwali, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tiddikjara fid-dettall in-natura tal-ħtiġijiet tekniċi sodisfatti minn dik il-vettura partikolari.

4. Sakemm is-sistemi ta' reġistrazzjoni u ta' tassazzjoni ta' l-Istati Membri jiġu armonizzati fir-rigward ta' vetturi koperti minn din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jużaw kodiċi nazzjonali sabiex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni u t-tassazzjoni fit-territorju tagħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu sudiviżjoni tal-verżjonijiet muriġa fl-Anness III, Parti II sakemm id-dettalji użati għas-sudiviżjoni huma dikjarati espressament fil-pakkett ta' informazzjoni jew jistgħu jiġu derivati minnu b'kalkolu sempliċi.

*Artikolu 45***Dati ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE**

1. Għal dak li jirrigwarda approvazzjoni tat-tip tal-KE, l-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tal-KE lil tipi ġodda ta' vetturi mid-dati speċifikati fl-Anness XIX.

2. Ma' l-applikazzjoni mill-manifattur, l-Istati Membri jistgħu jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE lil tipi ġodda ta' vetturi mid-29 ta' April 2009.

3. Sakemm id-dati speċifikati fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness XIX, l-Artikolu 26(1) m'għandux japplika għal vetturi ġodda li għalihom inhaġġet approvazzjoni nazzjonali qabel id-dati speċifikati fit-tielet kolonna tiegħu jew li għalihom ma kien hemm l-ebda approvazzjoni.

4. Fuq talba tal-manifattur, u sad-dati speċifikati fin-nota fil-kolonna 3 tal-filieri 6 u 9 tat-tabella stabbilita fl-Anness XIX, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali bħala alternattiva għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE, għall- vetturi fil-kategoriji M₂ jew M₃ bil-kundizzjoni li daww il-vetturi u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom, ingħataw l-approvazzjoni tat-tip b'konformità ma' l-atti regolatorji elenkati fil-Parti I ta' l-Anness IV ta' din id-Direttiva.

5. Din id-Direttiva m'għandhiex tinvalida kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-KE mogħtija lil vetturi tal-kategorija M₁ qabel id-29 ta' April 2009, u lanqas timpedixxi l-estensjoni ta' tali approvazzjonijiet.

6. Għal dak li jirrigwarda l-approvazzjoni tal-KE ta' tipi ġodda ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, l-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva mid-29 ta' April 2009.

Din id-Direttiva m'għandhiex tinvalida kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-KE mogħtija għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati qabel id-29 ta' April 2009 u lanqas timpedixxi l-estensjoni ta' tali approvazzjonijiet.

▼B*Artikolu 46***Penali**

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u b'mod partikolari tal-proj-bizzjonijiet stipulati jew li jirriżultaw mill-Artikolu 31, u ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, Parti I u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-pieni determinati għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissuażivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mid-29 ta' April 2009 u għandhom jinnotifikaw kwalunkwe modifika sussegwenti għalihom malajr kemm jista' jkun.

*Artikolu 47***Valutazzjoni**

1. Mhux aktar tard mid-29 ta' April 2011, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'din id-Direttiva u, b'mod partikolari, l-applikazzjoni tal-proċess ta' diversi stadji. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-emendi meqjusa neċessarji biex jittejjeb il-proċess ta' approvazzjoni tat-tip.

2. Abbażi ta' l-informazzjoni fornita taħt paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mid-29 ta' Ottubru 2011. Jekk xieraq, il-Kummissjoni tista' tipproponi l-posponiment tad-dati ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 45.

*Artikolu 48***Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw qabel id-29 ta' April 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' l-emendi sostantivi ta' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mid-29 ta' April 2009.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li referenzi f'liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza għandha tiġi magħmula u kif tali dikjarazzjoni għandha tiġi mfassla.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenien tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 49***Tħassir**

Id-Direttiva 70/156/KEE hi mħassra b'effett mid-29 ta' April 2009, bla preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness XX, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XXI.

*Artikolu 50***Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 51***Indirizzati**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

▼B*LISTA TA' ANNESSI*

Anness I	Lista sħiħa ta' informazzjoni għall-fini ta' l-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi
Anness II	Definizzjoni ta' kategoriji ta' vetturi u tipi ta' vetturi
Anness III	Dokument ta' informazzjoni għall-fini ta' l-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi
Anness IV	Lista ta' atti regolatorji li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-fini ta' l-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi Appendiċi: Lista ta' atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li jinsabu fil-kategorija M₁, manifatturati f'serje żgħira skond l-Artikolu 22
Anness V	Proċeduri li għandhom jiġu segwiti fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura Appendiċi 1: Standards li għandhom jikkonformaw magħhom l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 41 Appendiċi 2: Proċedura għall-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi Appendiċi 3: Rekwiżiti ġenerali dwar il-format tar-rapporti tat-test
Anness VI	Mudelli taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip Appendiċi: Lista ta' atti regolatorji li magħhom hija konformi t-tip ta' vettura
Anness VII	Sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Appendiċi: Marka ta' approvazzjoni tat-tip KE għal unità teknika separata u komponent
Anness VIII	Riżultati tat-testijiet
Anness IX	Ċertifikat ta' konformità tal-KE
Anness X	Konformità tal-proċeduri ta' produzzjoni
Anness XI	Lista ta' atti regolatorji li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-għan ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi bi skop speċjali Appendiċi 1: Karavans bil-mutur, Ambulanzi u Karozzi tal-Mejtin Appendiċi 2: Vetturi Blindati Appendiċi 3: Vetturi li għandhom aċċess għal Wheel-chair Appendiċi 4: Vetturi oħra għal Skop Speċjali (inklużi Karavans ta' l-Irmonk) Appendiċi 5: Krejnijiet mobbli

▼B

Anness XII	Limiti ta' serje żgħar u ta' tmiem is-serje
Anness XIII	Lista ta' partijiet jew tagħmir li jista' jippreżenta riskju sinifikanti għall-funzjonament korrett ta' sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha, il-ħtiġijiet tal-prestazzjoni tagħhom, il-proċeduri ta' ttestjar xierqa, u d-dispożizzjonijiet ta' l-immarkar u l-ippakkjar.
Anness XIV	Lista ta' approvazzjonijiet tat-tip tal-KE maħruġa skond l-atti regolatorji.
Anness XV	Atti regolatorji li għalihom manifattur jista' jinħatar bħala servizz tekniku
Appendiċi:	Ħatra ta' manifattur bħala servizz tekniku
Anness XVI	Kundizzjonijiet speċifiċi mitluba mill-metodi ta' ttestjar virtwali u mill-atti regolatorji li għalihom jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar virtwali minn manifattur jew servizz tekniku
Appendiċi 1:	Kundizzjonijiet ġenerali mitluba minn metodi ta' ttestjar virtwali
Appendiċi 2:	Kundizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw metodi ta' ttestjar virtwali
Appendiċi 3:	Proċess ta' validazzjoni
Anness XVII	Proċeduri li jridu jiġu segwiti waqt approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' diversi stadji
	Appendiċi: Mudell tal-pjanċa addizzjonali tal-manifattur
Anness XVIII	Ċertifikat ta' oriġini tal-vettura — Dikjarazzjoni tal-manifattur ta' vettura bażi/mhux kompluta li ma tkunx ingħatat numru tad-Dikjarazzjoni taċ-Ċertifikat ta' konformità.
Anness XIX	Skeda ta' żmien għall-infurzar ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' l-approvazzjoni tat-tip
Anness XX	Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-direttivi mħassra fil-liġijiet nazzjonali
Anness XXI:	Tabella ta' korrelazzjoni

▼ **M1***ANNESS I***LISTA SĦIĦA TA' INFORMAZZJONI GĦALL-FINI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE TAL-VETTURI ^(a)**

Id-dokumenti kollha ta' informazzjoni f'din id-direttiva u f'direttivi jew regolamenti oħra għandhom jikkonsistu biss minn din il-lista totali u għandhom iżommu mas-sistema ta' numerazzjoni tagħha.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi lista tal-kontenut. Kwalunkwe disinn irid jiġi pprovdut fi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4 jew folder ta' format A4. Jekk ikun hemm xi ritratti għandu jkun fihom dettalji suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, l-komponenti jew unitajiet tekniċi oħra msemmija f'dan l-anness ikollhom kontrolli elettroniċi, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

- | | |
|----------|---|
| 0. | ĠENERALI |
| 0.1. | Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur): |
| 0.2. | Tip: |
| 0.2.0.1. | Chassis: |
| 0.2.0.2. | Karozzerija/vettura kompluta: |
| 0.2.1. | Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli): |
| 0.3. | Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat fuq il-vettura ^(b) : |
| 0.3.0.1. | Chassis: |
| 0.3.0.2. | Karozzerija/vettura kompluta: |
| 0.3.1. | Fejn tinsab din il-marka: |
| 0.3.1.1. | Chassis: |
| 0.3.1.2. | Karozzerija/vettura kompluta: |
| 0.4. | Kategorija ta' vettura ^(c) : |
| 0.4.1. | Klassifikazzjoni(ijiet) skond il-prodotti perikolużi li l-vettura hija intiża li ġġor: |
| 0.5. | L-isem u l-indirizz tal-manifattur: |
| 0.6. | Fejn jitqegħdu l-plejts statutorji u l-metodu ta' twaħħil tagħhom u fejn jitqiegħed in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura |
| 0.6.1. | Fuq ix-chassis: |
| 0.6.2. | Fuq il-karozzerija: |
| 0.7. | (Mhux attribwit) |
| 0.8. | L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar: |
| 0.9. | L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti): |
| 1. | IL-KARATTERISTIĊI TAL-BINI ĠENERALI TAL-VETTURA |
| 1.1. | Ritratti u/jew disinni ta' eżempju rappreżentattiv tal-vettura: .. |
| 1.2. | Disinn dimensjonali tal-vettura sħiħa: |

▼ **M1**

- 1.3. L-għadd tal-fusien u roti:
- 1.3.1. L-għadd u l-pożizzjoni tal-fusien b'roti doppji:
- 1.3.2. L-għadd u l-pożizzjoni tal-fusien bi steering:
- 1.3.3. Fusien powered (għadd, pożizzjoni, interkonnessjoni):
- 1.4. Chassis (jekk ikun hemm) (disinn ġenerali):
- 1.5. Materjal użat għas-side members ^(d):
- 1.6. Pożizzjoni u arranġament tal-magna:
- 1.7. Kabina ta' sewqan (kontroll minn quddiem jew bil-bonit) ^(e):
- 1.8. Naħa tas-sewqan: xellug/lemin ⁽¹⁾
- 1.8.1. Il-Vettura hija mgħammra biex tiġi misjuqa fit-traffiku fuq in-naħa tal-lemin/xellug ⁽¹⁾.
- 1.9. Speċifika jekk il-vettura bil-mutur hiex intiża għall-irmonk ta' semi-trejlers jew trejlers oħra u, jekk it-trejler huwa semi-, drawbar jew fus fiċ-ċentru, speċifika l-vetturi intiżi b'mod speċjali għall-ġarr ta' prodotti b'temperatura kkontrollata:
- 2. MASES U DIMENSIJONIJIET ^(f) ^(g)
(f'kg u mm) (Irreferi għad-disinn fejn applikabbli)
- 2.1. **Tul(ijiet) ta' bejn ir-roti (b'tagħbija sħiħa)** ^(g¹)
- 2.1.1. Vetturi b'żewġ fusien:
- 2.1.1.1. Vetturi b'żewġ fusien jew tlieta
- 2.1.1.1.1. L-ispażju li jitħalla bejn żewġ fusien konsekuttivi mill-fus ta' quddiem nett sal-fus ta' wara nett:
- 2.1.1.1.2. L-ispażju totali bejn il-fusien:
- 2.2. **Il-ħames rota**
- 2.2.1. Fil-każ ta' semi trejlers
- 2.2.1.1. Distanza bejn il-fus tal-pern ewlieni tal-ħames rota u t-tarf nett tas-semi trejler:
- 2.2.1.2. Distanza massima bejn l-assi tal-pern ewlieni tal-ħames rota u kwalunkwe punt fuq quddiem tas-semi trejler:
- 2.2.1.3. Bażi tar-rota speċjali tas-semi trejler (kif iddefinit fit-Taqsima 7.6.1.2 ta' l-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE):
- 2.2.2. Fil-każ ta' vetturi semi trejler ta' l-irmonk
- 2.2.2.1. L-importanza tal-ħames rota (massimu u minimu; indika l-valuri permissibbli f'każ ta' vettura mhux kompluta) ^(g²): ...
- 2.2.2.2. Għoli massimu tal-ħames rota (standardizzat) ^(g³):

▼ **M1**

- 2.3. **Tul(ijiet) u wisa'(wisgħat) tal-fus**
- 2.3.1. Tul ta' kull fus li huwa steered (^{g4}):
- 2.3.2. Tul tal-fusien l-oħra kollha (^{g4}):
- 2.3.3. Wisa' ta' l-aktar fus wiesa' ta' wara:
- 2.3.4. Il-wisa' tal-fus ta' quddiemnett (imkejla fuq it-tarf ta' barra tat-tajers għajr għall-bużżejqa mbuzzata 'l barra tat-tajers qrib l-art):
- 2.4. **Il-medda tad-dimensjonijiet tal-vettura (b'kollox)**
- 2.4.1. Għal chassis mingħajr karożzerija
- 2.4.1.1. It-tul (^{g5}):
- 2.4.1.1.1. Tul massimu permissibbli:
- 2.4.1.1.2. Tul minimu permissibbli:
- 2.4.1.1.3. Fil-każ tat-trejlers, it-tul massimu permissibbli tad-drawbar (^{g6}):
- 2.4.1.2. Wisa' (^{g7}):
- 2.4.1.2.1. Wisa' massima permissibbli:
- 2.4.1.2.2. Wisa' minima permissibbli:
- 2.4.1.3. Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) (^{g8}) (Għal saspenxins li l-għoli tagħhom jista' jiġi aġġustat, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan):
- 2.4.1.4. Overhang ta' quddiem (^{g9}):
- 2.4.1.4.1. L-approach angle (^{g10}): gradi.
- 2.4.1.5. Overhang ta' wara (^{g11}):
- 2.4.1.5.1. Id-departure angle (^{g12}): gradi.
- 2.4.1.5.2. Overhang minima u massima permissibbli tal-punt ta' l-igġancjar (^{g13}):
- 2.4.1.6. Id-distanza mill-art (kif iddefinit fil-punt 4.5 tat-Taqsima A ta' l-Anness II)
- 2.4.1.6.1. Bejn il-fusien:
- 2.4.1.6.2. Taħt il-fus(ien) ta' quddiem:
- 2.4.1.6.3. Taħt il-fus(ien) ta' wara:
- 2.4.1.7. Ir-ramp angle (^{g14}): gradi.
- 2.4.1.8. Pożizzjonijiet estremi permissibbli taċ-ċentru tal-gravità tal-karożzerija u/jew ta' l-aċċessorji interni u/jew tagħmir u/jew it-tagħbija kummerċjali:
- 2.4.2. Għal chassis bil-karożzerija
- 2.4.2.1. Tul (^{g5}):
- 2.4.2.1.1. Tul tal-parti tat-tagħbija:
- 2.4.2.1.2. Fil-każ tat-trejlers, it-tul massimu permissibbli tad-drawbar - (^{g6}):
- 2.4.2.2. Wisa' (^{g7}):
- 2.4.2.2.1. Ħxuna tal-ħitan (fil-każ ta' vetturi mfassla għal ġarr ta' merk-anzija f'temperatura kkontrollata):

▼ **M1**

- 2.4.2.3. Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) ^(g8) (Għal saspenxins li l-għoli tagħhom jista' jiġi aġġustat, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan):
- 2.4.2.4. Overhang ta' quddiem ^(g9):
- 2.4.2.4.1. L-approach angle ^(g10): gradi.
- 2.4.2.5. Overhang ta' wara ^(g11):
- 2.4.2.5.1. Id-departure angle ^(g12): gradi.
- 2.4.2.5.2. Overhang minima u massima permissibbli tal-punt ta' l-igġanċjar ^(g13):
- 2.4.2.6. Id-distanza mill-art (kif iddefinit fil-punt 4.5 tat-Taqsima A ta' l-Anness II)
- 2.4.2.6.1. Bejn il-fusien:
- 2.4.2.6.2. Taħt il-fus(ien) ta' quddiem:
- 2.4.2.6.3. Taħt il-fus(ien) ta' wara:
- 2.4.2.7. Ir-ramp angle ^(g14): gradi.
- 2.4.2.8. Pożizzjonijiet estremi permissibbli taċ-ċentru tal-gravità tal-tagħbija kummerċjali (fil-każ ta' tagħbija mhux uniformi):
- 2.4.2.9. Pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità tal-vettura (M2 u M3) bit-tagħbija massima teknikament permissibbli tagħha fid-direzzjoni lonġitudinali, trażversali u vertikali:
- 2.4.3. Għal karożzerija approvata mingħajr chassis (vetturi M2 u M3)
- 2.4.3.1. Tul ^(g5):
- 2.4.3.2. Wisa' ^(g7):
- 2.4.3.3. Għoli nominali (f'kundizzjoni ta' sewqan) ^(g8) fuq it-tip(i) ta' chassis intiż(i) (għal saspenxins li l-għoli tagħhom jista' jiġi aġġustat, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): .
- 2.5. **Il-massa tax-chassis mikxuf (mingħajr il-kabina, il-likwidu li jkessaħ, iż-żjut, il-karburant, ir-rota żejda, għodda u s-sewwieq):**
- 2.5.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa bejn il-fusien:
- 2.6. **Massa f'kundizzjoni ta' sewqan**
- Massa tal-vettura bil-karożzerija u, fil-każ ta' vettura ta' l-irmonk ta' kategorija għajr għal M1, b'tagħmir ta' gganċjar, jekk imqiegħed mill-manifattur, f'kundizzjoni ta' sewqan, jew massa tax-chassis jew chassis bil-kabina, mingħajr karożzerija u/jew tagħmir ta' gganċjar jekk il-manifattur ma jqiegħedx il-karożzerija u/jew it-tagħmir ta' gganċjar (inklużi likwidi, għodda, rota żejda, jekk tkun imqiegħda, u s-sewwieq u, għal karożżi tal-linja u kowċis, kunduttur jekk ikun hemm sit għall-kunduttur fil-vettura) ^(b) (massimu u minimu għal kull varjant):
- 2.6.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa bejn il-fusien, u fil-każ ta' semi-trejler jew trejler bil-fus fiċ-ċentru, it-tagħbija fuq il-punt ta' gganċjar (massimu u minimu għal kull varjant):

▼ **M1**

- 2.7. **Massa minima tal-vettura kompluta** kif mogħtija mill-manifattur, fil-każ ta' vettura mhux kompluta:
- 2.7.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa bejn il-fusien u, fil-każ ta' semi-trejler jew trejler b'fus ċentrali, it-tagħbija fuq il-punt ta' gganċjar:
- 2.8. **Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli** mogħtija mill-manifattur ⁽¹⁾ ⁽³⁾:
- 2.8.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa bejn il-fusien u, fil-każ ta' semi-trejler jew trejler b'fus ċentrali, it-tagħbija fuq il-punt ta' gganċjar ⁽³⁾:
- 2.9. **Massa massima teknikament permessa fuq kull fus:**
- 2.10. **Massa massima teknikament permessa fuq kull grupp ta' fusien:**
- 2.11. **Massa massima ta' l-irmonk teknikament permissibbli** tal-vettura bil-mutur fil-każ ta'
- 2.11.1. Trejler bi drawbar:
- 2.11.2. Semi-trejler:
- 2.11.3. Trejler ta' fus ċentrali:
- 2.11.3.1. Relattività massima ta' l-isporġenza ta' l-igganċjar ⁽¹⁾ mad-distanza bejn il-fus ta' quddiem u dak ta' wara:
- 2.11.3.2. Valur-V massimu: kN.
- 2.11.4. Massa massima teknikament permessa tal-kombinazzjoni ⁽³⁾:
- 2.11.5. Il-vettura hija/mhiex ⁽¹⁾ adattata għal tagħbijiet bl-irmonk (punt 1.2 ta' l-Anness II tad-Direttiva 77/389/KEE).
- 2.11.6. Massa massima ta' trejler mingħajr brejkijiet:
- 2.12. **Tagħbija/massa teknikament permissibbli statika vertikali fuq il-punt ta' gganċjar tal-vettura**
- 2.12.1. Tal-vettura bil-mutur:
- 2.12.2. Tas-semitrejler jew trejler ta' fus ċentrali:
- 2.12.3. Massa massima permissibbli tat-tagħmir ta' gganċjar (jekk ma jkunx immuntat mill-manifattur):
- 2.13. **It-tperpir fuq wara** (Taqsimi 7.6.2. u 7.6.3 ta' l-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE):
- 2.14. **Ir-relattività tal-qawwa tal-magna/massa massima:** kW/kg.

▼ **M1**

- 2.14.1. Massa mogħbija massima teknikament permissibli/qawwa tal-magna tar-relattività kkombinata (Taqsimha 7.10 ta' l-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE): kW/kg.
- 2.15. **Abilità ta' sewqan minn wieqaf fuq telgħa** (vettura waħedha) ⁽⁴⁾: %.
- 2.16. **Mases massimi permissibbli ta' reġistrazzjoni/fl-użu intiżi** (mhux obbligatorji: meta jingħataw dawn il-valuri, għandhom ikunu vverifikati bi qbil mar-rekwiżiti ta' l-Anness IV tad-Direttiva 97/27/KE)
- 2.16.1. Massa ta' tagħbija massima permissibbli ta' reġistrazzjoni/fl-użu intiża (aktar minn ċifra waħda possibbli għal kull konfigurazzjoni teknika ⁽⁵⁾):
- 2.16.2. Massa ta' tagħbija massima permissibbli ta' reġistrazzjoni/fl-użu intiża fuq kull fus, u fil-każ ta' semi-trejler jew trejler ta' fus ċentrali, tagħbija intiża fuq il-punt ta' gganċjar mogħtija mill-manifattur jekk tkun anqas mill-massa massima teknikament permissibbli fuq il-punt ta' gganċjar (aktar minn ċifra waħda hija possibbli għal kull konfigurazzjoni teknika ⁽⁵⁾):
- 2.16.3. Massa massima mogħbija permissibbli ta' reġistrazzjoni/fl-użu intiża fuq kull grupp ta' fusien (aktar minn ċifra waħda possibbli għal kull konfigurazzjoni teknika ⁽⁵⁾):
- 2.16.4. Massa ta' irmonk massima permissibbli ta' reġistrazzjoni/fl-użu intiża (aktar minn ċifra waħda possibbli għal kull konfigurazzjoni teknika ⁽⁵⁾):
- 2.16.5. Massa massima permissibbli ta' reġistrazzjoni/fl-użu intiża tal-kombinazzjoni (aktar minn ċifra waħda għal kull konfigurazzjoni teknika ⁽⁵⁾):
3. **IMPJANT TA' QAWWA** ⁽⁶⁾
- 3.1. **Il-manifattur tal-magna:**
- 3.1.1. Kodiċi tal-magna tal-manifattur (kif immarkat fuq il-magna, jew xi mezz ieħor ta' identifikazzjoni):
- 3.1.2. Numru ta' approvazzjoni (jekk huwa l-każ) inkluż immarkar ta' identifikazzjoni tal-karburant:
- (Vetturi ta' l-Istrapazz biss)
- 3.2. **Magna b'kombustjoni interna**
- 3.2.1. *Informazzjoni speċifika dwar il-magna*
- 3.2.1.1. Il-prinċipju ta' kif taħdem: startjar pożittiv/startjar bil-kompressjoni ⁽¹⁾
- Ċiklu: b'erba' strowks/b'żewġ strowks/rotatorja ⁽¹⁾
- 3.2.1.2. Numru ta' ċilindri u kif inhuma mqassma:
- 3.2.1.2.1. Bore ⁽¹⁾: mm
- 3.2.1.2.2. Strowk ⁽¹⁾: mm

▼ **M1**

- 3.2.1.2.3. L-ordni kif jiġu mqabbdha:
- 3.2.1.3. Il-kapaċità tal-magna (^m): cm³
- 3.2.1.4. Il-proporzjon tal-kompressjoni volumetrika (²):
- 3.2.1.5. Disinji tal-kompartiment tal-kombustjoni, piston crown u, fil-każ ta' magni bi startjar pożittiv, il-piston rings:
- 3.2.1.6. Issettjar normali tal-magna mhux ingranata (²): min⁻¹
- 3.2.1.6.1. Issettjar għoli tal-magna mhux ingranata (²): min⁻¹
- 3.2.1.7. Kontenut ta' monossidu tal-karbonju fil-gass ta' l-egżost bil-magna mhux ingranata (²): % kif mogħti mill-manifattur (magni bi startjar pożittiv biss)
- 3.2.1.8. Qawwa netta massima (ⁿ): ... kW ma' ... min⁻¹ (valur dikjarat mill-manifattur)
- 3.2.1.9. Veloċità massima permessa tal-magna kif stabbilita mill-manifattur: ... min⁻¹
- 3.2.1.10. Torkju nett massimu (ⁿ): Nm ma' min⁻¹ (valur dikjarat mill-manifattur)
- 3.2.2. *Karburant*
- 3.2.2.1. Vetturi mhux ta' l-istrapazz: Diżil/Petrol/LPG/NG jew Biomethane/Ethanol (E 85)/Biodiżil/Idroġenu (¹) (⁶)
- 3.2.2.2. Vetturi ta' l-istrapazz: Diżil/Petrol/LPG/NG-H/NG-L/NG-HL/Ethanol (¹) (⁶)
- 3.2.2.3. Dħul tat-tank għall-karburant: fetħa/tikketta ristretta (¹)
- 3.2.2.4. Tip ta' karburant tal-vettura: Mono karburant, Bi karburant, Flex karburant (¹)
- 3.2.2.5. Ammont massimu ta' biokarburant aċċettabbli fil-karburant (valur iddikjarat tal-manifattur): % bil-volum
- 3.2.3. *Tank(ijiet) tal-karburant*
- 3.2.3.1. Tank(ijiet) ta' karburant ta' servizz
- 3.2.3.1.1. Għadd u kapaċità ta' kull tank:
- 3.2.3.1.1.1. Materjal:
- 3.2.3.1.2. Disinn u deskrizzjoni teknika tat-tank(ijiet) bil-konnessjonijiet kollha u l-pajpijiet kollha tas-sistema ta' nifs u ta' ventijiet, għeluq, valvoli, tagħmir ta' ssikkar:
- 3.2.3.1.3. Disinn li juri b'mod ċar il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura:
- 3.2.3.2. Tank(ijiet) ta' karburant ta' riserva
- 3.2.3.2.1. Għadd u kapaċità ta' kull tank:
- 3.2.3.2.1.1. Materjal:

▼ **M1**

- 3.2.3.2.2. Disinn u deskrizzjoni teknika tat-tank(ijiet) bil-konnessjonijiet kollha u l-pajpijiet kollha tas-sistema ta' nifs u ta' ventijiet, għeluq, valvoli, tagħmir ta' ssikkar:
- 3.2.3.2.3. Disinn li juri b'mod ċar il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura:
- 3.2.4. *Twassil ta' karburant*
- 3.2.4.1. Bil-karburatur(i): iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.4.2. B'injezzjoni ta' karburant (startjar bil-kompressjoni biss): iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.4.2.1. Deskrizzjoni tas-sistema:
- 3.2.4.2.2. Il-prinċipju ta' kif taħdem: injezzjoni diretta/pre-chamber/swirl chamber ⁽¹⁾
- 3.2.4.2.3. Pompa ta' l-injezzjoni
- 3.2.4.2.3.1. Għamla(iet):
- 3.2.4.2.3.2. Tip(i):
- 3.2.4.2.3.3. Twassil massimu ta' karburant ⁽¹⁾ ⁽²⁾: ... mm³/strowk jew ċiklu b'veloċità tal-magna ta': ... min⁻¹ jew, b'mod alternattiv, dijagramma tal-karatteristiċi:

(Jekk il-vettura jkollha boost control, agħti t-twassil karatteristiku tal-karburant u l-boost pressure meta mqabbla mal-veloċità tal-magna)
- 3.2.4.2.3.4. It-timing ta' l-injezzjoni statika ⁽²⁾:
- 3.2.4.2.3.5. Kurva ta' l-avvanz fl-injezzjoni ⁽²⁾:
- 3.2.4.2.3.6. Proċedura ta' kalibrar: bank ta' ittestjar/magna ⁽¹⁾
- 3.2.4.2.4. Regolatur (awtomatiku li jikkontrolla l-veloċità tal-magna)
- 3.2.4.2.4.1. Tip:
- 3.2.4.2.4.2. Punt ta' qtugħ
- 3.2.4.2.4.2.1. Veloċità li biha l-qtugħ jibda taħt tagħbija: min⁻¹
- 3.2.4.2.4.2.2. Veloċità massima mingħajr tagħbija: min⁻¹
- 3.2.4.2.4.2.3. Veloċità meta l-magna mhiex ingranata: min⁻¹
- 3.2.4.2.5. Pajpijiet ta' l-injezzjoni (Vetturi ta' l-Istrapazz biss)
- 3.2.4.2.5.1. Tul: mm
- 3.2.4.2.5.2. Dijametru intern: mm
- 3.2.4.2.5.3. Common rail, għamla u tip:
- 3.2.4.2.6. Injettur(i)

▼ **M1**

- 3.2.4.2.6.1. Għamla(iet):
- 3.2.4.2.6.2. Tip(i):
- 3.2.4.2.6.3. Pressjoni tal-ftuħ ⁽²⁾: kPa jew dijagramma karatteristika ⁽²⁾:
- 3.2.4.2.7. Sistema li tistartja kiesħa
- 3.2.4.2.7.1. Għamla(iet):
- 3.2.4.2.7.2. Tip(i):
- 3.2.4.2.7.3. Deskrizzjoni:
- 3.2.4.2.8. Għajnuna awżiljarja ta' l-istartjar
- 3.2.4.2.8.1. Għamla(iet):
- 3.2.4.2.8.2. Tip(i):
- 3.2.4.2.8.3. Deskrizzjoni tas-sistema:
- 3.2.4.2.9. Injezzjoni kkontrollata elettronikament: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.4.2.9.1. Għamla(iet):
- 3.2.4.2.9.2. Tip(i):
- 3.2.4.2.9.3. Deskrizzjoni tas-sistema (fil-każ ta' sistemi għajr għal ta' injezzjoni kontinwa agħti d-dettalji ekwivalenti):
- 3.2.4.2.9.3.1. Għamla u tip ta' l-unità ta' kontroll (ECU):
- 3.2.4.2.9.3.2. Għamla u tip tar-regolatur tal-karburant:
- 3.2.4.2.9.3.3. Għamla u tip tas-senser tal-fluss ta' arja:
- 3.2.4.2.9.3.4. Għamla u tip tad-distributur tal-karburant:
- 3.2.4.2.9.3.5. Għamla u tip tal-hawsing tat-trottil:
- 3.2.4.2.9.3.6. Għamla u tip ta' senser tat-temperatura ta' l-ilma:
- 3.2.4.2.9.3.7. Għamla u tip ta' senser tat-temperatura ta' l-arja:
- 3.2.4.2.9.3.8. Għamla u tip ta' ssettjar tas-senser tal-pressjoni ta' l-arja:
- 3.2.4.2.9.3.9. Numru(i) ta' kalibrar tas-software:
- 3.2.4.3. BI-injezzjoni tal-karburant (startjar pożittiv biss): iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.4.3.1. Il-prinċipju ta' kif taħdem: Manifold ta' l-intejk (single-/multi-point / ⁽¹⁾/injezzjoni dirett/oħrajn (speċifika):
- 3.2.4.3.2. Għamla(iet):
- 3.2.4.3.3. Tip(i):
- 3.2.4.3.4. Deskrizzjoni tas-sistema (Fil-każ ta' sistemi għajr għal ta' injezzjoni kontinwa agħti d-dettalji ekwivalenti):
- 3.2.4.3.4.1. Għamla u tip ta' l-unità ta' kontroll (ECU):
- 3.2.4.3.4.2. Għamla u tip tar-regolatur tal-karburant:
- 3.2.4.3.4.3. Għamla u tip tas-senser tal-fluss ta' arja:

▼ **M1**

- 3.2.4.3.4.4. Għamla u tip tad-distributur tal-karburant:
- 3.2.4.3.4.5. Għamla u tip tar-regolatur tal-pressjoni:
- 3.2.4.3.4.6. Għamla u tip tal-mikroswiċċ:
- 3.2.4.3.4.7. Għamla u tip tal-vit ta' l-aġġustament ta' l-idling:
- 3.2.4.3.4.8. Għamla u tip tal-hawsing tat-trottil:
- 3.2.4.3.4.9. Għamla u tip tas-senser tat-temperatura ta' l-ilma:
- 3.2.4.3.4.10. Għamla u tip tas-senser tat-temperatura ta' l-arja:
- 3.2.4.3.4.11. Għamla u tip tas-senser tal-pressjoni ta' l-arja:
- 3.2.4.3.4.12. Numru(i) ta' kalibrar tas-softwer:
- 3.2.4.3.5. Injectors: pressjoni tal-ftuħ ⁽²⁾: kPa jew dijagramma karatteristika:
- 3.2.4.3.5.1. Għamla:
- 3.2.4.3.5.2. Tip:
- 3.2.4.3.6. Timing ta' l-injezzjoni:
- 3.2.4.3.7. Sistema li tistartja kiesħa
- 3.2.4.3.7.1. Prinċipju(i) operattiv(i):...
- 3.2.4.3.7.2. Limiti/settjaturi operattivi ⁽¹⁾ ⁽²⁾:
- 3.2.4.4. Pompa li tagħti l-karburant
- 3.2.4.4.1. Pressjoni ⁽²⁾: ... kPa jew dijagramma karatteristika ⁽²⁾:
- 3.2.5. *Sistema elettrika*
- 3.2.5.1. Vultaġġ nominali: V, pożittiv/negattiv ⁽¹⁾
- 3.2.5.2. Ġeneratur
- 3.2.5.2.1. Tip:
- 3.2.5.2.2. Output nominali: VA
- 3.2.6. *Sistema ta' startjar (magni li jistartjaw bl-ispark biss)*
- 3.2.6.1. Għamla(iet):
- 3.2.6.2. Tip(i):
- 3.2.6.3. Il-prinċipju ta' kif taħdem:
- 3.2.6.4. Kurva jew mappa ta' l-avvanz ta' l-istartjar ⁽²⁾:
- 3.2.6.5. Timing statiku ta' l-istartjar ⁽²⁾: gradi qabel it-TDC
- 3.2.6.6. Spark plaggs
- 3.2.6.6.1. Għamla:
- 3.2.6.6.2. Tip:
- 3.2.6.6.3. L-issettjar tad-distanza bejn l-elektrowds: mm
- 3.2.6.7. Kojl ta' l-istartjar
- 3.2.6.7.1. Għamla:
- 3.2.6.7.2. Tip:
- 3.2.7. *Sistema li tkessaħ: likwidu/arja ⁽¹⁾*
- 3.2.7.1. Issettjar nominali tal-mekkaniżmu ta' kontroll tat-temperatura tal-magna:

▼ **M1**

- 3.2.7.2. Likwidu
- 3.2.7.2.1. Tip ta' likwidu:
- 3.2.7.2.2. Pompa(i) li tiċċirkola: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.7.2.3. Karatteristiċi: jew
- 3.2.7.2.3.1. Għamla(iet):
- 3.2.7.2.3.2. Tip(i):
- 3.2.7.2.4. Ir-rapport(i) tat-trażmissjoni tal-forza tal-magna:
- 3.2.7.2.5. Deskrizzjoni tal-fann u l-mekkaniżmu tiegħu:
- 3.2.7.3. Arja
- 3.2.7.3.1. Fann: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.7.3.2. Karatteristiċi: ... jew
- 3.2.7.3.2.1. Għamla(iet):
- 3.2.7.3.2.2. Tip(i):
- 3.2.7.3.3. Ir-rapport(i) tat-trażmissjoni tal-forza tal-magna:
- 3.2.8. *Sistema tad-dħul*
- 3.2.8.1. Kompresur: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.8.1.1. Għamla(iet):
- 3.2.8.1.2. Tip(i):
- 3.2.8.1.3. Deskrizzjoni tas-sistema (per eżempju kompressjoni massima: ... kPa; valv tal-ħruġ fejn applikabbli):
- 3.2.8.2. Intercooler: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.8.2.1. Tip: arja-arja/arja-ilma ⁽¹⁾
- 3.2.8.3. Dipressjoni tad-dħul ta' l-arja ma' veloċità nominali tal-magna u ma' tagħbija ta' 100 % (magni bi startjar bil-kompressjoni biss)
- 3.2.8.3.1. il-minimu permissibbli: kPa
- 3.2.8.3.2. il-massimu permissibbli: kPa
- 3.2.8.4. Deskrizzjoni u disinji tal-pajpijiet tad-dħul u l-aċċessorji tagħhom (plenum chamber, tagħmir tas-sħana, dħul ta' arja addizzjonali eċċ):
- 3.2.8.4.1. Deskrizzjoni tal-manifold tad-dħul (ehmeż id-disinji u/jew ritratti):
- 3.2.8.4.2. Filtru ta' l-arja, disinji:- ... jew
- 3.2.8.4.2.1. Għamla(iet):
- 3.2.8.4.2.2. Tip(i):
- 3.2.8.4.3. Silencer tad-dħul, disinji: jew
- 3.2.8.4.3.1. Għamla(iet):
- 3.2.8.4.3.2. Tip(i):

▼ **M1**

- 3.2.9. *Sistema ta' l-egżost*
- 3.2.9.1. Deskrizzjoni u/jew disinn tal-manifold ta' l-egżost:
- 3.2.9.2. Deskrizzjoni u/jew disinn tas-sistema ta' egżost:
- 3.2.9.3. Kontropressjoni ta' l-egżost massima permissibbli ma' veloċità nominali tal-magna u ma' tagħbija ta' 100 % (magni bi startjar b'kompresjoni biss): kPa
- 3.2.9.4. Tip, immarkar tas-silencer(s) ta' l-egżost:

Fejn rilevanti għal ħoss estern, miżuri ta' tnaqqis fil-kompartiment tal-magna u fuq il-magna:
- 3.2.9.5. Pożizzjoni tal-ħruġ ta' l-egżost:
- 3.2.9.6. Is-silencer ta' l-egżost li jkun fih materjali fibrużi:
- 3.2.9.7. Volum tas-sistema ta' l-egżost: dm³
- 3.2.10. *Żoni trażversali minimi ta' ports ta' dħul u ħruġ:*
- 3.2.11. *Timing tal-valvoli jew data ekwivalenti*
- 3.2.11.1. Irfiġh massimu tal-valvoli, angoli ta' ftuħ u għeluq, jew dettalji ta' timing ta' sistemi ta' distribuzzjoni alternattivi, meta mqabbla ma' partijiet mitfija. Għal sistema ta' timing varjabbli, timing minimu u massimu:
- 3.2.11.2. Firxiet ta' referenza u/jew ta' l-issettjar (¹):
- 3.2.12. *Miżuri meħuda kontra t-tniġġis ta' l-arja*
- 3.2.12.1. Tagħmir biex jirriċikla l-gassijiet tal-crankcase (deskrizzjoni u disinni):
- 3.2.12.2. Tagħmir addizzjonali ta' kontroll tat-tniġġis (jekk ikun hemm, u mhux koperti b'xi intestatura oħra)
- 3.2.12.2.1. Konvertitur katalitiku: iva/le (¹)
- 3.2.12.2.1.1. Għadd ta' konvertituri katalitiċi u elementi (ipprova t-tagħrif hawn taħt għal kull unità separata):
- 3.2.12.2.1.2. Id-dimensjonijiet, il-forma u l-volum tal-konvertitur(i) katalitiku(ċi):
- 3.2.12.2.1.3. Tip ta' azzjoni katalitika:
- 3.2.12.2.1.4. Iċ-ċarġ totali tal-metalli prezzjużi:
- 3.2.12.2.1.5. Konċentrazzjoni relattiva:
- 3.2.12.2.1.6. Is-sottostrat (struttura u materjal):
- 3.2.12.2.1.7. Id-densità taċ-ċellola:
- 3.2.12.2.1.8. Tip ta' kisi għall-konvertitur(i) katalitiku(ċi):
- 3.2.12.2.1.9. Il-post fejn jinsab(u) il-konvertitur(i) katalitiku(ċi) (post u distanza ta' referenza fil-linja ta' l-egżost):
- 3.2.12.2.1.10. L-ilqugħ mis-sħana: iva/le (¹)

▼ **M1**

- 3.2.12.2.1.11. Sistemi ta' riġenerazzjoni/sistemi ta' metodu ta' post-trattament ta' l-egżost, deskrizzjoni:
- 3.2.12.2.1.11.1. Għadd ta' ċikli operattivi tat-Tip I (jew bench cycles tal-magna ekwivalenti) bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet ta' riġenerazzjoni taħt il-kundizzjonijiet ekwivalenti għat-test tat-Tip I (Distanza "D" fil-Figura 1 fl-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 ta' l-UNECE):
- 3.2.12.2.1.11.2. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' ċikli bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet ta' riġenerazzjoni: ...
- 3.2.12.2.1.11.3. Parametri biex jiġi ddeterminat il-livell ta' tagħbija meħtieġ qabel ma sseħħ ir-riġenerazzjoni (jiġifieri t-temperatura, il-pressure eċċ.):
- 3.2.12.2.1.11.4. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex titgħabba s-sistema fil-proċedura tat-test deskritta fil-paragrafu 3.1 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 ta' l-UNECE):
- 3.2.12.2.1.11.5. Medda normali ta' temperatura operattiva: K
- 3.2.12.2.1.11.6. Reaġenti li jinħarqu: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.12.2.1.11.7. Tip u konċentrazzjoni ta' reaġent meħtieġ għal azzjoni katalitika:
- 3.2.12.2.1.11.8. Medda normali ta' temperatura operattiva tar-reaġent: K
- 3.2.12.2.1.11.9. Standard internazzjonali:
- 3.2.12.2.1.11.10. Frekwenza ta' riforniment tar-reaġent: kontinwu/żamma ⁽¹⁾
- 3.2.12.2.1.12. Għamla tal-konvertitur katalitiku:
- 3.2.12.2.1.13. Numru ta' identifikazzjoni tal-parti:
- 3.2.12.2.2. Sensor ta' l-ossiġenu: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.12.2.2.1. Għamla:
- 3.2.12.2.2.2. Pożizzjoni:
- 3.2.12.2.2.3. Medda ta' kontrolli:
- 3.2.12.2.2.4. Tip:
- 3.2.12.2.2.5. Numru ta' identifikazzjoni tal-parti:
- 3.2.12.2.3. Injezzjoni ta' l-arja: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.12.2.3.1. Tip (arja pulsata, pompa ta' l-arja, eċċ.):
- 3.2.12.2.4. Ċirkolazzjoni mill-ġdid tal-gass ta' l-egżost (EGR): iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.12.2.4.1. Karatteristiċi (għamla, tip, fluss, eċċ.):
- 3.2.12.2.4.2. Sistema mkessħa bl-ilma: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.12.2.5. Sistema ta' kontroll ta' emissjonijiet li jevaporaw: iva/le ⁽¹⁾
- 3.2.12.2.5.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tagħmir u l-istat tiegħu ta' kemm huwa ttjunjat:
- 3.2.12.2.5.2. Disinn tas-sistema ta' kontroll ta' l-evaporazzjoni:
- 3.2.12.2.5.3. Disinn tal-kanister tal-karbon:

▼ **M1**

- 3.2.12.2.5.4. Massa ta' faħam xott: g.
- 3.2.12.2.5.5. Disinn skematiku tat-tank tal-karburant bl-indikazzjoni ta' kapaċità u materjal:
- 3.2.12.2.5.6. Disinn ta' l-ilquħ tas-sħana bejn it-tank u s-sistema ta' l-egżost:...
- 3.2.12.2.6. Għarbiel tal-partiċelli (PT): iva/le (¹)
- 3.2.12.2.6.1. Dimensjonijiet, forma u kapaċità ta' l-għarbiel tal-partiċelli: .
- 3.2.12.2.6.2. Disinn ta' l-għarbiel tal-partiċelli:
- 3.2.12.2.6.3. Pożizzjoni (distanza ta' referenza fil-linja ta' l-egżost):
- 3.2.12.2.6.4. Metodu jew sistema ta' riġenerazzjoni, deskrizzjoni u/jew disinn:
- 3.2.12.2.6.4.1. Għadd ta' ċikli operattivi tat-Tip I (jew bench cycles tal-magna ekwivalenti) bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet ta' riġenerazzjoni taħt il-kundizzjonijiet ekwivalenti għat-test tat-Tip I (Distanza "D" fil-Figura 1 fl-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 ta' l-UNECE):
- 3.2.12.2.6.4.2. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' ċikli bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet ta' riġenerazzjoni: ...
- 3.2.12.2.6.4.3. Parametri biex jiġi ddeterminat il-livell ta' tagħbija meħtieġ qabel ma sseħħ ir-riġenerazzjoni (jiġifieri t-temperatura, il-pressure eċċ.):
- 3.2.12.2.6.4.4. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex titgħabba s-sistema fil-proċedura tat-test deskritta fil-paragrafu 3.1 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 ta' l-UNECE):
- 3.2.12.2.6.5. Għamla ta' l-għarbiel tal-partiċelli:
- 3.2.12.2.6.6. Numru ta' identifikazzjoni tal-parti:
- 3.2.12.2.6.7. Temperatura operattiva normali: ... (K) u medda ta' pressjoni (KPa)
- (Vetturi ta' l-istrappazz biss)
- 3.2.12.2.6.8. Fil-każ ta' riġenerazzjoni perijodika (Vetturi ta' l-Istrappazz biss)
- 3.2.12.2.6.8.1. Għadd ta' ċikli ta' testijiet ETC bejn 2 riġenerazzjonijiet (n1):
 - (b) deskrizzjoni dettaljata li tinkludi *curriculum vitae* tal-persunal inkarigat mill-ittestjar u tal-persunal maniġerjali kif jixhdu l-ħiliet edukattivi kif ukoll professjonali;
 - (c) barra minn dan ta' hawn fuq, is-servizzi tekniċi li jużaw metodi ta' ttestjar virtwali għandhom jipprovdu xhieda tal-abbiltà tagħhom li jaħdmu f'ambjent megħjun bil-kompjuter;
 - (d) informazzjoni ġenerali li tikkonċerna s-servizz tekniku bħall-attivitajiet tiegħu, ir-relazzjoni tiegħu f'entità korporata akbar, jekk hemm, u l-indirizzi tal-post(ijiet) fiżiċi kollha li jridu jiġu koperti mill-ambitu tal-għażla;
 - (e) ftehim biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti għall-ħatra u l-obbligi l-oħra tas-servizz tekniku kif applikabbli fid-direttivi rilevanti;

▼ **M7**

(f) deskrizzjoni tas-servizzi ta' valutazzjoni tal-konformità li s-servizz tekniku jimpenja ruħu għalihom fil-qafas tal-atti regolatorji applikabbli u lista tal-atti regolatorji li għalihom is-servizz tekniku japplika biex jingħażel, inkluż il-limiti tal-kapaċità fejn applikabbli;

(g) kopja tal-manwal ta' kwalità tas-servizz tekniku.

4.2. L-awtorità kompetenti għandha tirrevedi għall-adegwatezza l-informazzjoni fornita mis-servizz tekniku.

5. **Reviżjoni tar-riżorsi**

L-awtorità kompetenti għandha tirrevedi l-abbiltà tagħha biex twettaq valutazzjoni tas-servizz tekniku, f'termini tal-politika tagħha, il-kompetenza tagħha u d-disponibbiltà ta' awdituri u esperti xierqa.

6. **Is-subkuntrattar tal-valutazzjoni**

6.1. L-awtorità kompetenti tista' tagħti b'subkuntratt partijiet tal-valutazzjoni lil awtorità magħżula oħra jew titlob għal sostenn minn esperti tekniċi provduti minn awtoritajiet kompetenti oħra. Is-subkuntratturi u l-esperti għandhom jiġu aċċettati mis-servizz tekniku li qed japplika.

6.2. L-awtorità kompetenti għandha tqis iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni skont ambitu adegwat sabiex tiffinalizza l-valutazzjoni globali tas-servizz tekniku.

7. **Tħejjija għall-valutazzjoni**

7.1. L-awtorità kompetenti għandha formalment taħtar tim ta' valutazzjoni. Tal-ewwel għandha tiżgura li l-kompetenza marbuta ma' kull komputu hi xierqa. B'mod partikolari, fl-intier tiegħu t-tim:

(a) għandu jkollu għarfien xieraq tal-ambitu speċifiku li għalih hemm bżonn tal-ħatra; u

(b) għandu jkun intiż biżżejjed biex ikun jista' jagħmel valutazzjoni kredibbli tal-kompetenza tas-servizz tekniku biex jopera skont l-ambitu tal-ħatra.

7.2. L-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-komputu mogħti lit-tim ta' valutazzjoni. Il-komputu tat-tim ta' valutazzjoni hu li jirrevedi d-dokumenti miġbura mis-servizz tekniku li qed japplika u li jwettaq valutazzjoni fuq il-post.

7.3. L-awtorità kompetenti għandha taqbel, flimkien mas-servizz tekniku u t-tim ta' valutazzjoni assenjata, dwar id-data u l-iskeda għall-valutazzjoni. Madankollu, tibqa' r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti li tfittex data li hi konformi mal-pjan ta' sorveljanza u rivalutazzjoni.

7.4. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tim ta' valutazzjoni hu furnut bid-dokumenti ta' kriterji xierqa, rekords ta' valutazzjonijiet preċedenti, u d-dokumenti rilevanti u r-rekords tas-servizz tekniku.

8. **Valutazzjoni Fuq il-Post**

It-tim ta' valutazzjoni għandu jwettaq il-valutazzjoni tas-servizz tekniku fil-bini tas-servizz tekniku li minnu titwettaq attività ewlenija waħda jew iżjed u, fejn rilevanti, għandu jixhed f'postijiet oħra magħżula minn fejn jopera s-servizz tekniku.

9. **Analiżi tar-rapport dwar is-sejbiet u l-valutazzjoni**

9.1. It-tim ta' valutazzjoni għandu janalizza l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti kollha miġbura matul ir-reviżjoni tad-dokumenti u r-rekords u l-valutazzjoni fuq il-post. Din l-analiżi għandha tkun biżżejjed biex tippermetti lit-tim biex jiddetermina sa fejn jaslu l-kompetenza u l-konformità tas-servizz tekniku mar-rekwiżiti għall-ħatra.

▼ **M7**

- 9.2. Il-proċeduri ta' rappurtar tal-awtorità kompetenti għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti.
- 9.2.1. Għandha ssir laqgħa bejn it-tim ta' valutazzjoni u s-servizz tekniku qabel jitilqu minn fuq il-post. F'din il-laqgħa, it-tim ta' valutazzjoni għandu jipprovdi rapport bil-miktub/orali dwar is-sejbiet miksuba mill-analiżi. Għandha tiġi pprovduta opportunità għas-servizz tekniku biex jagħmel mistoqsijiet dwar is-sejbiet, inkluż in-nuqqasijiet ta' konformità, jekk hemm, u l-bażi tagħhom.
- 9.2.2. Rapport bil-miktub dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni għandu jitressaq mill-ewwel għall-attenzjoni tas-servizz tekniku. Dan ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jinkludi kummenti dwar il-kompetenza u l-konformità, u għandu jidentifika n-nuqqasijiet ta' konformità, jekk hemm, li jridu jiġu riżolti sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti kollha tal-ħatra.
- 9.2.3. Is-servizz tekniku għandu jiġi mistieden jirrispondi għar-rapport ta' valutazzjoni u jiddeskrivi l-azzjonijiet speċifiċi meħuda jew ipplanati li jittieħdu, fi żmien definit, biex kwalunkwe nuqqas ta' konformità identifikat jiġi riżolt.
- 9.3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-rispons tas-servizz tekniku biex jiġu riżolti n-nuqqasijiet ta' konformità jkun rivedut biex tara jekk l-azzjonijiet jidhru li huma suffiċjenti u effettivi. Jekk ir-rispons tas-servizz tekniku jinsab li mhuwiex biżżejjed, għandha tintalab informazzjoni ulterjuri. B'żieda ma' dan, tista' tintalab xhieda ta' implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet meħuda, jew tista' titwettagħ valutazzjoni b'segwitu biex tivverifika implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet korrettivi.
- 9.4. Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jinkludi tal-anqas dan li ġej:
- (a) identifikazzjoni unika tas-servizz tekniku;
 - (b) data(i) tal-valutazzjoni fuq il-post;
 - (c) isem(ismijiet) tal-awditur(i) u/jew esperti involuti fil-valutazzjoni;
 - (d) identifikazzjoni unika tal-postijiet kollha valutati;
 - (e) l-ambitu propost tal-ħatra li ġiet valutata;
 - (f) dikjarazzjoni dwar l-adegwatezza tal-organizzazzjoni u l-proċeduri interni adottati mis-servizz tekniku biex jagħti fiduċja fil-kompetenza tiegħu, kif iddeterminat permezz tal-issodisfar tar-rekwiżiti għall-ħatra;
 - (g) informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni tan-nuqqasijiet kollha ta' konformità;
 - (h) rakkomandazzjoni ta' jekk l-applikant għandux jintgħażel jew konfermat bħala servizz tekniku u, jekk iva, l-ambitu tal-għażla.
10. **L-għoti/il-konferma tal-għażla**
- 10.1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tieħu d-deċiżjoni dwar jekk tagħtix, tikkonfermax jew testendix in-nomina ta' servizz tekniku fuq il-bażi ta' rapport(i) u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.
- 10.2. L-awtorità li tapprova għandha tipprovdi ċertifikat lis-servizz tekniku. Dan iċ-ċertifikat għandu jidentifika dan li ġej:
- (a) l-identità u l-logo tal-awtorità tal-approvazzjoni;
 - (b) l-identità unika tas-servizz tekniku magħżul;
 - (c) id-data effettiva tal-għoti tal-ħatra u d-data tal-iskadenza;
 - (d) indikazzjoni fil-qosor jew referenza tal-ambitu tal-ħatra (direttivi applikabbli, regolamenti jew parti minnhom);
 - (e) dikjarazzjoni ta' konformità u referenza għad-direttiva preżenti.

▼ **M7****11. Rivalutazzjoni u sorveljanza**

- 11.1. Rivalutazzjoni hi simili għal valutazzjoni inizjali iżda hawn trid titqies l-esperjenza miksuba matul il-valutazzjonijiet ta' qabel. Valutazzjonijiet ta' sorveljanza fuq il-post huma anqas komprensivi minn rivalutazzjonijiet.
- 11.2. L-awtorità kompetenti għandha tfassal il-pjan tagħha għar-rivalutazzjoni u s-sorveljanza ta' kull servizz tekniku magħżul biex jiġu eżaminati, fuq bażi regolari, kampjuni rappreżentattivi tal-firxa tal-għażla.
- L-intervall bejn valutazzjonijiet fuq il-post, kemm ir-rivalutazzjonijiet u kemm is-sorveljanza, jiddependi fuq l-istabbiltà, b'xhieda għaliha, li jkun laħaq is-servizz tekniku.
- 11.3. Meta, waqt is-sorveljanza jew ir-rivalutazzjonijiet, jiġu identifikati nuqqasijiet ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi limiti ta' żmien stretti biex jiġu implimentati azzjonijiet korrettivi.
- 11.4. Meta l-azzjonijiet korrettivi jew ta' titjib ma jkunux twettqu fil-qafas ta' żmien miftiehem jew jitqiesu li mhumiex suffiċjenti, l-awtorità kompetenti għandha tadotta miżuri xierqa bħal, twettiq ta' valutazzjoni ulterjuri, is-sospensjoni/irtirar tal-ħatra għal waħda jew iżjed mill-attivitajiet li għalihom is-servizz tekniku ġie magħżul.
- 11.5. Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tissospendi jew tirtira l-ħatra ta' servizz tekniku, hi għandha tinforma lil dan tal-aħħar permezz ta' ittra reġistrata. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha tadotta l-miżuri kollha neċessarji biex tiżgura l-kontinwità tal-attivitajiet diġà mibdija mis-servizz tekniku.

12. Rekords ta' servizzi tekniċi magħżula

- 12.1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekords dwar is-servizzi tekniċi biex turi li r-rekwiżiti għall-ħatra, inkluża l-kompetenza, kienu sodisfatti tassew.
- 12.2. L-awtorità kompetenti għandha żżomm ir-rekords dwar is-servizzi tekniċi sikuri biex tiżgura l-kunfidenzjalità.
- 12.3. Ir-rekords dwar is-servizzi tekniċi għandhom tal-anqas jinkludu:
- (a) il-korrispondenza rilevanti;
 - (b) ir-rekords u r-rapporti tal-valutazzjoni;
 - (c) kopji taċ-ċertifikati tal-ħatra.

▼M7

Appendiċi 3

Rekwiżiti ġenerali dwar il-format tar-rapporti tat-test

1. Għal kull att regolatorju elenkat fil-Parti I tal-Anness IV, ir-rapport tat-test għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Istandard EN ISO/IEC 17025:2005. B'mod partikoalri, dan għandu jinkludi l-informazzjoni msemmija fil-punt 5.10.2, inkluża n-nota f'qiegħ il-paġna nru 1 ta' dak l-Istandard.
2. It-template ta' dawn ir-rapporti tat-test għandha tiġi stabbilita mill-awtorità tal-approvazzjoni b'konformità mar-regoli u l-aqwa prassi tagħha.
3. Għandu jsir abbozz tar-rapport tat-test fil-lingwa uffiċjali tal-Komunità stabbilita mill-awtorità tal-approvazzjoni.
4. barra minn hekk, din għandha tinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-identifikazzjoni tal-vettura, il-komponenti jew l-unità teknika separata li ġew ittestjati;
 - (b) deskrizzjoni dettaljata tal-karatteristiċi tal-vettura, il-komponenti jew l-unità teknika separata b'rabta mal-att regolatorju;
 - (c) ir-riżultati tal-qies speċifikat fl-atti regolatorji rilevanti u, meta meħtieġ, il-limiti li jridu jiġi rrispettati;
 - (d) fir-rigward ta' kull qies imsemmi fil-punt 4(c), il-deċiżjoni rilevanti: għaddiet jew weħlet;
 - (e) sqarrija dettaljata ta' konformità mad-dispożizzjonijiet varji li għndhom jitħarsu, jiġifieri d-dispożizzjonijiet li għalihom ma hemmx bżonn jingħata qies.

 Eżempju mit-Taqsima 3.2.2 tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 76/114/KEE ⁽¹⁾:

 “Iccekka li n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura jitpoġġa f'pożizzjoni fejn la jkun jista' jitħassar u lanqas jiddeterjora”

 ir-rapport għandu jinkludi sqarrija bħal: “il-post fejn jiġi stampat in-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura jissodisfa r-rekwiżiti tal-Taqsima 3.2.2 tal-Anness I”;
 - (f) meta jkun awtorizzati metodu ta' ttestjar oħrajn apparti minn dawk preskritti fl-atti regolatorji, ir-rapport għandu jinkludi deskrizzjoni tal-metodu ta' ttestjar fit-tweqqi tat-test

 L-istess jgħodd meta jkun jistgħu jintużaw dispożizzjonijiet alternattivi fl-atti regolatorji;
 - (g) ritratti meħuda waqt l-ittestjar, li n-numru tagħhom trid tiddeċidih l-awtorità tal-approvazzjoni.

 Fil-każ tal-ittestjar virtwali, flok ir-ritratti jistgħu jintużaw l-iscreen prints jew evidenza adattata oħra;
 - (h) il-konklużjonijiet milħuqa;
 - (i) meta tingħata opinjoni u interpretazzjoni, dawn għandhom jiġu ddokumentati b'mod xieraq u jiġu mmarkati bħala tali fir-rapport tat-test.
5. Meta jsiru t-testijiet fuq vettura, komponent jew unità teknika li tikkombina numru ta' fatturi tabilħaq negattivi fir-rigward tal-livell mitlub ta' prestazzjoni li għandha tilħaq (jiġifieri l-aġar każ possibbli), ir-rapport tat-test għandu jinkludi referenza li tispjega kif tkun saret l-għażla mill-manifattur bi ftehim mal-awtorità tal-approvazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 30.1.1976, p. 1.

▼ **M1***ANNEX VI***MUDELLI TA' ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP****MUDELL A****(biex jintuża għal approvazzjoni tat-tip ta' vettura)**

Format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Timbru ta' l-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip

Komunikazzjoni dwar:

Ta' tip ta':

- | | |
|--|--|
| — Approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ | — vettura kompluta ⁽¹⁾ |
| — estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ | — vettura kkompletata ⁽¹⁾ |
| — approvazzjoni tat-tip KE miċħuda - ⁽¹⁾ | — vettura mhux kompluta ⁽¹⁾ |
| — irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ | — vettura b'varjanti kompluti u mhux kompluti ⁽¹⁾ |
| | — vettura b'varjanti kkompletati u varjanti mhux kompluti ⁽¹⁾ |

fir-rigward tad-Direttiva 2007/46/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva .../.../-KE/Regolament (KE) Nru .../... ⁽¹⁾

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali ⁽²⁾:

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura:

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka:

0.4. Kategorija ta' vettura ⁽³⁾0.5. Isem u indirizz tal-manifattur tal-vettura kompluta ⁽¹⁾:Isem u indirizz tal-manifattur tal-vettura bażika ⁽¹⁾ ⁽⁴⁾:⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.⁽²⁾ Jekk mhux disponibbli dakinhar ta' l-għotja ta' l-approvazzjoni tat-tip, dan għandu jingħata mhux aktar tard minn meta l-vettura tidħol fis-suq.⁽³⁾ Kif iddefinit fl-Anness II.A.⁽⁴⁾ Ara n-naħa 2.

▼ **M1**

Isem u indirizz tal-manifattur tal-fażi l-iktar riċenti ta' kostruzzjoni tal-vettura mhux kompluta ⁽¹⁾ ⁽²⁾:

Isem u indirizz tal-manifattur tal-vettura kkompletata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar:

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti):

TAQSIMA II

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika l-preċiżjoni tad-deskrizzjoni tal-manifattur fid-dokument ta' informazzjoni meħmuż tal-vettura(i) deskritta(i) hawn fuq (kampjun(i) ġew magħżula mill-awtorità ta' approvazzjoni ta' tip tal-KE u sottomess(i) mill-manifattur bħala prototip(i) tat-tip ta' vettura) u li r-riżultati ta' l-ittestjar meħmuża huma applikabbli għat-tip ta' vettura.

1. Għal vetturi/varjanti kompluti u kkompletati ⁽¹⁾:

It-tip ta' vettura jissodisfa/ma jissodisfax ⁽¹⁾ ir-rekwiżiti tekniċi ta' l-atti kollha regolatorji rilevanti kif stabbilit fl-Anness IV u l-Anness XI ⁽¹⁾ ⁽²⁾ tad-Direttiva 2007/46/KE.

2. Għal vetturi/varjanti mhux kompluti ⁽¹⁾:

It-tip ta' vettura jissodisfa/ma jissodisfax ⁽¹⁾ ir-rekwiżiti tekniċi ta' l-atti regolatorji elenkati fit-tabella fuq in-naħa 2.

3. L-approvazzjoni hija mogħtija/miċħuda/irtirata ⁽¹⁾.

4. L-approvazzjoni tingħata skond l-Artikolu 20 u l-validità ta' l-approvazzjoni hija għalhekk limitata għal jj/xx/ss.

(Post)

(Firma)

(Data)

Dokumenti meħmużin:

Pakkett ta' tagħrif.

Riżultati tat-test (ara l-Anness VIII).

L-isem(ismijiet) u kampjun(i) tal-firma tal-persuna(i) awtorizzata(i) li tiffirma/jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità u dikjarazzjoni tal-kariga tiegħu/tagħhom fi ħdan l-organizzazzjoni.

NB: Jekk dan il-mudell jintuża għall-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikoli 20, 22 jew 23, jista' ma jkollux l-intestatura "Ċertifikat ta' Approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura", għajr għal:

— fil-każ imsemmi fl-Artikolu 20 fejn il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li tħalli Stat Membru jagħti approvazzjoni tat-tip skond din id-Direttiva,

— fil-każ ta' vetturi tal-kategorija M₁, approvati għat-tip skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 22.

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.

⁽²⁾ Ara n-naħa 2.



ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Naħa 2

Din l-approvazzjoni tat-tip KE, fejn għandhom x'jaqsmu vetturi, varjanti jew verżjonijiet mhux kompluti u vetturi kkompletati, hija bbażata fuq l-approvazzjoni(ijiet) għal vetturi mhux kompluti elenkati hawn taħt:

Fażi 1: Manifattur tal-vettura bażika:

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Data:

Applikabbli għal varjanti jew verżjonijiet (kif xieraq):

Fażi 2: Il-manifattur:

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Data:

Applikabbli għal varjanti jew verżjonijiet (kif xieraq):

Fażi 3: Il-manifattur:

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Data:

Applikabbli għal varjanti jew verżjonijiet (kif xieraq):

Fil-każ fejn l-approvazzjoni tinkludi varjant wieħed jew aktar mhux kompluti jew verżjonijiet (kif xieraq), agħmel lista ta' dawn il-varjanti jew verżjonijiet (kif xieraq) li huma kompluti jew ikkompletati.

Varjant(i) komplut(i)/ikkompletat(i):

Lista ta' rekwiżiti applikabbli għat-tip ta' vettura mhux kompluta, varjant jew verżjoni approvat/a (skond kif xieraq, filwaqt li jitqiesu l-ambitu u l-aħħar emendament għal kull wieħed mill-atti regolatorji elenkati hawn taħt).

Oġġett	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju	Emendat l-aħħar	Applikabbli għall-varjant jew, jekk meħtieġ, għall-verżjoni

(Agħmel lista biss tas-suġġetti li għalihom teżisti approvazzjoni tat-tip KE.)

Fil-każ ta' vetturi għal skop speċjali, eżenzjonijiet mogħtija jew dispożizzjonijiet speċjali applikati skond l-Anness XI u eżenzjonijiet mogħtija skond l-Artikolu 20:

Referenza għall-att regolatorju	Numru ta' l-oġġett	Tip ta' approvazzjoni u natura ta' l-eżenzjoni	Applikabbli għall-varjant jew, jekk meħtieġ, għall-verżjoni



M1

Appendiċi

Lista ta' atti regolatorji li magħhom hija konformi t-tip ta' vettura

(trid timtela biss fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 6(3)).

	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju ⁽¹⁾	Kif emendat bi	Applikabbli għall-verżjonijiet
1.	Livell permissibbli ta' ħoss	Id-Direttiva 70/157/KEE		
2.	Emissjonijiet	Id-Direttiva 70/220/KEE		
2a.	Emissjonijiet (Euro 5 u 6) vetturi mhux ta' strapazz/aċċess għall-informazzjoni	Ir-Regolament (KE) 715/2007		
3.	Tankijiet tal-karburant/Tagħmir ta' protezzjoni fuq wara	Id-Direttiva 70/221/KEE		
4.	Post għall-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara	Id-Direttiva 70/222/KEE		
5.	Sforz tekniku ta' l-istearing	Id-Direttiva 70/311/KEE		
6.	Lukketti u ċappetti tal-bibien	Id-Direttiva 70/387/KEE		
7.	Twissija li tinstema'	Id-Direttiva 70/388/KEE		
8.	Viżibilità ta' wara	Id-Direttiva 71/127/KEE		
8a.	Tagħmir ta' vista indiretta	Id-Direttiva 2003/97/KE		
9.	Ibbrejkjar	Id-Direttiva 71/320/KEE		
10.	Interferenza tal-frekwenza tar-radju (kompatibilità elettromanjetika)	Id-Direttiva 72/245/KEE		
11.	Duħħan tad-diżil	Id-Direttiva 72/306/KEE		
12.	Fittings Interni	Id-Direttiva 74/60/KEE		
13.	Immobilizzatur u tagħmir kontra s-serq	Id-Direttiva 74/61/KEE		
14.	Steering bi protezzjoni	Id-Direttiva 74/297/KEE		
15.	Saħħa tas-sits	Id-Direttiva 74/408/KEE		
16.	Projezzjonijiet esterni	Id-Direttiva 74/483/KEE		
17.	Spidometer u ger tar-rivers	Id-Direttiva 75/443/KEE		
18.	Pjanċi (regolamentari)	Id-Direttiva 76/114/KEE		
19.	Ankraġġi taċ-ċinturini ta' sikurezza	Id-Direttiva 76/115/KEE		
20.	Stallazzjoni ta' tagħmir tad-dawl u tas-sinja-lazzjoni	Id-Direttiva 76/756/KEE		
21.	Rifletturi ta' wara	Id-Direttiva 76/757/KEE		

▼M1

	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju ⁽¹⁾	Kif emendat bi	Applikabbli għall-verżjonijiet
22.	Fanali end-outline, tal-pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), tal-pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb), tal-waqfien, tal-markatur tal-ġenb, ta' l-użu ta' matul il-jum	Id-Direttiva 76/758/KEE		
23.	Indikaturi	Id-Direttiva 76/759/KEE		
24.	Fanali tal-panja tar-reġistrazzjoni ta' wara	Id-Direttiva 76/760/KEE		
25.	Fanali ta' quddiem (inklużi l-bozoz)	Id-Direttiva 76/761/KEE		
26.	Fanali ta' quddiem taċ-ċpar	Id-Direttiva 76/762/KEE		
27.	Ganċijiet ta' l-irmonk	Id-Direttiva 77/389/KEE		
28.	Fanali taċ-ċpar għal wara	Id-Direttiva 77/538/KEE		
29.	Fanali tar-rivers	Id-Direttiva 77/539/KEE		
30.	Fanali ta' l-ipparkjar	Id-Direttiva 77/540/KEE		
31.	Ċinturini ta' sikurezza u sistemi ta' trażżin	Id-Direttiva 77/541/KEE		
32.	Vista ta' quddiem	Id-Direttiva 77/649/KEE		
33.	Identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-ales u indikaturi	Id-Direttiva 78/316/KEE		
34.	Defrostjar/Demistjar	Id-Direttiva 78/317/KEE		
35.	Ħasil/Timsih	Id-Direttiva 78/318/KEE		
36.	Sistemi ta' tisħin	Id-Direttiva 2001/56/KE		
37.	Protezzjoni tar-roti	Id-Direttiva 78/549/KEE		
38.	Ilqugħ għar-ras	Id-Direttiva 78/932/KEE		
39.	Emisjonijiet tas-CO ₂ /Konsum ta' karburant	Id-Direttiva 80/1268/KEE		
40.	Qawwa tal-magna	Id-Direttiva 80/1269/KEE		
41.	Emissjonijiet (Euro IV u V) vetturi ta' strapazz.	Id-Direttiva 2005/55/KE		
42.	Protezzjoni laterali	Id-Direttiva 89/297/KEE		
43.	Sistemi ta' trażżin tat-titjir	Id-Direttiva 91/226/KEE		
44.	Mases u dimensjonijiet (karożżi)	Id-Direttiva 92/21/KEE		
45.	Ħġieġ ta' sikurezza	Id-Direttiva 92/22/KEE		
46.	Tajers	Id-Direttiva 92/23/KEE		

▼ **M1**

	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju ⁽¹⁾	Kif emendat bi	Applikabbli għall-verżjonijiet
47.	Tagħmir għal-limitazzjoni tal-veloċità	Id-Direttiva 92/24/KEE		
48.	Mases u dimensjonijiet (għajr għal vetturi msemija fil-punt 44)	Id-Direttiva 97/27/KE		
49.	Projezzjonijiet esterni ta' kabini	Id-Direttiva 92/114/KEE		
50.	Kaplings	Id-Direttiva 94/20/KE		
51.	Fjammabilità	Id-Direttiva 95/28/KE		
52.	Karozzi tal-linja u kowċis	Id-Direttiva 2001/85/KE		
53.	Impatt minn quddiem	Id-Direttiva 96/79/KE		
54.	Impatt mill-ġenb	Id-Direttiva 96/27/KE		
56.	Vetturi intiżi għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża	Id-Direttiva 98/91/KE		
57.	Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem	Id-Direttiva 2000/40/KE		

▼ **M2**

58.	Protezzjoni ta' persuni mixjin:	Regolament (KE) Nru 78/2009		
-----	---------------------------------	-----------------------------	--	--

▼ **M1**

59.	Riċiklabilità	Id-Direttiva 2005/64/KE		
-----	---------------	-------------------------	--	--

▼ **M2**

-------	--	--	--	--

▼ **M1**

61.	Sistemi ta' arja kundizzjonata	Id-Direttiva 2006/40/KE		
-----	--------------------------------	-------------------------	--	--

▼ **M3**

62.	Sistema tal-idroġenu	Regolament (KE) 79/2009		
-----	----------------------	-------------------------	--	--

▼ **M5**

63.	Sikurezza ġenerali	Regolament (KE) Nru 661/2009		
-----	--------------------	------------------------------	--	--

▼ **M1**

⁽¹⁾ Jew Regolamenti UNECE meqjusa ekwivalenti.

▼ **M1**

MUDELL B

(biex jintuża għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistema jew approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' sistema)

Format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip

Komunikazzjoni dwar:

- | | | |
|---|---|---|
| <ul style="list-style-type: none"> — Approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ — estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ — approvazzjoni tat-tip KE miċħuda ⁽¹⁾ — irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ | } | ta' tip ta' sistema/tip ta' vettura bi rigward sistema ⁽¹⁾ |
|---|---|---|

fir-rigward tad-Direttiva .../.../KE/Regolament (KE) Nru .../... ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva .../.../KE/Regolament (KE) Nru .../... ⁽¹⁾

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

- 0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur):
- 0.2. Tip:
 - 0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli):
- 0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkati fuq il-vettura ⁽²⁾
 - 0.3.1. Fejn tinsab din il-marka:
- 0.4. Kategorija ta' vettura ⁽³⁾
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar:
- 0.9. Rapreżentant tal-manifattur:

TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-*Addendum*
2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet:
3. Id-data tar-rapport tat-test:
4. In-numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): ara l-*Addendum*
6. Post:
7. Data:

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.

⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fih karattri mhux rilevanti biex jiddeskrivu t-tip tal-vettura, komponenti jew unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, dawn il-karattri għandhom jiġu rrapreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu “?” (eż. ABC??123??).

⁽³⁾ Kif iddefinit fl-Anness II, Taqsima A.

▼ **M1**

8. Firma:

Dokumenti meħmużin: Pakkett ta' tagħrif.
Rapport tat-test.

▼ M1*Addendum***għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru ...**

1. Informazzjoni addizzjonali
 - 1.1. [...]:
 - 1.1.1. [...]:
 - (...)
2. Numru ta' approvazzjoni tat-tip ta' kull komponent jew unità teknika separata installata fuq it-tip ta' vettura li trid tkun konformi ma' din id-Direttiva jew Regolament
 - 2.1. [...]:
3. Rimarki
 - 3.1. [...]:

▼ **M1**

MUDELL Ċ

(biex jintuża għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent/unità teknika separata)

Format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip

Komunikazzjoni dwar:

- | | |
|--|---|
| — Approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ | } ta' tip ta' komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ |
| — estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ | |
| — approvazzjoni tat-tip KE miċħuda ⁽¹⁾ | |
| — irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ⁽¹⁾ | |

fir-rigward tad-Direttiva .../.../KE/Regolament (KE) Nru .../... ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat/a bid-Direttiva .../.../KE/Regolament (KE) Nru .../... ⁽¹⁾

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

- 0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur):
- 0.2. Tip:
- 0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-komponent/l-unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:
- 0.3.1. Fejn tinsab din il-marka:
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, post u metodu ta' twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni KE:
- 0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar:
- 0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti):

TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-*Addendum*
2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet:
3. Id-data tar-rapport tat-test:
4. In-numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): ara l-*Addendum*
6. Post:
7. Data:

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.

⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fih karattri mhux rilevanti biex jiddeskrivu t-tip tal-vettura, komponenti jew unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, dawn il-karattri għandhom jiġu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu “?” (eż. ABC??123??).

▼ **M1**

8. Firma:

Dokumenti meħmużin:

Pakkett ta' tagħrif.

Rapport tat-test.

▼ M1*Addendum***għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru ...**

1. Informazzjoni addizzjonali
 - 1.1. [...]:
 - 1.1.1. [...]:
(...)
2. Restrizzjoni ta' l-użu tat-tagħmir (jekk hemm)
 - 2.1. [...]:
3. Rimarki
 - 3.1. [...]:

▼ **M1***ANNEX VII*

SISTEMA TA' NUMERAZZJONI TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE ⁽¹⁾

1. In-numru ta' approvazzjoni ta' tip tal-KE għandu jikkonsisti f'erba' taqsimiet għall-approvazzjonijiet tat-tip tal-vettura sħiħa u ħames taqsimiet għall-approvazzjonijiet tat-tip ta' sistema, komponent, u unità teknika separata kif jidher fid-dettal hawn taħt. Fil-każi kollha, is-sezzjonijiet għandhom ikunu separati bi “*”.

Taqsimi 1: L-ittra żgħira “e” segwita bin-numru li jiddistingwi ta' l-Istat Membru li joħroġ l-approvazzjoni tat-tip KE:

1	għall-Ġermanja;	19	għar-Rumanija;
2	għal Franza;	20	għall-Polonja;
3	għall-Italja;	21	għall-Portugall;
4	għall-Olanda;	23	għall-Greċja;
5	għall-Iżvezja;	24	għall-Irlanda.
6	għall-Belġju;	26	għas-Slovenja;
7	għall-Ungerija;	27	għas-Slovakkja;
8	għar-Repubblika Ċeka;	29	għall-Estonja;
9	għal Spanja;	32	għal-Latvja;
11	għar-Renju Unit;	34	għall-Bulgarija;
12	għall-Awstrija;	36	għal-Litwanja;
13	għal-Lussemburgu;	49	għal Ċipru;
17	għall-Finlandja;	50	għal Malta.
18	għad-Danimarka;		

Taqsimi 2: In-numru tad-direttiva jew regolament ta' bażi.

Taqsimi 3: In-numru ta' l-aħħar direttiva jew regolament inklużi atti ta' implimentazzjoni applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip.

- Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa, din ifisser l-aħħar direttiva jew regolament li temenda Artikolu (jew Artikoli) tad-Direttiva 2007/46/KE.
- Fil-każ ta' approvazzjonijiet tat-tip ta' vetturi sħiħ mogħtija skond il-proċedura deskritta fl-Artikolu 22, dan ifisser l-aħħar direttiva jew regolament li temenda Artikolu (jew Artikoli) tad-Direttiva 2007/46/KE, għajr għal li l-ewwel żewġ numri (eż. 20) jiġu sostitwiti bl-ittri kbar KS.
- Dan ifisser l-aħħar direttiva jew regolament li fiha d-dispożizzjonijiet attwali li magħhom hija konformi s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika.
- Jekk direttiva jew regolament, inklużi l-atti ta' implimentazzjoni tagħhom, ikun fiha preskrizzjonijiet tekniċi differenti li jridu jiġu applikati minn dati speċifiċi, it-Taqsimi 3 għandha tiġi segwita b'ordni alfabetiku sabiex jidher ċar għal liema preskrizzjoni teknika ngħatat l-approvazzjoni. Meta hemm kategoriji ta' vetturi differenti, l-ittra ta' l-alfabett tista' wkoll tirreferi għal kategorija speċifika ta' vettura.

⁽¹⁾ Il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għandhom jiġu mmarkati skond d-dispożizzjonijiet ta' l-atti regolatorji rilevanti.

▼ **M1**

- Taqsim 4: Numru sekwenzjali b'erba' ċifri (b'żerijiet fuq quddiem skond kif applikabbli) għall-approvazzjonijiet tat-tip KE ta' vetturi sħaħ, jew erba' jew ħames ċifri għall-approvazzjoni tat-tip skond direttiva jew regolament separat biex jidher in-numru bażi ta' approvazzjoni tat-tip. Is-sekwenza għandha tibda minn 0001 għal kull direttiva jew regolament bażi.
- Taqsim 5: Numru sekwenzjali b'żewġ digits (b'żerijiet quddiem jekk ikun applikabbli) biex juri l-estensjoni. Is-sekwenza għandha tibda minn 00 għal kull numru ta' approvazzjoni bażi.
2. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa, it-Taqsim 2 għandha titħalla barra.

Madankollu, fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali mogħtija għal vetturi manifatturati f'serje żgħira skond l-Artikolu 23, it-Taqsim 3 għandha tiġi sostiwita bl-ittri kbar NKS
 3. Dwar il-pjanċa(i) regolatorja(i) tal-vettura biss, it-Taqsim 5 għandha titħalla barra.
 4. Arranġamenti tan-numri ta' approvazzjoni tat-tip
 - 4.1. Eżempju tat-tielet approvazzjoni tat-tip (li s'issa mingħajr estensjoni) maħruġ minn Franza.
(a) għad-Direttiva 71/320/KEE:
e2*71/320*2002/78*00003*00
(b) għad-Direttiva 2005/55/KE:
e2*2005/55*2006/51D*00003*00 – fil-każ ta' direttiva jew regolament bi preskrizzjonijiet tekniċi differenti (ara t-taqsim 3).
 - 4.2. Eżempju tat-tieni estensjoni għar-raba' approvazzjoni tat-tip ta' vettura maħruġa mir-Renju Unit:
e11*2007/46*0004*02
 - 4.3. Eżempju ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa mogħtija għal vettura manifatturata f'serje żgħira mil-Lussemburgu, skond l-Artikolu 22:
e13*KS 07/46*0001*00.
 - 4.4. Eżempju ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali mogħtija għal vettura manifatturata f'serje żgħira mill-Olanda, skond l-Artikolu 23:
e4*NKS*0001*00.
 - 4.5. Eżempju tan-numru ta' approvazzjoni tat-tip li jrid jiġi ttimbrat fuq il-pjanċa(i) statutorja(i) tal-vettura:
e11*2007/46*0004.
 5. L-Anness VII ma japplikax għar-Regolamenti UNECE elenkati fl-Anness IV. L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skond ir-Regolamenti UNECE għandhom ikomplu jużaw in-numerazzjoni xierqa stipulata fir-Regolamenti rispettivi.


▼ **M1***Appendiċi***Marka ta' approvazzjoni tat-tip KE għal unità teknika separata u komponent**

1. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip KE għal unità teknika separata u komponent għandha tikkonsisti fi:
 - 1.1. rettangolu madwar l-ittra żgħira “e” segwita mill-ittra(i) ta' distinzjoni jew in-numru ta' l-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip KE ta' komponent jew unità teknika separata:

1 Għall-Ġermanja	19 Għar-Rumanija
2 Għal Franza	20 Għall-Polonja
3 Għall-Italja	21 Għall-Portugall
4 Għall-Olanda	23 Għall-Greċja
5 Għall-Isvezja	24 Għall-Irlanda
6 Għall-Belġju	26 Għas-Slovenja
7 Għall-Ungerija	27 Għas-Slovakja
8 Għar-Repubblika Ċeka	29 Għall-Estonja
9 Għal Spanja	32 Għal-Latvja
11 Għar-Renju Unit	34 Għall-Bulgarija
12 Għall-Awstrija	36 Għal-Litwanja
13 Għal-Lussemburgu	49 Għal Ċipru
17 Għall-Finlandja	50 Għal Malta
18 Għad-Danimarka	
 - 1.2. Fil-viċinanza tar-rettanglu n-“numru ta' approvazzjoni ta' bażi” li jinsab fit-Taqsima 4 tan-numru ta' approvazzjoni tat-tip preċedut miż-żewġ ċifri li jindikaw in-numru ta' sekwenza assenjat lill-aktar emenda teknika ewlenija reċenti tad-direttiva jew regolament separata rilevanti.
 - 1.3. Simbolu jew simboli addizzjonali li jinsabu fuq ir-rettangolu, li jippermetti(u) li jiġu identifikati ċerti karatteristiċi. Din l-informazzjoni ulterjuri hija speċifikata fid-direttivi jew regolamenti separati rilevanti.
2. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent jew unità teknika separata hija mwaħħla ma' l-unità teknika separata jew komponent b'tali mod li ma tkunx tista' titħassar u li tkun leġibbli b'mod ċar.
3. Eżempju ta' marka ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent jew unità teknika separata tinsab fl-*Addendum*.

▼ M1*Addendum għall-appendiċi 1*

Eżempju ta' marka ta' approvazzjoni tat-tip għal komponent jew unità teknika separata



01 0004 

Tifsira: l-approvazzjoni tat-tip għal-komponenti ta' hawn fuq inharghet mill-Belġju taħt in-numru 0004. 01 huwa numru sekwenzjali li juri il-livell ta' rekwiżiti tekniċi li jissodisfa dan il-komponent. In-numru sekwenzjali huwa attribwit skond id-direttiva jew regolament rilevanti separata.

NB: Is-simboli addizzjonali ma jidhrux f'dan l-eżempju.



ANNEX VIII

RIŻULTATI TA' L-ITTESTJAR

(Għandha tiġi kkompletata mill-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip u meħmuża maċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-vettura)

F'kull każ, l-informazzjoni għandha tagħmilha ċar għal-liema varjant u verżjoni hija applikabbli. Verżjoni waħda ma jistax ikollha aktar minn riżultat wieħed. Madankollu, taħlita ta' diversi riżultati għal kull verżjoni li jindikaw l-aġar każ hija permissibbli. Fil-każ ta' l-aħħar, nota għandha tiddikjara li għall-punti mmarkati (*) r-riżultati ta' l-aġar każ biss huma mogħtija.

1. Riżultati tat-testijiet tal-livell ta' ħoss

Numru ta' l-att regolatorju bażi u l-att regolatorju ta' emenda l-aktar riċenti applikabbli għall-approvazzjoni. Fil-każ ta' att regolatorju b'żewġ stadji ta' implimentazzjoni jew aktar, indika wkoll l-istadju ta' implimentazzjoni:

Varjant/Verżjoni:	...	...	...
Miexi/Miexja (dB(A)/E):	...	...	...
Stazzjonarju/a (dB(A)/E):	...	...	...
bi (min ⁻¹):	...	...	...

2. Riżultati tat-testijiet ta' emissjoni ta' l-egżost

2.1. Emissjonijiet minn vetturi bil-mutur

Indika l-att regolatorju ta' emenda l-aktar riċenti applikabbli għall-approvazzjoni. Fil-każ li l-att regolatorju għandu żewġ stadji ta' implimentazzjoni jew aktar, indika wkoll l-istadju ta' implimentazzjoni:

Fuel(s) ⁽¹⁾ ... (diesel, petrol, LPG, NG, Bi-fuel: petrol/LPG, Bi-fjuwil: petrol/NG, etanol ...)

2.1.1. Tip ta' ttestjar I ⁽²⁾ emissjonijiet mill-vettura fiċ-ċiklu ta' ttestjar wara l-istartjar kiesaħ

Varjant/Verżjoni:	...	...	...
CO	...	...	...
HC	...	...	...
NO _x			
HC + NO _x			
Partikulati	...	...	...

2.1.2. Tip ta' ttestjar II ⁽²⁾ data dwar l-emissjonijiet meħtieġa biex vettura tkun tajba għal fuq it-triq:

Tip II, ittestjar idle baxx

Varjant/Verżjoni:	...	...	...
CO %	...	...	...
Veloċità tal-magna	...	...	...
Temperatura taż-żejt tal-magna	...	...	...

⁽¹⁾ Meta huma applikabbli restrizzjonijiet għall-fjuwil, indika dawn ir-restrizzjonijiet (per eżempju, għal gass naturali l-firxa L jew il-firxa-H).

⁽²⁾ Irrepeti għall-petrol u l-fjuwil gassuż fil-każ ta' vettura li tista' taħdem bil-petrol jew bi fjuwil gassuż. Bħala fjuwil il-vetturi jistgħu jingħataw kemm petrol kif ukoll fjuwil gassuż iżda, fil-każ fejn is-sistema tal-petrol tkun mgħammra għal għanijiet ta' emerġenza jew ta' startjar biss u li t-tank tal-petrol tagħha ma jesax aktar min 15-il litru ta' petrol, għat-test jiġu kkunsidrati bħala vetturi li jaħdmu biss bi fjuwil gassuż.

▼B

Tip II, ittestjar idle għoli:

Varjant/Verżjoni:	...	...	...
CO %	...	...	...
Valur tal-lambda	...	...	...
Veloċità tal-magna			
Temperatura taż-żejt tal-magna	...	...	...

2.1.3. Riżultat ta' l-ittestjar tat-tip III:

2.1.4. Riżultat ta' l-ittestjar tat-tip IV (test evaporattiv): ... g/test

2.1.5. Riżultat ta' l-ittestjar tat-tip V dwar id-durabilità:

— Tip ta' durabilità: 80 000 km/100 000 km/mhux applikabbli ⁽¹⁾

— Fattur ta' deterjorazzjoni DF: ikkalkolat/fiss ⁽¹⁾

— Valur ta' speċifikazzjoni:

CO: ...

HC: ...

NO_x: ...

2.1.6. Riżultat ta' l-ittestjar tat-tip VI fuq emissjonijiet minn temperatura ambjentali baxxa:

Varjant/Verżjoni:	...	...	...
CO g/km			
HC g/km			

2.1.7. OBD: iva/le ⁽¹⁾

2.2. Emissjonijiet minn magni għal użu f'vetturi.

Indika l-att regolatorju ta' emenda l-aktar riċenti applikabbli għall-approvazzjoni. Fil-każ li l-att regolatorju għandu żewġ stadji ta' implimentazzjoni jew aktar, indika wkoll l-istadju ta' implimentazzjoni:

Fjuwil(s) ⁽²⁾: ... (diesel, petrol, LPG, NG, etanol ...)

2.2.1. Riżultati ta' l-ittestjar ESC ⁽³⁾

CO: g/kWh

THC: g/kWh

NO_x: g/kWh

PT: g/kWh

2.2.2. Riżultati ta' l-ittestjar ELR ⁽³⁾

Smoke value: ... m⁻¹

⁽¹⁾ Ħassar fejn mhux applikabbli.

⁽²⁾ Meta huma applikabbli restrizzjonijiet għall-fjuwil, indika dawn ir-restrizzjonijiet (per eżempju, għal gass naturali l-firxa L jew il-firxa-H).

⁽³⁾ Jekk applikabbli.

▼B2.2.3. Riżultati ta' l-ittestjar ETC ⁽¹⁾

CO:	g/kWh
THC:	g/kWh ⁽¹⁾
NMHC:	g/kWh ⁽¹⁾
CH ₄ :	g/kWh ⁽¹⁾
NO _x :	g/kWh ⁽¹⁾
PT:	g/kWh ⁽¹⁾

2.3. Duħħan tad-diesel

Indika l-att regolatorju ta' emenda l-aktar riċenti applikabbli għall-approvazzjoni. Fil-każ li l-att regolatorju għandu żewġ stadji ta' implimentazzjoni jew aktar, indika wkoll l-istadju ta' implimentazzjoni:

2.3.1. Riżultati tat-test taħt aċċelerazzjoni libera

Varjant/Verżjoni:	...	...	...
Valur korrett tal-koeffiċjent ta' assorbiment (m ⁻¹):	...	...	...
Idling speed normali tal-magna:			
Veloċità massima tal-magna			
Temperatura taż-żejt (min./mass.)			

3. Riżultati ta' l-emissjoni ta' CO₂/testijiet tal-konsum ta' fjuwil ⁽¹⁾ ⁽²⁾

Numru ta' l-att regolatorju u l-att regolatorju ta' emenda l-aktar riċenti applikabbli għall-approvazzjoni:

Varjant/Verżjoni:	...	...	...
Emissjonijiet ta' massa ta' CO ₂ (kondizzjonijiet urbani) (g/km):	...	...	...
Emissjonijiet ta' massa ta' CO ₂ (kondizzjonijiet extra-urbani) (g/km)	...	...	...
Emissjoni ta' massa ta' CO ₂ (magħquda) (g/km)	...	...	...
Konsum ta' fjuwil (kondizzjonijiet urbani) (l/100 km) ⁽³⁾	...	...	...
Konsum ta' fjuwil (kondizzjonijiet extra-urbani) (l/100 km) ⁽³⁾	...	...	...
Konsum ta' fjuwil (magħqud) (l/100 km) ⁽³⁾	...	...	...

⁽¹⁾ Jekk applikabbli.

⁽²⁾ Irrepeti għall-petrol u l-fjuwil gassuż fil-każ ta' vettura li tista' taqdem bil-petrol jew bi fjuwil gassuż. Bħala fjuwil il-vetturi jistgħu jingħataw kemm petrol kif ukoll fjuwil gassuż iżda, fil-każ fejn is-sistema tal-petrol tkun mgħammra għal għanijiet ta' emerġenza jew ta' startjar biss u li t-tank tal-petrol tagħha ma jesax aktar min 15-il litru ta' petrol, għat-test jiġu kkunsidrati bħala vetturi li jaħdmu biss bi fjuwil gassuż.

⁽³⁾ Għal vetturi li jieħdu fjuwil NG, l-unità "l/100 km" hija sostitwita b' "m³/100 km".

▼M4

▼C1

ANNEX IX

ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ TAL-KE

0. OĠĠETTIVI

L-ċertifikat ta' konformità huwa dikjarazzjoni mogħtija mill-manifattur tal-vettura lix-xerrej sabiex iserraħlu moħħu li l-vettura li huwa jkun akkwista tikkonforma mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea fil-ħin meta din ġiet iffabbrikata.

L-ċertifikat ta' konformità għandu wkoll l-għan li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jirreġistraw vetturi mingħajr mal-applikant ikollu għaliex jipprovdi dokumentazzjoni teknika addizzjonali.

Għal dawn l-għanijiet, l-ċertifikat ta' konformità għandu jinkludi:

- (a) in-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura;
- (b) il-karatteristiċi tekniċi preċiżi tal-vettura (jiġifieri mhuwiex permiss li tisemma xi medda ta' valuri fid-daħliet varji).

1. DESKRIZZJONI ĠENERALI

1.1. L-ċertifikat ta' konformità għandu jkun magħmul minn żewġ partijiet.

(a) NAĦA I, li hija magħmula minn dikjarazzjoni ta' konformità mill-manifattur. L-istess mudell huwa komuni għall-kategoriji ta' vetturi kollha.

(b) NAĦA 2, li hija deskrizzjoni teknika tal-karatteristiċi prinċipali tal-vettura. Il-mudell ta' Naħa 2 huwa xieraq għal kull kategorija speċifika ta' vetturi.

1.2. L-ċertifikat ta' konformità għandu jitfassal f'format massimu A4 (210 x 297 mm) jew f'folder ta' format massimu A4.

1.3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet fit-Taqsima O (b), il-valuri u l-unitajiet indikati fit-tieni Parti għandhom ikunu daww mogħtija fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-atti regolatorji rilevanti. Fil-każ ta' konformità tal-kontrolli tal-produzzjoni, il-valuri għandhom jiġu vverifikati skont il-metodi stabbiliti fl-atti regolatorji rilevanti. It-tolleranzi permessi f'daww l-atti regolatorji għandhom jitqiesu.

2. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

2.1. Il-Mudell A ta' ċertifikat tal-konformità (vettura kompluta) għandu jkopri l-vetturi li jistgħu jintużaw fuq it-triq mingħajr ma jkunu jeħtieġu xi fażi oħra għall-approvazzjoni tagħhom.

2.2. Il-Mudell B ta' ċertifikat ta' konformità (vetturi kompluti) għandu jkopri vetturi li għaddew minn fażi oħra għall-approvazzjoni tagħhom.

Dan huwa riżultat normali tal-proċess ta' approvazzjoni b'aktar minn fażi waħda (eż. xarabank mibnija minn manifattur tat-tieni fażi fuq xaxi mibni minn manifattur ta' vettura).

Il-karatteristiċi addizzjonali miżjudin matul il-proċess ta' aktar minn fażi waħda għandhom jiġu deskritti fil-qosor.

2.3. Il-Mudell Ċ ta' ċertifikat ta' konformità (vetturi mhux kompluti) għandu jkopri vetturi li jeħtieġu fażi oħra għall-approvazzjoni tagħhom (eż. xaxi ta' trakk).

Għajr għal tratturi għal semi-karrijiet, ċertifikati tal-konformità li jkopru vetturi-kabina li jappartjenu għall-kategorija N għandhom ikunu ta' Mudell Ċ.

▼ **C1***PARTI I***VETTURI KOMPLUTI U KKOMPLETATI**

MUDELL A1 - NAĦA 1

VETTURI KOMPLUTI

ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ TAL-KE

Naħa 1

Is-sottoskritt [..... (*Isem sħiħ u kariga*)] b'dan jiċċertifika li l-vettura:

0.1 Għamla (Isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2 Tip:

Varjant ^(a):

Verżjoni ^(a):

0.2.1. Isem kummerċjali:

0.4. Kategorija ta' vettura:

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:

0.6. Post u metodu ta' twaħħil tal-pjanċi statutorji:

Post tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:

0.9. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk applikabbli):

0.10. Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:

tikkonforma f'kull rigward mat-tip deskritt fl-approvazzjoni (.... *numru ta' approvazzjoni tat-tip inkluż in-numru ta' estensjoni*) maħruġa nhar (..... *data tal-ħruġ*) u

tista' tiġi rreġistrata b'mod permanenti fi Stati Membri li għandhom traffiku fuq in-naħa tal-lemin/xellug ^(b) u li jużaw unitajiet metriċi/imperjali ^(c) għall-miter tal-veloċità ^(d).

(Post) (Data):

(Firma):

▼C1

MUDELL A2 - NAĦA 1

VETTURI KOMPLUTI TAT-TIP APPROVAT F'SERJE ŻĠĦAR

[Sena]	[numru sekwenzjali]
--------	---------------------

ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ TAL-KE

Naħa 1

Is-sottoskritt [..... (*Isem sħiħ u kariga*)] b'dan jiċċertifika li l-vettura:

- 0.1 Għamla (Isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2 Tip:
- Varjant ^(a):
- Verżjoni ^(a):
- 0.2.1. Isem kummerċjali:
- 0.4. Kategorija ta' vettura:
- 0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:
- 0.6. Post u metodu ta' twaħħil tal-pjanċi statutorji:
- Post tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:
- 0.9. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk applikabbli):
- 0.10. Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:

tikkonforma f'kull rigward mat-tip deskritt fl-approvazzjoni (.... *numru ta' approvazzjoni tat-tip inkluż in-numru ta' estensjoni*) maħruġa nhar (..... *data tal-ħruġ*) u

tista' tiġi rreġistrata b'mod permanenti fi Stati Membri li għandhom traffiku fuq in-naħa tal-lemin/xellug ^(b) u li jużaw unitajiet metriċi/imperjali ^(c) għall-miter tal-veloċità ^(d).

(Post) (Data):

(Firma):

▼ **C1**

MUDELL B – NAĦA 1

VETTURI KKOMPLETATI

ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ TAL-KE

Naħa 1

Is-sottoskritt [..... (*Isem sħiħ u kariga*)] b'dan jiċċertifika li l-vettura:

- 0.1 Għamla (Isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2 Tip:
- Varjant ^(a):
- Verżjoni ^(a):
- 0.2.1 Isem kummerċjali:
- 0.4 Kategorija ta' vettura:
- 0.5 Isem u indirizz tal-manifattur:
- 0.6 Post u metodu ta' twaħħil tal-pjanċi statutorji:
- Post tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:
- 0.9 Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk applikabbli):
- 0.10 Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:
- a) ġiet ikkompletata u nbidlet ⁽¹⁾ kif ġej: u
- b) tikkonforma f'kull rigward mat-tip deskritt fl-approvazzjoni (...
numru ta' approvazzjoni tat-tip inkluż in-numru ta' estensjoni)
maħruġa nhar (..... data tal-ħruġ) u
- c) tista' tiġi rreġistrata b'mod permanenti fi Stati Membri li għandhom
traffiku fuq in-naħa tal-lemin/xellug ^(b) u li jużaw unitajiet metriċi/
imperjali ^(c) għall-miter tal-veloċità ^(d).

(Post) (Data):

(Firma):

Dokumenti meħmużin: Ċertifikat ta' konformità kkunsinjat f'kull fażi preċedenti.

▼ **C1****NAĦA 2****KATEGORIJA TA' VETTURI M₁**

(vetturi kompluti u kkompletati)

Naħa 2**Karatteristiċi ta' kostruzzjoni ġenerali**

1. Numru ta' fusijiet: u roti:
3. Fusijiet motorizzati (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni):

Dimensjonijiet prinċipali

4. Bażi tar-rota (°): mm
- 4.1. Spazju tal-fus: 1-2: ... mm 2-3: mm 3-4: ... mm
5. Tul: mm
6. Wisa': mm
7. Għoli: mm

Piżijiet

13. Piż tal-vetturi fil-kundizzjoni ta' tħaddim: kg ^(f)
16. Piżijiet massimi teknikament permissibbli
- 16.1. Piżijiet massimi mgħobbija teknikament permissibbli: kg
- 16.2. Piż teknikament permissibbli fuq kull fus: 1. kg
2. kg 3. eċċ.
- 16.4. Piż massimu teknikament permissibbli tal-kombinazzjoni: kg
18. Piż massimu teknikament permissibbli tal-irmonkar fil-każ ta':
- 18.1. Karro bil-ganċ tal-ġbid: kg
- 18.3. Karro bil-fus fin-nofs: kg
- 18.4. Karro mhux ibbrejkjat: kg
19. Piż vertikali statiku massimu teknikament permissibbli fil-punt tal-iġġanċjar: kg

Impjant tal-enerġija

20. Manifattur tal-magna:
21. Kodiċi tal-magna kif immarkat fuq il-magna:
22. Prinċipju tal-mod kif taħdem:
23. Purament elettrika: iva/le ⁽¹⁾
- 23.1. Vettura ibrida [taħdem bl-elettriku]: iva/le ⁽¹⁾
24. Numru u arranġament taċ-ċilindri:
25. Ċilindrata tal-magna: cm³
26. Fjuwil: Diesel/petrol/LPG/NG – Biometan/Etanol/Biodiesel/Idroġenu ⁽¹⁾

▼C1

26.1. Mono fjuwil/Bi fjuwil/Flex fjuwil ⁽¹⁾

27. Potenza netta massima ^(g): kW f' min⁻¹ jew
saħħa massima kontinwa mogħtija (mutur tal-elettriku) .. kW ⁽¹⁾

Veloċità massima

29. Veloċità massima: km/h

Fusijiet u sospensjoni

30. Trekk tal-fus(ijiet): 1. mm 2. mm 3. mm

35. Kombinazzjoni tajjer/rota ^(h):

Brejkijiet

36. Konnessjonijiet ta' brejk ta' karro mekkaniċi/elettriċi/pnewmatiċi/idrawliċi ⁽¹⁾

Karrozzierija

38. Kodiċi għall-karrozzierija ⁽ⁱ⁾:

40. Kulur tal-vettura ^(j):

41. Numru u konfigurazzjoni ta' bibien:

42. Numru ta' pozzizzjonijiet bilqiegħda (inkluż tax-xufier) ^(k):

